



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.7.2020  
COM(2020) 306 final

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT  
EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020**

MT

MT

MT

## 1. DAĦLA

Sistemi tal-ġustizzja effettivi huma essenzjali sabiex jimplimentaw id-dritt tal-UE u sabiex jiddefendu l-istat tad-dritt u l-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE. Il-qrati nazzjonali jaġixxu bħala qrati tal-UE meta japplikaw id-dritt tal-Unjoni. Huma l-qrati nazzjonali li l-ewwel jiżguraw li d-drittijiet u l-obbligi previsti skont id-dritt tal-Unjoni jiġu infurzati b'mod effettiv (l-Artikolu 19 TUE).

Sistemi tal-ġustizzja effettivi huma essenzjali wkoll għall-fiduċja reċiproka, għall-klima tal-investment u għas-sostenibbiltà tat-tkabbir fit-tul. Għal din ir-raġuni, it-titjib tal-effiċjenza, tal-kwalità u tal-indipendenza tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali għadu meqjus bħala waħda mill-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew – iċ-ċiklu annwali ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-UE. L-istrateġija annwali tal-2020 għat-tkabbir sostenibbli, li tistabbilixxi l-istrateġija tal-politika ekonomika u tal-impjiegi għall-UE u tqiegħed is-sostenibbiltà u l-inklużjoni soċjali fil-qalba tat-tfassil tal-politika ekonomika tal-UE, itteni r-rabta bejn sistemi tal-ġustizzja effettivi u l-ambjent tan-negozju fl-Istati Membri. Sistemi tal-ġustizzja li jaħdmu kif suppost u li jkunu kompletament indipendenti jista' jkollhom impatt pożittiv fuq l-investment u, għalhekk, jikkontribwixxu għall-produttività u għall-kompetittività. Huma wkoll importanti sabiex jiġi żgurat l-infurzar transfruntiera effettiv tal-kuntratti u tad-deċiżjonijiet amministrattivi u tas-soluzzjoni għat-tilwim, li huma essenzjali għall-funzjonament tas-suq uniku<sup>(1)</sup>.

F'dan l-isfond, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tippreżenta ħarsa ġenerali annwali tal-indikaturi li jiffokaw fuq il-parametri essenzjali ta' sistemi tal-ġustizzja effettivi: l-effiċjenza, il-kwalità u l-indipendenza. L-edizzjoni tal-2020 tkompli tiżviluppa l-indikaturi fuq it-tliet elementi kollha. Din ma tirriflettix il-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, peress li d-*data* tkopri s-snin mill-2012 sal-2019, iżda mhux l-2020.

*– Il-Mekkaniżmu Ewropew għall-Istat tad-dritt –*

Kif imħabbar fil-linji gwida politiċi tal-President von der Leyen, il-Kummissjoni stabbiliet Mekkaniżmu Ewropew tal-Istat tad-Dritt komprensiv sabiex tapprofondixxi l-monitoraġġ tagħha tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri. Il-Mekkaniżmu tal-Istat tad-Dritt se jaġixxi bħala għodda preventiva, li tapprofondixxi d-djalogu u s-sensibilizzazzjoni konġunta dwar kwistjonijiet relatati mal-istat tad-dritt. Il-karatteristiċi ewlenin tiegħu huma spjegati fid-dettall fil-“Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar It-tishiġ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni – Pjan ta' azzjoni” tal-2019. Il-Mekkaniżmu l-ġdid se jibbaża fuq Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt, li se jipprovdi sinteżi tal-iżviluppi sinifikanti – kemm pożittivi kif ukoll negattivi – fl-Istati Membri kollha. Ir-Rapport se jkun ibbażat fuq varjetà ta' sorsi, inkluża t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE.

---

<sup>1</sup> Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni “L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku” COM(2020)93 u li takkumpanja l-SWD(2020)54.

### ***X'inhi t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE?***

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE hija għodda ta' informazzjoni komparattiva annwali. L-iskop tagħha huwa li tassisti lill-UE u lill-Istati Membri sabiex itejbu l-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali tagħhom billi tipprovdi *data* oġġettiva, affidabbli u komparabbli dwar għadd ta' indikaturi rilevanti għall-valutazzjoni tal-effiċjenza, tal-kwalità u tal-indipendenza tas-sistemi tal-ġustizzja fl-Istati Membri kollha. Ma tippreżentax klassifikazzjoni unika globali, iżda tagħti ħarsa ġenerali lejn il-funzjonament tas-sistemi tal-ġustizzja kollha, fuq il-bażi ta' indikaturi li huma ta' interess komuni għall-Istati Membri kollha.

It-Tabella ta' Valutazzjoni ma tippromwovi ebda tip partikolari ta' sistema tal-ġustizzja u tittratta lill-Istati Membri kollha b'mod ugwali.

L-effiċjenza, il-kwalità u l-indipendenza huma parametri essenzjali ta' sistema tal-ġustizzja effettiva, ikunu xi jkun il-mudell tas-sistema tal-ġustizzja nazzjonali jew it-tradizzjoni legali li tkun imsejsa fuqha. Jenħtieġ li l-illustrazzjonijiet dwar dawn it-tliet parametri jinqraw flimkien, għaliex it-tliet elementi spiss ikunu marbutin flimkien (inizjattivi li għandhom l-għan li jtejbju xi wieħed minnhom jistgħu jkollhom influwenza fuq l-ieħor).

It-Tabella ta' Valutazzjoni tiffoka primarjament fuq kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi, kif ukoll fuq kawżi amministrattivi sabiex tgħin lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex joħlqu ambjent li jiffavorixxi aktar l-investment, in-negozju u ċ-ċittadini. It-Tabella ta' Valutazzjoni hija għodda komparattiva li tevolvi fi djalogu mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>. L-oġġettiv tagħha huwa li tidentifika l-parametri essenzjali ta' sistema tal-ġustizzja effettiva u li tipprovdi *data* annwali rilevanti.

### ***X'inhi l-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE?***

It-Tabella ta' Valutazzjoni tuża firxa ta' sorsi ta' informazzjoni. Il-biċċa l-kbira tad-*data* kwantitattiva hija pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ) tal-Kunsill Ewropew li magħha l-Kummissjoni kkonkludiet kuntratt sabiex twettaq studju annwali speċifiku. Din id-*data* tkopri l-perjodu bejn l-2012 u l-2018 u ġiet ipprovduta mill-Istati Membri skont il-metodoloġija tas-CEPEJ<sup>(3)</sup>. L-istudju jipprovdi wkoll kummenti dettaljati u skedi informattivi speċifiċi għall-pajjiż li jagħtu aktar kuntest. Jenħtieġ li dawn jinqraw flimkien mal-illustrazzjonijiet <sup>(4)</sup>.

Id-*data* fuq it-tul tal-proċedimenti miġbura mis-CEPEJ turi “ż-żmien għat-tlestija” li huwa t-tul kalkolat tal-proċedimenti tal-qorti (ibbażat fuq proporzjon bejn il-kawżi pendenti u dawk magħluqa). Id-*data* dwar l-effiċjenza tal-qorti fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni turi li t-tul medju tal-proċedimenti ġej mit-tul attwali tal-kawżi tal-qorti. Ta' min jinnota li t-tul tal-proċedimenti tal-qorti jista' jvarja sostanzjalment bejn iż-żoni fi ħdan Stat Membru, b'mod partikolari f'ċentri urbani fejn l-attivitajiet kummerċjali jistgħu jwasslu għal ammont akbar ta' kawżi.

Sorsi oħra ta' *data*, li jkopru l-perjodu mill-2010 sal-2019<sup>(5)</sup>, huma: il-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali <sup>(6)</sup>, in-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (ENCJ) <sup>(7)</sup>, in-

<sup>2</sup> eż. Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2017 (P8\_TA(2018)0216).

<sup>3</sup> Sabiex jitnaqqas il-perjodu ta' żmien, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 tqis l-2012 bħala s-sena ta' referenza għad-*data* tas-CEPEJ, filwaqt li l-edizzjoni tal-2019 użat *data* mill-2010.

<sup>4</sup> [https://ec.europa.eu/info/strategy/justice-and-fundamental-rights/effective-justice/eu-justice-scoreboard\\_mt](https://ec.europa.eu/info/strategy/justice-and-fundamental-rights/effective-justice/eu-justice-scoreboard_mt)

<sup>5</sup> Illustrazzjoni waħda (48) għadha tuża *data* tal-2010, bħal f'xi Stati Membri, l-istħarriġ rilevanti tar-Rapport dwar il-Kompetittività Globali dwar il-perċezzjoni tal-indipendenza twettaq fl-2010, fl-2011 jew fl-2012.

<sup>6</sup> Sabiex tgħin fit-tnejn tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE u tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jaħtru żewġ persuni ta' kuntatt, waħda mill-ġudikatura u l-oħra mill-ministeru tal-ġustizzja. Dan il-grupp informali jiltaqa' regolarment.

<sup>7</sup> L-ENCJ għaqqad lill-istituzzjonijiet nazzjonali fl-Istati Membri li huma indipendenti mill-eżekuttiv u mil-leġiżlatura, u li huma responsabbli għall-appoġġ tal-ġudikaturi fit-twassil indipendenti tal-ġustizzja: <https://www.encj.eu/>

Network tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-UE (NPSJC) <sup>(8)</sup>, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġurisdizzjonijiet Amministrattivi Supremi tal-UE (ACA-Europe) <sup>(9)</sup>, in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni (NEK)<sup>(10)</sup>, il-Kumitat tal-Komunikazzjoni (COCOM)<sup>(11)</sup>, l-Osservatorju Ewropew tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali<sup>(12)</sup>, in-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC)<sup>(13)</sup>, il-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (EGMLTF)<sup>(14)</sup>, il-Eurostat<sup>(15)</sup>, in-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)<sup>(16)</sup> u l-Forum Ekonomiku Dinji (WEF)<sup>(17)</sup>.

Tul is-snin, il-metodoloġija għat-Tabella ta' Valutazzjoni kompliet tiġi żviluppata u rfinata aktar f'kooperazzjoni mill-qrib mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' kwestjonarju (aġġornat ta' kull sena) u għbir ta' data dwar ċerti aspetti tal-funzjonament tas-sistemi tal-ġustizzja.

Id-disponibbiltà tad-data, b'mod partikolari għall-indikaturi dwar l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja, tkompli tittejjeb hekk kif diversi Stati Membri investew fil-kapaċità tagħhom sabiex jipproduċu statistika ġudizzjarja mtejbja. Fejn għad fadal diffikultajiet fil-għbir jew fil-provvista tad-data, dan huwa dovut jew għal kapaċità statistika insuffiċjenti jew inkella għall-fatt li l-kategoriji nazzjonali li għalihom tinġabar id-data ma jikkorrispondux eżattament għal dawk użati għat-Tabella ta' Valutazzjoni. Fi ftit każijiet biss hemm diskrepanza fid-data minħabba nuqqas ta' kontributi mill-awtoritajiet nazzjonali. Il-Kummissjoni se tkompli tħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex ikomplu jnaqqsu din id-diskrepanza fid-data.

### ***It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE kif tikkontribwixxi għas-Semestru Ewropew?***

It-Tabella ta' Valutazzjoni tipprovdi elementi għall-valutazzjoni tal-effiċjenza, tal-kwalità u tal-indipendenza tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali u b'hekk timmira li tgħin lill-Istati Membri jtejbju l-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali tagħhom. Billi tqabbel l-informazzjoni dwar is-sistemi tal-

<sup>8</sup> L-NPSJC jipprovdi forum li jagħti lill-istituzzjonijiet Ewropej l-opportunità li jitolbu l-opinjoni tal-Qrati Supremi u sabiex jingħaqdu aktar mill-qrib billi jħeġġu d-diskussjoni u l-iskambju tal-ideat: <http://network-presidents.eu/>

<sup>9</sup> ACA-Europa hija fformata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u mill-Kunsilli tal-Istat jew mill-ġurisdizzjonijiet amministrattivi Supremi ta' kull wieħed mill-Istati Membri: <http://www.juradmin.eu/index.php/en/>

<sup>10</sup> In-NEK twaqqaf bħala forum għad-diskussjoni u għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Ewropej tal-kompetizzjoni f'każijiet li fihom jiġu applikati l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. In-NEK huwa l-qafas għall-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni mill-qrib tar-Regolament tal-Kunsill 1/2003. Permezz tan-NEK, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE jikkooperaw ma' xulxin: [http://ec.europa.eu/competition/ecn/index\\_en.html](http://ec.europa.eu/competition/ecn/index_en.html)

<sup>11</sup> Is-COCOM huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE. Ir-rwol ewlieni tiegħu huwa li jipprovdi opinjoni dwar l-abbozz ta' miżuri li l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li tadotta dwar kwistjonijiet relatati mas-suq diġitali: <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/communications-committee>

<sup>12</sup> L-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali huwa network ta' esperti u ta' speċjalisti kkonċernati. Huwa magħmul minn rappreżentanti tas-settur pubbliku u privat, li jikkollaboraw fi gruppi ta' ħidma attivi. <https://euipo.europa.eu/ohimportal/en/web/observatory/home>

<sup>13</sup> Is-CPC huwa network ta' awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fil-pajjiżi tal-UE u taż-ŻEE: [http://ec.europa.eu/internal\\_market/scoreboard/performance\\_by\\_governance\\_tool/consumer\\_protection\\_cooperation\\_network/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/internal_market/scoreboard/performance_by_governance_tool/consumer_protection_cooperation_network/index_en.htm)

<sup>14</sup> L-EGMLTF jiltaqa' regolarment sabiex jaqsam il-fehmiet tiegħu u jgħin lill-Kummissjoni bl-għan li tiddefinixxi politika u tabbozza leġiżlazzjoni ġdida dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu: [http://ec.europa.eu/justice/civil/financial-crime/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/justice/civil/financial-crime/index_en.htm)

<sup>15</sup> Il-Eurostat huwa l-uffiċċju tal-istatistika tal-UE: <http://ec.europa.eu/eurostat/about/overview>

<sup>16</sup> L-EJTN huwa l-pjattaforma prinċipali u promotur tat-taħriġ u tal-iskambju ta' għarfien tal-ġudikatura Ewropea. Huwa jiżviluppa standards u kurrikuli ta' taħriġ, jikkoordina skambji u programmi ta' taħriġ ġudizzjarju, ixerred għarfien espert dwar it-taħriġ u jippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tat-taħriġ ġudizzjarju tal-UE. L-EJTN għandu 34 membru li jirrapreżentaw lill-Istati Membri tal-UE kif ukoll lil korpi transnazzjonali tal-UE. <http://www.ejtn.eu/>

<sup>17</sup> Id-WEF huwa organizzazzjoni internazzjonali għall-kooperazzjoni pubblika-privata, li l-membri tagħha huma kumpaniji: <https://www.weforum.org/>

ġustizzja, it-Tabella ta' Valutazzjoni tagħmilha aktar faċli sabiex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u l-aħjar prattiki u sabiex jinżamm rendikont tal-isfidi u tal-progress. Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-valutazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż isiru permezz ta' djalogu bilaterali mal-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati u mal-partijiet ikkonċernati. Din il-valutazzjoni hija riflessa fir-rapporti annwali tal-pajjiżi fis-Semestru Ewropew u tgħaqqad l-għarfien miksub mit-Tabella ta' Valutazzjoni ma' analiżi kwalitattiva speċifiċi għall-pajjiżi li tirrifletti l-karatteristiċi tas-sistemi ġuridiċi u l-kuntest usa' tal-Istati Membri kkonċernati. Fejn in-nuqqasijiet identifikati jkollhom sinifikat makroekonomiku, l-analiżi taħt is-Semestru Ewropew tista' twassal sabiex il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill l-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għat-titjib tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali fl-Istati Membri individwali<sup>(18)</sup>.

### **Għaliex sistemi tal-ġustizzja effettivi huma importanti għal ambjent li jippromwovi l-investment?**

Sistemi tal-ġustizzja effettivi li jipproteġu l-istat tad-dritt ġew identifikati bħala sistemi li għandhom impatt ekonomiku pożittiv. Fejn is-sistemi tal-ġustizzja jiggerantixxu l-infurzar tad-drittijiet, ikun aktar probabbli li l-kredituri jsejlfu l-flus, li n-negozji jżommu lura minn imġiba opportunistika, li jonqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet u jkun ukoll aktar probabbli li n-negozji innovattivi jinvestu. L-impatt benefiċjarju għall-ekonomija ta' sistemi tal-ġustizzja nazzjonali li jaħdmu kif suppost huwa enfasizzat f'firxa wiesgħa ta' studji u ta' letteratura akkademika, inkluż mill-Fond Monetarju Internazzjonali<sup>(19)</sup>, mill-Bank Ċentrali Ewropew<sup>(20)</sup>, mill-OECD<sup>(21)</sup>, mill-Forum Ekonomiku Dinji<sup>(22)</sup>, u mill-Bank Dinji<sup>(23)</sup>.

Studju sab li t-tnaqqis tat-tul tal-proċedimenti tal-qorti b'1 % (imkejla fi żmien għat-tlestija<sup>(24)</sup>) jista' jżid it-tkabbir tad-ditti<sup>(25)</sup> u li perċentwal ogħla b'1 % ta' kumpaniji li jipperċepixxu s-sistema tal-ġustizzja bħala indipendenti għandu tendenza li jkun assoċjat ma' fatturat u ma' tkabbir fil-produttività ogħla<sup>(26)</sup>. Studju ieħor indika korrelazzjoni pożittiva bejn l-indipendenza ġudizzjarja perċepita u l-flussi ta' investment dirett barrani fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant<sup>(27)</sup>.

<sup>18</sup> Fis-Semestru Ewropew tal-2020, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, indirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi lil tmien Stati Membri relatati mas-sistema tal-ġustizzja tagħhom (HR, IT, CY, HU, MT, PL, PT u SK). Minbarra dawk l-Istati Membri li rċevew proposta għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, tmien Stati Membri oħra (BE, BG, IE, EL, ES, LV, RO u SI) qed jiffaċċjaw sfidi speċifiċi fir-rigward tas-sistemi tal-ġustizzja tagħhom, inklużi l-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġustizzja, li qed jiġu mmonitorjati mill-Kummissjoni permezz tas-Semestru Ewropew. Dawn l-isfidi ġew riflessi fil-premessi tar-Rakkomandazzjonijiet proposti Speċifiċi għall-Pajjiżi u fir-rapporti tal-pajjiżi li jirrigwardaw lil dawn l-Istati Membri. Ir-rapporti tal-pajjiżi l-aktar riċenti tal-2020, ippubblikati fis-26 ta' Frar 2020, huma disponibbli fuq: [https://ec.europa.eu/info/publications/2020-european-semester-country-reports\\_mt](https://ec.europa.eu/info/publications/2020-european-semester-country-reports_mt)

<sup>19</sup> FMI, Regional Economic Outlook, Novembru 2017, *Europe: Europe Hitting its Stride*, pp. xviii, pp. 40, 70: <https://www.imf.org/~media/Files/Publications/REO/EUR/2017/November/eur-booked-print.ashx?la=en>

<sup>20</sup> BĊE, "Structural policies in the euro area", Ġunju 2018, ECB Occasional Paper Series No 210: <https://www.ecb.europa.eu/pub/pdf/scpops/ecb.op210.en.pdf?3db9355b1d1599799aa0e475e5624651>

<sup>21</sup> Ara pereżempju "What makes civil justice effective?", OECD Economics Department Policy Notes, Nru 18, Ġunju 2013 u "The Economics of Civil Justice: New Cross-Country Data and Empirics", OECD Economics Department Working Papers, Nru 1060.

<sup>22</sup> Forum Ekonomiku Dinji, "The Global Competitiveness Report 2019", Ottubru 2019: <https://www.weforum.org/reports/global-competitiveness-report-2019>

<sup>23</sup> Il-Bank Dinji, "World Development Report 2017: Governance and the Law, Chapter 3: The role of law", pp. 83, 140: <http://www.worldbank.org/en/publication/wdr2017>

<sup>24</sup> L-indikatur taż-żmien għat-tlestija huwa l-għadd ta' kawżi mhux solvuti diviż bl-għadd ta' kawżi solvuti sa tmiem is-sena mmultiplikata bi 365 (jum). Dan huwa indikatur standard definit mill-CEPEJ tal-Kunsill tal-Ewropa: [http://www.coe.int/t/dghl/cooperation/cepej/evaluation/default\\_en.asp](http://www.coe.int/t/dghl/cooperation/cepej/evaluation/default_en.asp)

<sup>25</sup> Vincenzo Bove u Leandro Elia; "The judicial system and economic development across EU Member States", JRC Technical Report, EUR 28440 EN, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE, il-Lussemburgu, 2017: [http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/JRC104594/jrc104594\\_2017\\_the\\_judicial\\_system\\_and\\_economic\\_development\\_across\\_eu\\_member\\_states.pdf](http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/JRC104594/jrc104594_2017_the_judicial_system_and_economic_development_across_eu_member_states.pdf)

<sup>26</sup> *Idem*.

<sup>27</sup> Effect of judicial independence on foreign direct investment in Eastern Europe and South Asia; Bülent Dogru; 2012, MPRA Munich Personal RePEc Archive: <https://mpra.ub.uni->

Barra dan, bosta sħarrigijiet enfasizzaw l-importanza tal-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali għall-kumpaniji. Pereżempju, fi sħarriġ minnhom, 93 % tal-kumpaniji l-kbar wieġbu li huma jirrevedu b'mod sistematiku l-kundizzjonijiet tal-istat tad-dritt (inkluża l-indipendenza tal-qrati) fuq bażi kontinwa fil-pajjiżi li jinvestu fihom<sup>(28)</sup>. F'ieħor, aktar minn nofs l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju wieġbu li l-kost u t-tul eċċessiv tal-proċedimenti ġudizzjarji, rispettivament, kienu r-raġunijiet ewlenin għaliex ma fetħux proċedimenti tal-qorti dwar ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali (DPI)<sup>(29)</sup>. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakoli għas-Suq Uniku"<sup>(30)</sup> u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Infurzar tas-Suq Uniku<sup>(31)</sup> wkoll jipprovdu għarfien dwar l-importanza ta' sistemi tal-ġustizzja effettivi għall-funzjonament tas-suq uniku, b'mod partikolari għan-negozji.

### ***Il-Kummissjoni kif tappoġġja l-implimentazzjoni ta' riformi fil-ġustizzja tajba permezz tal-Appoġġ Tekniku?***

L-Istati Membri jistgħu jibbażaw fuq l-appoġġ tekniku tal-Kummissjoni li huwa disponibbli permezz tad-Direttorat Ġenerali REFORM taħt il-programm ta' appoġġ għal riformi strutturali<sup>(32)</sup> li għandu baġit totali ta' EUR 222,8 miljun għall-2017-2020. Mill-2017, 16-il Stat Membru<sup>(33)</sup> ilhom jirċievu jew talbu appoġġ tekniku f'ħafna oqsma. Dan jinkludi, pereżempju, appoġġ tekniku għat-titjib tal-effiċjenza tas-sistema tal-qrati, għar-riforma tal-mappa ġudizzjarja, dwar l-organizzazzjoni tal-qrati, dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi tal-ġustizzja elettronika u l-ġustizzja ċibernetika, dwar is-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet, dwar il-proċess tal-għażla u tal-promozzjoni għall-imħallfin, għat-taħriġ tal-imħallfin u għas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim tal-konsumaturi. F'Mejju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll il-proposti tagħha għal Pjan ta' Rkupru<sup>(34)</sup>. Bħala parti mill-Pjan ta' Rkupru, ġie propost **Strument ta' Appoġġ Tekniku**<sup>(35)</sup> bħala l-kontinwazzjoni tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali eżistenti. Dan jibni fuq is-suċċess tiegħu, u jippermetti lill-Kummissjoni tgħin fit-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva tal-Istati Membri tal-UE. L-Istrument se jkompli jippermetti lill-Istati Membri jitolbu appoġġ tekniku fil-qasam tas-sistema tal-ġustizzja, fost l-oħrajn.

---

[muenchen.de/40471/1/MPRA\\_paper\\_40322.pdf](https://muenchen.de/40471/1/MPRA_paper_40322.pdf) . L-Istati Membri tal-UE inklużi fl-istudju kienu: BG, HR, CZ, EE, HU, LV, LT, RO, SK u SI.

<sup>28</sup> The Economist Intelligence Unit: "Risk and Return – Foreign Direct Investment and the Rule of Law", 2015 [http://www.biiicl.org/documents/625\\_d4\\_fdi\\_main\\_report.pdf](http://www.biiicl.org/documents/625_d4_fdi_main_report.pdf), p.22.

<sup>29</sup> L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-UE (EUIPO), It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-SMEs dwar il-Proprjetà Intellettuali (PI), 2016: [https://euiipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document\\_library/observatory/documents/sme\\_scoreboard\\_study\\_2016/Executive-summary\\_en.pdf](https://euiipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document_library/observatory/documents/sme_scoreboard_study_2016/Executive-summary_en.pdf)

<sup>30</sup> COM(2020)93 u SWD(2020)54.

<sup>31</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Pjan ta' azzjoni fit-tul għal [implimentazzjoni](#) u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku", COM(2020)94, ara b'mod partikolari l-azzjonijiet 4, 6 u 18.

<sup>32</sup> [https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/funding-opportunities/funding-programmes/overview-funding-programmes/structural-reform-support-programme-srsp\\_mt](https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/funding-opportunities/funding-programmes/overview-funding-programmes/structural-reform-support-programme-srsp_mt)

<sup>33</sup> BE, BG, CZ, EE, EL, ES, HR, IT, CY, LV, HU, MT, PL, PT, SI u SK.


<sup>34</sup> Ara l-istqarrija għall-istampa IP/20/940, is-27 ta' Mejju 2020, disponibbli hawnhekk: [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip\\_20\\_940](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_940)

<sup>35</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2020:0409:FIN>

## 2. KUNTEST: ŻVILUPPI FIR-RIFORMI TAL-ĠUSTIZZJA FL-2019

Fl-2019, għadd kbir ta' Stati Membri ssoktaw bl-isforzi tagħhom sabiex itejbu l-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja tagħhom. L-Illustrazzjoni 1 tippreżenta ħarsa ġenerali aġġornata lejn il-miżuri adottati u ppjanati fl-oqsma funzjonali differenti tas-sistemi tal-ġustizzja fl-Istati Membri involuti fl-attivitàjiet ta' riforma.

**Illustrazzjoni 1: Attività leġiżlattiva u regulatorja li tikkonċerna s-sistemi tal-ġustizzja fl-2019 (miżuri/inizjattivi adottati li qegħdin jiġu nnegozjati għal kull Stat Membru) (sors: il-Kummissjoni Ewropea <sup>(36)</sup>)**



Fl-2019, il-leġiżlazzjoni proċedurali kompliet tkun qasam ta' fokus partikolari f'għadd kbir ta' Stati Membri b'ammont sinifikanti ta' attività leġiżlattiva kurrenti jew ippjanata. Ir-riformi dwar l-istatus tal-imħallfin, ir-regoli għall-professjonisti legali u għall-prosekuturi raw ukoll attività akbar. Meta mqabbla mal-aħħar edizzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE, l-adozzjoni ta' miżuri f'oqsma bħalma huma l-amministrazzjoni tal-qrati u tal-kunsilli tal-ġudikatura qabdet aktar momentum hekk kif l-Istati Membri taw segwitu għat-tħabbiriet preċedenti. Tnaqqas ir-ritmu ta' attività f'oqsma oħra, bħalma huma l-iżvilupp ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) fis-sistema tal-ġustizzja jew it-tfassil mill-ġdid ta' mapep ġudizzjarji. Xi Stati Membri diġà qegħdin jużaw b'mod attiv jew tal-anqas qed jippjanaw li jagħmlu użu mill-intelliġenza artifiċjali fis-sistemi tal-ġustizzja tagħhom. Għal darb'oħra, il-ħarsa ġenerali tikkonferma l-osservazzjoni li r-riformi tal-ġustizzja jieħdu ż-żmien tagħhom – xi

<sup>36</sup> L-informazzjoni nġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt fuq is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali għal 26 Stat Membru. Il-DE spjegat li bħalissa qed isiru għadd ta' riformi fir-rigward tal-ġudikatura, fejn il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tal-proċess tar-riformi jistgħu jvarjaw fi ħdan is-16-il stat federali.

drabi bosta snin – mit-tħabbira tagħhom sal-adozzjoni tal-miżuri leġiżlattivi u regolatorji u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom fil-prattika.



### 3. IS-SEJBIET EWLENIN TAT-TABELLA TA' VALUTAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UE TAL-2020

L-effiċjenza, il-kwalità u l-indipendenza huma l-parametri ewlenin ta' sistema ġudizzjarja effettiva, u t-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta indikaturi dwar it-tlieta li huma.


#### 3.1. L-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja

It-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta indikaturi għall-effiċjenza tal-proċedimenti fl-oqsma wesgħin tal-kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi u f'oqsma speċifiċi fejn l-awtoritajiet amministrattivi u l-qrati japplikaw id-dritt tal-UE<sup>(37)</sup>.

##### 3.1.1. Żviluppi fil-volum ta' kawżi

Il-volum ta' kawżi tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali naqas fil-maġġoranza tal-Istati Membri u għadu fil-biċċa l-kbira taħt il-livelli tal-2012, għad li għadu jvarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri (Illustrazzjoni 2). Dan juri l-importanza ta' aktar sforzi sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema tal-ġustizzja.

#### **Illustrazzjoni 2: L-għadd ta' kawżi ċivili, kummerċjali, amministrattivi u oħrajn li deklin, 2012 – 2018** (\*) (il-prim istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ <sup>(38)</sup>)




(\*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, din il-kategorija tinkludi l-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi u mhux kontenzjużi kollha, il-kawżi tar-reġistru tal-artijiet u tan-negozju mhux kontenzjużi, kawżi tar-reġistru oħrajn, kawżi mhux kontenzjużi oħrajn, il-kawżi tal-liġi amministrattiva u kawżi mhux kriminali oħrajn. Tibdiliet fil-metodoloġija fil-LV (applikati b'mod retroattiv għall-2016 u wkoll għall-2017), fis-SK u fl-SE (data għall-2016 u għall-2017 ġiet adattata sabiex kawżi dwar il-liġi tal-migrazzjoni jiġu inklużi bħala kawżi amministrattivi, f'konformità mal-metodoloġija tas-CEPEJ).

<sup>37</sup> L-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti huwa importanti wkoll għall-effiċjenza ta' sistema tal-ġustizzja. Madankollu, ma hemmx data komparabbli disponibbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.


<sup>38</sup> Studju tal-2019 dwar il-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri tal-UE, imwettaq mis-Segretarjat tas-CEPEJ għall-Kummissjoni: [https://ec.europa.eu/info/strategy/justice-and-fundamental-rights/effective-justice/eu-justice-scoreboard\\_mt](https://ec.europa.eu/info/strategy/justice-and-fundamental-rights/effective-justice/eu-justice-scoreboard_mt)

**Illustrazzjoni 3: Għadd ta' kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi li deħlin, 2012 – 2018 (\*)**  
(il-prim istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



(\*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, il-kawżi ċivili/kummerċjali kontenzjużi jikkonċernaw tilwim bejn il-partijiet, eż. tilwim dwar kuntratti. Il-kawżi ċivili/kummerċjali mhux kontenzjużi jikkonċernaw proċedimenti mhux ikkontestati, eż. ordnijiet ta' ħlas mhux ikkontestati. Tibdiliet fil-metodoloġija fil-EL u fis-SK. Id-data għan-NL tinkludi l-kawżi mhux kontenzjużi.

**Illustrazzjoni 4: L-għadd ta' kawżi amministrattivi li deħlin, 2012 – 2018 (\*)**  
(il-prim istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



(\*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, il-kawżi tal-liġi amministrattiva jikkonċernaw tilwim bejn l-individwi u l-awtoritajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali. Id-DK u l-IE ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament. Fl-2018, fir-RO, ġew deġudikalizzati ċerti proċeduri amministrattivi. Tibdiliet fil-metodoloġija fil-EL, fis-SK u fl-SE. Fl-SE, il-kawżi dwar il-migrazzjoni ġew inklużi mal-kawżi amministrattivi (applikati b'mod retroattiv għall-2016 u wkoll għall-2017).


### 3.1.2. Data ġenerali dwar l-effiċjenza

L-indikaturi dwar l-effiċjenza tal-proċedimenti fl-oqsma wesgħin tal-kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi huma: it-tul ta' żmien stmat tal-proċedimenti (iż-żmien għat-tlestija), ir-rata tal-għeluq tal-kawżi; u l-għadd ta' kawżi pendenti.

– Tul ta' żmien stmat tal-proċedimenti –

It-tul ta' żmien tal-proċedimenti jindika ż-żmien stmat (f'jiem) meħtieġ sabiex tiġi riżolta kawża l-qorti, jiġifieri ż-żmien meħud mill-qorti sabiex tasal għal deċiżjoni fil-prim'istanza. L-indikatur taż-“żmien għat-tlestija” huwa l-għadd ta' kawżi mhux riżolti diviż bl-għadd ta' kawżi riżolti sa tmiem is-sena mmultiplikati bi 365 (jum) <sup>(39)</sup>. Hija kwantità kkalkolata li tindika ż-żmien minimu stmat li qorti tkun teħtieġ sabiex issolvi kawża filwaqt li żżomm il-kundizzjonijiet tax-xogħol attwali. Aktar ma jkun għoli l-valur, aktar ikun hemm probabbiltà li l-qorti tiegħu aktar żmien sabiex tasal għal deċiżjoni. Prinċipalment, l-illustrazzjonijiet jikkonċernaw proċedimenti fil-qorti tal-prim'istanza u jgħabblu, fejn disponibbli, data għall-2012, għall-2016, għall-2017 u għall-2018 <sup>(40)</sup>. Żewġ illustrazzjonijiet juru ż-żmien għat-tlestija fl-2018 f'kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi, u kawżi amministrattivi fl-istanzi kollha tal-qorti, u illustrazzjoni waħda turi t-tul medju tal-proċedimenti f'kawżi relatati mal-ħasil tal-flus fil-qorti tal-ewwel u tat-tieni istanza.

#### **Illustrazzjoni 5: Iż-żmien meħtieġ stmat sabiex jiġu solvuti kawżi ċivili, kummerċjali, amministrattivi u oħrajn, 2012 – 2018** (\*) (prim'istanza/f'jiem) (sors: studju tas-CEPEJ)




(\*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, din il-kategorija tinkludi l-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi u mhux kontenzjużi kollha, il-kawżi tar-reġistru tal-artijiet u tan-negozju mhux kontenzjużi, kawżi tar-reġistru oħrajn, kawżi mhux kontenzjużi oħrajn, il-kawżi tal-liġi amministrattiva u kawżi oħrajn mhux kriminali. Tbidliet fil-metodoloġija fis-SK. Il-kawżi pendenti jinkludu l-istanzi kollha fiċ-CZ u, sal-2016, fis-SK. Fil-LV: it-tnaqqis f'salt huwa dovut għar-riforma tas-sistema tal-qorti, u għall-kontrolli tal-iżbalji u għat-tindif tad-data fis-sistema ta' informazzjoni tal-Qorti.

<sup>39</sup> It-tul tal-proċedimenti, ir-rata tal-għeluq tal-kawżi u l-għadd ta' kawżi pendenti huma indikaturi standard definiti mis-CEPEJ. [http://www.coe.int/t/dghl/cooperation/cepej/evaluation/default\\_en.asp](http://www.coe.int/t/dghl/cooperation/cepej/evaluation/default_en.asp)


<sup>40</sup> Is-snin intgħażlu sabiex tinżamm il-perspettiva fuq seba' snin, bis-sena 2012 li tintuża bħala linja bażi, filwaqt li fl-istess ħin jiġi evitat li l-illustrazzjonijiet ikunu mimlija b'wisq data. Data għall-2010, għall-2013, għall-2014 u għall-2015 hija disponibbli fir-rapport tas-CEPEJ.

**Illustrazzjoni 6: Iż-żmien meħtieġ stmat sabiex jiġu solvuti kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi, 2012 – 2018 (\*) (prim'istanza/f'jiem) (sors: studju tas-CEPEJ)**




(\*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, il-kawżi ċivili/kummerċjali kontenzjużi jikkonċernaw tilwim bejn il-partijiet, eż. tilwim dwar kuntratti. Il-kawżi ċivili/kummerċjali mhux kontenzjużi jikkonċernaw proċedimenti mhux ikkontestati, eż. ordnijiet ta' ħlas mhux ikkontestati. Tibdiliet fil-metodoloġija fil-EL u fis-SK. Il-kawżi pendenti jinkludu l-istanzi kollha fiċ-CZ u, sal-2016, fis-SK. Id-data għan-NL tinkludi l-kawżi mhux kontenzjużi.

**Illustrazzjoni 7: Iż-żmien meħtieġ sabiex jiġu solvuti kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (\*) fl-istanzi kollha tal-qorti fl-2018 (il-prim'istanza, it-tieni u t-tielet istanza/f'jiem) (sors: studju tas-CEPEJ)**




(\*) L-ordni huwa ddeterminat skont l-istanza tal-qorti bl-itwal proċedimenti f'kull Stat Membru. Ma hemm l-ebda data disponibbli għall-qrati tal-prim'istanza u tat-tieni istanza fil-BE, fil-BG u fil-IE, għall-qrati tat-tieni u t-tielet istanza fin-NL, għall-qrati tat-tieni u tat-tielet istanza fin-NL u fl-AT jew għall-qrati tat-tieni istanza fil-DE u fil-HR. Ma hemm ebda qorti tat-tielet istanza f'MT. L-aċċess għal qorti tat-tielet istanza jista' jkun limitat f'xi Stati Membri.

**Illustrazzjoni 8: Iż-żmien meħtieġ stmat sabiex jiġu solvuti kawżi amministrattivi, 2012 – 2018 (\*) (prim'istanza/f'jiem) (sors: studju tas-CEPEJ)**



(\*) Il-kawżi tal-liġi amministrattiva jikkonċernaw tilwim bejn l-individwi u l-awtoritajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali skont il-metodoloġija tas-CEPEJ. Tibdiliet fil-metodoloġija fil-EL u fis-SK. Il-kawżi pendenti jinkludu l-istanzi kollha tal-qorti fiċ-CZ u, sal-2016, fis-SK. Id-DK u l-IE ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament. CY: fl-2018, l-għadd ta' kawżi solvuti żdied bħala konsegwenza ta' kawżi li ġew ipproċessati flimkien, tal-irtirar ta' 2 724 kawża kkonsolidata u tal-ħolqien ta' Qorti Amministrattiva sentejn ilu.

**Illustrazzjoni 9: Iż-żmien meħtieġ sabiex jiġu solvuti kawżi amministrattivi (\*) fl-istanzi kollha tal-qorti fl-2018 (il-prim'istanza u, fejn applikabbli, it-tieni u t-tielet istanza/f'jiem) (sors: studju tas-CEPEJ)**




(\*) L-ordni huwa ddeterminat skont l-istanza tal-qorti bl-itwal proċedimenti f'kull Stat Membru. Ma hemm l-ebda data disponibbli: għall-qorti tal-prim'istanza fil-LU, għall-qorti tat-tieni istanza f'MT u fir-RO u għall-qorti tat-tielet istanza fin-NL. Il-qorti suprema jew l-ogħla qorti oħra hija l-unika istanza ta' appell fiċ-CZ, fl-IT, f'CY, fl-AT, fis-SI u fil-FI. Ma hemm l-ebda qorti tat-tielet istanza għal dawn it-tipi ta' kawżi fil-HR, fil-LT, fil-LU u f'MT. L-ogħla Qorti Amministrattiva hija l-ewwel u l-unika istanza għal ċerti kawżi fil-BE. L-aċċess għall-qorti tat-tielet istanza jista' jkun limitat f'xi Stati Membri. Id-DK u l-IE ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament.

– Ir-rata tal-għeluq tal-kawżi –

Ir-rata tal-għeluq tal-kawżi hija l-proporzjon tal-għadd ta' kawżi solvuti għall-għadd ta' kawżi li deħlin. Din tkejjel jekk qorti hijiex qed tlaħħaq mal-volum ta' kawżi li deħlin. Fejn ir-rata tal-għeluq tal-kawżi hija ta' 100 % jew aktar, dan ifisser li s-sistema ġudizzjarja kapaċi ssolvi tal-


anqas il-kawżi kollha li jidħlu. Meta r-rata tal-għeluq tal-kawżi tkun ta' anqas minn 100 %, din tiffisser li l-qrati qegħdin isolvu anqas kawżi mill-għadd ta' kawżi li jidħlu.

**Illustrazzjoni 10: Rata ta' soluzzjoni ta' kawżi ċivili, kummerċjali, amministrattivi u oħrajn, 2012 – 2018** (\*) (il-prim'istanza/f% — valuri ogħla minn 100 % jindikaw li jiġu solvuti aktar kawżi milli jidħlu, filwaqt li valuri anqas minn 100 % jindikaw li jiġu solvuti anqas kawżi milli jidħlu) (sors: studju tas-CEPEJ)




(\*) *Tibdiliet fil-metodoloġija fis-SK. L-IE: minħabba l-metodoloġija, huwa mistenni li jkun irrapportat għadd anqas mill-għadd reali ta' kawżi solvuti. IT: klassifikazzjoni differenti tal-kawżi ċivili introdotta fl-2013.*

**Illustrazzjoni 11: Ir-rata ta' soluzzjoni tal-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi, 2012 – 2018** (\*) (il-prim'istanza/f%) (sors: studju tas-CEPEJ)



(\*) *Tibdiliet fil-metodoloġija fil-EL u fis-SK. L-IE: minħabba l-metodoloġija, huwa mistenni li jkun irrapportat għadd anqas mill-għadd reali ta' kawżi solvuti. IT: klassifikazzjoni differenti tal-kawżi ċivili introdotta fl-2013. Id-data għan-NL tinkludi kawżi mhux kontenzjużi.*

**Illustrazzjoni 12: Ir-rata ta' soluzzjoni tal-kawżi amministrattivi, 2012 – 2018 (\*) (il-prim'istanza/f%) (sors: studju tas-CEPEJ)**




(\*) Il-valuri tal-passat għal xi Stati Membri tnaqqsu għall-finijiet tal-preżentazzjoni (CY fl-2018 = 219 %; l-IT fl-2012=279,8 %); Tibdiliet fil-metodoloġija fil-EL u fis-SK. Id-DK u l-IE ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament. F'CY, l-għadd ta' kawżi solvuti żdied bħala konsegwenza ta' kawżi li ġew ipproċessati flimkien, tal-tirar ta' 2 724 kawża kkonsolidata u tal-ħolqien ta' Qorti Amministrattiva sentejn ilu.

– Kawżi pendenti –


L-għadd ta' kawżi pendenti jindika l-għadd ta' kawżi li għadhom ma ġewx deċiżi sal-aħħar tas-sena kkonċernata. Dan jinfluwenza wkoll iż-żmien għat-tlestija.

**Illustrazzjoni 13: L-għadd ta' kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi u oħrajn pendenti, 2012 – 2018 (\*) (il-prim'istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)**




(\*) Tibdiliet fil-metodoloġija fis-SK. Il-kawżi pendenti jinkludu l-istanzi kollha fiċ-CZ u, sal-2016, fis-SK. IT: klassifikazzjoni differenti tal-kawżi ċivili introdotta fl-2013.

**Illustrazzjoni 14: L-għadd ta' kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi pendenti, 2012 – 2018**  
 (\*) (il-prim'istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



(\*) *Tibdiliet fil-metodoloġija fil-EL u fis-SK. Il-kawżi pendenti jinkludu l-istanzi kollha fiċ-**CZ** u, sal-2016, fis-**SK**. **IT**: klassifikazzjoni differenti tal-kawżi ċivili introdotta fl-2013. Id-data għan-**NL** tinkludi kawżi mhux kontenzjużi.*

**Illustrazzjoni 15: L-għadd ta' kawżi amministrattivi pendenti, 2012 – 2018** (\*) (il-prim'istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



(\*) *Il-valuri tal-passat għal xi Stati Membri tnaqqsu għall-finijiet tal-preżentazzjoni (il-**EL** fl-2012=3.5). Tibdiliet fil-metodoloġija fil-**EL** u fis-**SK**. Il-kawżi pendenti jinkludu l-istanzi kollha fiċ-**CZ** u, sal-2016, fis-**SK**. Fid-**DK** u fl-**IE** ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament.*




### 3.1.3. L-effiċjenza f'oqsma speċifiċi tad-dritt tal-UE

Din it-taqsimha tikkomplimenta d-*data* ġenerali dwar l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji u tippreżenta t-tul ta' żmien medju tal-proċedimenti <sup>(41)</sup> f'oqsma speċifiċi meta jkun involut id-dritt tal-Unjoni. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2020 tibni fuq id-*data* preċedenti fl-oqsma tal-kompetizzjoni, tal-komunikazzjoni elettronika, tat-trademark tal-UE, tal-liġi tal-konsumatur u tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. L-oqsma jintgħażlu minħabba r-rilevanza tagħhom għas-suq uniku u għall-ambjent tan-negozju. B'mod ġenerali, id-dewmien twil fil-proċedimenti ġudizzjarji jista' jkollu konsegwenzi negattivi fuq id-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, pereżempju, meta ma jkunx għad hemm rimedji adegwati jew meta d-danni finanzjarji serji jsiru rrekuperabbli.

– *Il-kompetizzjoni* –

L-infurzar effettiv tal-liġi tal-kompetizzjoni jiżgura kundizzjonijiet ekwi għan-negozji u, għalhekk, huwa essenzjali għal ambjent tan-negozju attraenti. L-Illustrazzjoni 16 tippreżenta t-tul medju tal-kawżi kontra d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni li japplikaw l-Artikoli 101 u 102 TFUE <sup>(42)</sup>.

**Illustrazzjoni 16: Kompetizzjoni: It-tul medju ta' stħarriġ ġudizzjarju, 2013-2018 (\*) (il-prim'istanza/f'jiem) (sors: il-Kummissjoni Ewropea man-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni)**



(\*) **L-EE**: ebda kawża. **L-IE** u **l-AT**: ix-xenarju mhuwiex applikabbli minħabba li l-awtoritajiet ma għandhomx setgħat sabiex jieħdu d-deċiżjonijiet rispettivi. **AT**: id-*data* tinkludi kawżi deċiżi mill-Qorti Cartel li jinvolvu l-ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, iżda li mhumiex ibbażati fuq appellijiet kontra l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni. Fil-**BG** u fl-**IT** intużat stima tat-tul. Kolonna vojta tindika li l-Istat Membru ma rrapportax kawżi għal dik is-sena. L-għadd ta' kawżi huwa baxx (anqas minn 5 fis-sena) għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, li bih id-*data* annwali tista' tkun dipendenti fuq kawża eċċezzjonalment twila jew qasira. Għadd mill-itwal kawżi fis-sett ta' *data* inkluda ż-żmien meħtieġ għal referenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (eż. il-**LT**), rieżami kostituzzjonali (eż. is-**SK**) jew dewmien proċedurali speċifiku (eż. **CZ**, **EL**, **HU**).


<sup>41</sup> It-tul tal-proċedimenti f'oqsma speċifiċi jiġi kkalkolat f'jiem kalendarji, li jibdeu jgħoddu mill-jum li fih jiġu ppreżentati azzjoni jew appell quddiem il-qorti (jew l-akkuża tkun saret finali) u l-jum li fih il-qorti tkun adottat id-deċiżjoni tagħha (l-Illustrazzjonijiet 16-21). Il-valuri jiġu kklassifikati abbażi ta' medja ponderata tad-*data* għall-2013 u għall-2016-2018 għall-Illustrazzjonijiet 16-18, tad-*data* għall-2013, għall-2015-2016 u għall-2018 għall-Illustrazzjoni 19, u tad-*data* għall-2014 u għall-2016-2018 għall-Illustrazzjonijiet 20 u 21. Meta d-*data* ma tkunx disponibbli għas-snin kollha, il-medja tirrifletti d-*data* disponibbli, ikkalkolata abbażi tal-kawżi kollha, ta' kampjun ta' kawżi jew ta' stimuli.

<sup>42</sup> Ara <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:12012E/TXT&from=MT>.

– Il-komunikazzjonijiet elettroniċi –

L-objettiv tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi huwa li żżid il-kompetizzjoni, tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq uniku u tiġġenera l-investiment, l-innovazzjoni u t-tkabbir. L-effetti pożittivi għall-konsumaturi jistgħu jinkisbu permezz ta' infurzar effettiv ta' din il-leġiżlazzjoni li tista' twassal għal prezzijiet tal-utent aħħari aktar baxxi u servizzi ta' kwalità aħjar. L-Illustrazzjoni 17 tippreżenta t-tul medju tal-kawżi ta' sħarriġ ġudizzjarju kontra d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li japplikaw id-dritt tal-UE dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi<sup>(43)</sup>. Hija tkopri firxa wiesgħa ta' każijiet, li jvarjaw mill-istħarriġ aktar kumpless ta' "analiżi tas-suq" għal kwistjonijiet iffokati fuq il-konsumatur.

**Illustrazzjoni 17: Il-komunikazzjonijiet elettroniċi: It-tul ta' żmien medju tal-kawżi ta' sħarriġ ġudizzjarju, 2013-2018 (\*) (il-prim istanza/f'jiem) (sors: il-Kummissjoni Ewropea mal-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet)**



(\*) L-għadd ta' kawżi jvarja skont l-Istat Membru. Kolonna vojta tindika li l-Istat Membru ma rrapportax kawżi għal dik is-sena (ħlief għall-PT għall-2017 u għall-2018, u għar-RO għall-2018: l-ebda data). LU: ebda kawża. F'ċerti istanzi tal-qorti, l-għadd limitat ta' kawżi rilevanti (LV, LT, MT, SK, SE) jista' jfisser li d-data annwali jkollha tiddependi fuq kawża waħda twila jew qasira ħafna u jirriżulta f'varjazzjonijiet kbar minn sena għal oħra. DK: korp kważi-ġudizzjarju responsabbli mill-appelli fil-prim istanza. ES, l-AT, u l-PL: qradi differenti responsabbli skont is-suġġett. MT: fl-2016 ġiet irrapportata kawża eċċezzjonalment twila ta' 2 500 jum, li kienet tirrelata ma' kwistjoni kumplessa li fiha awtorità lokali, flimkien ma' diversi residenti, ressqu proċedimenti fir-rigward ta' emissjonijiet perikolużi allegati minn stazzjonijiet bażi tar-radju-komunikazzjoni mobbli.

– It-trademark tal-UE –


L-infurzar effettiv tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali huwa essenzjali sabiex jistimola l-investiment f'innovazzjoni. Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trademarks<sup>(44)</sup> tagħti rwol sinifikanti lill-qradi nazzjonali, li jaġixxu bħala qradi tal-UE u jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw lis-suq uniku.

<sup>43</sup> Il-kalkolu sar fuq il-bażi tat-tul tal-kawżi ta' appell kontra d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li japplikaw il-liġijiet nazzjonali li jimplementaw il-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi (id-Direttiva 2002/19/KE (id-Direttiva dwar l-Aċċess), id-Direttiva 2002/20/KE (id-Direttiva dwar l-Awtorizzazzjoni), id-Direttiva 2002/21/KE (id-Direttiva Qafas), id-Direttiva 2002/22/KE (id-Direttiva dwar is-Servizz Universali) u d-dritt tal-Unjoni rilevanti ieħor, bħall-programm tal-politika tal-ispettru tar-radju, id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-ispettru, minbarra d-Direttiva 2002/58/KE dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika.

<sup>44</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 154, 16.6.2017, p. 1-99).

L-Illustrazzjoni 18 taħt turi t-tul ta' żmien medju tal-kawżi ta' ksur tat-trademark tal-UE f' tilwima fost partijiet privati.

**Illustrazzjoni 18: Trademark tal-UE: It-tul ta' żmien medju tal-kawżi ta' ksur tat-trademark tal-UE, 2013-2018 (\*)** (il-prim'istanza/f'jiem) (sors: il-Kummissjoni Ewropea mal-Osservatorju Ewropew dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjeta' intellettwali)



(\*) **FR, IT, LT, LU:** kampjun ta' kawżi użat għal data għal ċerti snin. **BG:** stima mill-qradi użata għall-2016. **PL:** stima mill-qradi użata għall-2015. Ġew irrapportati kawżi partikolarment twal li jaffettwaw il-medja fl-**EE**, fl-**IE**, fl-**LV** u fl-**SE**. **EL:** data bbażata fuq it-tul ta' żmien medju ponderat minn żewġ qradi. **DK:** data mill-kawżi kollha dwar it-trademarks - mhux biss tal-UE - fil-Qradi Superjuri Kummerċjali u Marittimi; għall-2018, l-ebda data dwar it-tul ta' żmien medju minħabba sistema għda tal-ICT. **ES:** il-kawżi li jikkonċernaw titoli oħrajn tal-IP tal-UE huma inklużi fil-kalkolu tat-tul ta' żmien medju; għall-2018 tintuża stima.


#### – Il-protezzjoni tal-konsumatur –

L-infurzar effettiv tal-liġi tal-konsumatur jiżgura li l-konsumaturi jibbenifikaw mid-drittijiet tagħhom u li l-kumpaniji li jiksru r-regoli tal-konsumatur ma jiksbu ebda vantaġġ inġust. L-awtoritajiet tal-konsumatur u l-qradi għandhom rwol ewlieni fl-infurzar tal-liġi tal-konsumatur tal-UE<sup>45</sup> fi ħdan id-diversi sistemi tal-infurzar nazzjonali. L-Illustrazzjoni 19 turi t-tul ta' żmien medju tal-kawżi ta' stħarriġ ġudizzjarju kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-konsumatur li japplikaw id-dritt tal-Unjoni.

Għall-konsumaturi jew għall-kumpaniji, l-infurzar effettiv jista' jinvolvi katina ta' atturi, mhux biss il-qradi iżda anke l-awtoritajiet amministrattivi. Sabiex titkompla l-eżaminazzjoni ta' din il-katina ta' infurzar, jerġa' jiġi ppreżentat it-tul tal-proċedimenti mill-awtoritajiet tal-konsumaturi. L-Illustrazzjoni 20 turi t-tul ta' żmien medju tad-deċiżjonijiet amministrattivi meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tal-konsumatur mill-2014 sal-2018 mill-mument li tinfetħ kawża. Id-deċiżjonijiet rilevanti jinkludu d-dikjarazzjoni ta' ksur tar-regoli sostantivi, il-miżuri interim, l-ordnijiet ta' waqfien u ta' ebda tkomplija, il-bidu ta' proċedimenti fil-qorti jew l-għeluq tal-kawżi.


<sup>45</sup> L-Illustrazzjonijiet 19 u 20 huma relatati mal-infurzar tad-Direttiva dwar Klawżoli Kuntrattwali Inġusti (93/13/KEE), tad-Direttiva dwar Ċerti Aspetti tal-Bejgħ ta' Oġġetti tal-Konsum u Garanziji Assoċjati Magħhom (1999/44/KE), tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali (2005/29/KE), tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (2011/83/KE) u tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom.

**Illustrazzjoni 19: Protezzjoni tal-konsumaturi: It-tul ta' żmien medju ta' stħarriġ ġudizzjarju, 2013-2018(\*) (il-prim'istanza/f'jiem) (sors: il-Kummissjoni Ewropea man-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur)**



(\*) L-AT, il-FI, il-DE, il-LU: ix-xenarju mhuwiex applikabbli minħabba li l-awtoritajiet tal-konsumatur ma għandhomx is-setgħa li jiddeċiedu fuq il-ksur tar-regoli rilevanti tal-konsumatur. L-għadd ta' każijiet rilevanti huwa baxx (anqas minn ħamsa) f'CY, fl-IE, fin-NL u fl-SE. Stima tat-tul ta' żmien medju ngħatat mill-EL u mir-RO.

**Illustrazzjoni 20: Protezzjoni tal-konsumaturi: It-tul ta' żmien medju ta' deċiżjonijiet amministrattivi mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur, 2014-2018(\*) (il-prim'istanza/f'jiem) (sors: il-Kummissjoni Ewropea man-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur)**




(\*) L-AT, il-DE, il-LU: ix-xenarju mhuwiex applikabbli minħabba li l-awtoritajiet tal-konsumatur ma għandhomx is-setgħa li jiddeċiedu fuq il-ksur tar-regoli rilevanti tal-konsumatur. L-għadd ta' każijiet rilevanti huwa baxx (anqas minn ħamsa) fin-NL u fl-SE. Stima tat-tul ta' żmien medju ngħatat mid-DK, mill-FI, minn FR, mill-EL, minn FR u mir-RO.

– Il-Ħasil tal-Flus –

Minbarra l-kontribut għall-ġlieda kontra l-kriminalità, l-effettività tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus hija kruċjali għas-solidità, għall-integrità u għall-istabbiltà tas-settur finanzjarju, għall-fiduċja fis-sistema finanzjarja u għall-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku <sup>(46)</sup>. Kif issottolinjat mill-Fond Monetarju Internazzjonali, il-ħasil tal-flus jista' jiskoraġġixxi l-investment barrani, ifixkel il-flussi tal-kapital internazzjonali u jkollu konsegwenzi negattivi fuq il-prestazzjoni makroekonomika ta' pajjiż, li jirriżultaw fi tnaqqis tal-benesseri, u jieħdu r-riżorsi minn attivitajiet ekonomiċi aktar produttivi <sup>(47)</sup>. Id-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus titlob li l-Istati Membri jżommu statistika dwar l-effettività tas-sistemi tagħhom sabiex jiġġieldu kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu<sup>(48)</sup>. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, intuża kwestjonarju aġġornat sabiex tinġabar *data* dwar il-fażijiet ġudizzjarji tas-sistemi nazzjonali kontra l-ħasil tal-flus. L-Illustrazzjoni 21 turi t-tul ta' żmien medju tal-kawżi tal-qorti tal-prim'istanza li jittrattaw reati ta' ħasil tal-flus.

**Illustrazzjoni 21: Ħasil tal-flus: It-tul ta' żmien medju tal-kawżi l-qorti, 2014-2018 (\*) (il-prim'istanza/f'jiem) (sors: il-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu)**



(\*) L-ebda data għall-2018: **BE, EE, CY, AT, PL, u PT.** **ES, NL:** tul stmat. **LV:** Minħabba għadd relattivament baxx ta' kawżi fl-2016, hemm diversi fatturi li possibbilment jaffettwaw it-tul ta' proċediment, eż. sospensjoni ta' kawża waħda minħabba raġunijiet oġġettivi. **PL:** Il-kalkolu tat-tul għall-2016 ibbażat fuq kampjun ta' kawżi magħżul b'mod każwali. **SE:** il-kalkolu fl-2017 ibbażat fuq kampjun ta' kawżi solvuti; id-data għall-2018 hija preliminari. **IT:** id-data tirreferi għall-qradi korrispondenti, u tkopri madwar 91 % tal-proċedimenti totali fl-2015, u madwar 99 % fl-2016 u fl-2017; id-data tirreferi kemm għas-seduti ta' smiġħ tal-qorti tal-proċess kif ukoll dawg preliminari.

<sup>46</sup> Il-premessa 2 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu.

<sup>47</sup> Skeda informattiva tal-FMI, it-8 ta' Marzu 2018: <https://www.imf.org/en/About/Factsheets/Sheets/2016/08/01/16/31/Fight-Against-Money-Laundering-the-Financing-of-Terrorism>

<sup>48</sup> L-Artikolu 44(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849. Ara wkoll l-Artikolu 44 rivedut fid-Direttiva (UE) 2018/843, li daħlet fis-seħħ f'Ġunju 2018 u li kellha tiġi implimentata mill-Istati Membri sa mhux aktar tard minn Jannar 2020.

### 3.1.4. Sommarju dwar l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja

Sistema tal-ġustizzja effiċjenti timmaniġġja l-volum tal-kawżi u l-kawżi pendenti tagħha u tiegħu deċiżjonijiet mingħajr dewmien żejjed. Għalhekk, il-parametri ewlenin użati mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-UE għall-monitoraġġ tal-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji huma *t-tul tal-proċedimenti* (iż-żmien stmat jew medju f'jiem meħtieġ sabiex tinqata' kawża), *ir-rata tal-għeluq tal-kawżi* (il-proporzjon tal-għadd ta' kawżi solvuti għall-għadd ta' kawżi li jidħlu) u *l-għadd ta' kawżi pendenti* (li għadhom iridu jiġu indirizzati fi tmiem is-sena).

#### *Data ġenerali dwar l-effiċjenza*

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 tinkludi *data* dwar l-effiċjenza li tkopri seba' snin (2012-2018). Dan iż-żmien jippermetti li jiġu identifikati ċerti xejriet u li jiġi kkunsidrat li r-riformi tal-ġustizzja ħafna drabi jieħdu ż-żmien sabiex juru l-impatt tagħhom.

Jekk wieħed iħares lejn id-*data* disponibbli sa mill-2012 fil-kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi, l-effiċjenza tjebet jew baqgħet stabbli fi 11-il Stat Membru, filwaqt li naqset, minkejja li ħafna drabi b'mod marġinali biss, fi tmien Stati Membri.

Jistgħu jiġu osservati żviluppi pożittivi fil-maġġoranza tal-Istati Membri li kienu identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew bħala li qed jaffaċċjaw sfidi speċifiċi <sup>(49)</sup>:

- Mill-2012, fi kważi l-Istati Membri kollha, **it-tul tal-proċedimenti tal-qorti tal-prim'istanza** fil-kategorija wiesgħa “kawżi kollha” (Illustrazzjoni 5) u l-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (Illustrazzjoni 6) naqas jew baqa' stabbli. Fil-kawżi amministrattivi (Illustrazzjoni 8), it-tul tal-proċedimenti sa mill-2012 naqas jew baqa' stabbli fil-maġġoranza ta' dawn l-Istati Membri. B'mod ġenerali, ftit Stati Membri biss raw żieda fit-tul tal-proċedimenti fl-2018.
- It-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta *data* dwar **it-tul tal-proċedimenti fl-istanzi kollha tal-qorti** għall-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (Illustrazzjoni 7) u għall-kawżi amministrattivi (Illustrazzjoni 9). Id-*data* turi li f'għadd ta' Stati Membri identifikati bħala li jaffaċċjaw sfidi minħabba t-tul tal-proċedimenti fil-qrati tal-prim' istanza, il-qrati ta' istanza ogħla għandhom prestazzjoni aktar effiċjenti. Għall-kuntrarju ta' dan, għal uħud mill-Istati Membri l-oħra li qed jaffaċċjaw sfidi, it-tul medju tal-proċedimenti fil-qrati ta' istanza ogħla huwa anke itwal milli fil-qrati tal-prim'istanza.
- Fil-kategorija wiesgħa “kawżi kollha”, u fil-kategorija tal-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (Illustrazzjonijiet 10 u 11), l-għadd kumplessiv tal-Istati Membri fejn **ir-rata ta' għeluq tal-kawżi** hija aktar minn 100 % żdied mill-2012 'l hawn. Fl-2018, kważi l-Istati Membri kollha, inklużi dawk li jaffaċċjaw sfidi, irrapportaw rata għolja ta' għeluq tal-kawżi (aktar minn 97 %), li jfisser li b'mod ġenerali l-qrati għandhom il-kapaċità li jittrattaw il-kawżi li jidħlu f'dawn il-kategoriji. Fil-kawżi amministrattivi (Illustrazzjoni 12), tista' tiġi osservata varjazzjoni akbar tar-rata ta' għeluq tal-kawżi minn sena għall-oħra u filwaqt li ġeneralment din għadha aktar baxxa milli f'kategoriji oħrajn ta' kawżi, ċerti Stati Membri għamlu progress tajjeb. B'mod partikolari, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li qed jaffaċċjaw sfidi jirrapportaw żieda fir-rata ta' għeluq tal-kawżi amministrattivi mill-2012 'l hawn.
- Sa mill-2012, il-progress qed ikompli kważi fl-Istati Membri kollha li jaffaċċjaw l-aktar sfidi sostanzjali bil-**volum ta' kawżi b'lura** tagħhom, irrispettivament mill-kategorija tal-kawżi.

<sup>49</sup> il-HR, l-IT, CY, l-HU, MT, il-PT u s-SK, li rċevew rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 fis-Semestru Ewropew, u l-BE, il-BG, l-IE, il-EL, ES, il-LV, il-PL, ir-RO, u s-SI li għalihom l-isfidi kienu riflessi fil-premessi tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u tar-rapporti tal-pajjiżi tal-2019.

Id-differenza fir-riżultati matul is-seba' snin analizzati tista' tiġi spjegata minn fatturi kuntestwali (varjazzjonijiet ta' aktar minn 10 % tal-kawżi li deklin huma normali) jew minn nuqqasijiet sistemiċi (nuqqas ta' flessibilità u ta' responsività jew inkonsistenzi fil-proċess ta' riforma).

Ħafna drabi sar progress sostanzjali fit-tnaqqis tal-kawżi pendenti kemm għall-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (Illustrazzjoni 14) kif ukoll għall-kawżi amministrattivi (Illustrazzjoni 15). Minkejja dan it-titjib, għadd hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri b'relattivament ftit kawżi pendenti u daww b'għadd kbir ta' kawżi pendenti, u f'xi Stati Membri, il-volum ta' kawżi b'lura jidher li qed jakkumula.

#### *L-effiċjenza f'oqsma speċifiċi tad-dritt tal-UE*

Id-data dwar it-tul ta' żmien medju tal-proċedimenti f'oqsma speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni (Illustrazzjonijiet 16-21) tipprovdi għarfien dwar il-funzjonament tas-sistemi tal-ġustizzja f'dawn it-tipi ta' tilwim relatat man-negozju.

Id-data dwar l-effiċjenza f'oqsma speċifiċi tad-dritt tinġabar abbażi ta' xenarji definiti b'mod ristrett u l-għadd ta' kawżi rilevanti jista' jidher baxx. Madankollu, meta mqabbla mat-tul ikkalkolat tal-proċedimenti ppreżentat fid-data ġenerali dwar l-effiċjenza, dawn l-illustrazzjonijiet jipprevedu tul medju attwali tal-kawżi kollha rilevanti f'oqsma speċifiċi f'sena. Għalhekk, ta' min jinnota li diversi Stati Membri li ma jidhrux li qegħdin jaffaċċjaw sfidi abbażi tad-data ġenerali dwar l-effiċjenza jirrapportaw tul medju ta' kawżi ferm itwal f'oqsma speċifiċi tad-dritt tal-UE. Fl-istess ħin, it-tul tal-proċedimenti f'oqsma speċifiċi differenti jista' wkoll ivarja b'mod konsiderevoli fl-istess Stat Membru.

L-illustrazzjonijiet f'oqsma speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni juru x-xejriet li ġejjin:

- Għal **kawżi dwar il-kompetizzjoni** (Illustrazzjoni 16), għad li l-volum kumplessiv ta' kawżi b'lura affaċċjat mill-qrati madwar l-Istati Membri żdied bi ftit, it-tul tal-istħarriġ ġudizzjarju naqas jew baqa' stabbli f'sitt Stati Membri, filwaqt li żdied f'ħames Stati Membri oħra. Fl-2018, kompliet ix-xejra pożittiva, b'żewġ Stati Membri biss li rrapportaw tul medju li jaqbeż l-1 000 jum (meta mqabbel ma' tlieta fl-2017).
- Fil-qasam tal-**komunikazzjonijiet elettroniċi** (Illustrazzjoni 17), il-volumi ta' kawżi affaċċjati mill-qrati komplew jżdiedu, u b'hekk temmew ix-xejra pożittiva f'termini ta' tnaqqis fit-tul tal-proċedimenti osservati fis-snin preċedenti. Fl-2018, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rreġistraw żieda fit-tul medju tal-proċedimenti, meta mqabbla kemm mal-2017 kif ukoll mal-2013.
- Fir-rigward tal-**kawżi ta' ksur tat-trademark tal-UE** (Illustrazzjoni 18), fl-2018 ix-xejriet fit-tul medju tal-proċedimenti varjaw b'mod sinifikanti. Xi Stati Membri rreġistraw żidiet qawwija, filwaqt li oħrajn irnexxielhom ilaħħqu aħjar mal-volum ta' kawżi tagħhom u naqqsu ż-żmien meħtieġ sabiex isolvu l-kawżi.
- L-effett possibbli kkombinat tal-katina ta' infurzar li jikkonsisti kemm fi proċedimenti ta' reviżjoni amministrattiva kif ukoll f'dawk ta' stħarriġ ġudizzjarju huwa ppreżentat fil-qasam tal-liġi tal-konsumatur (Illustrazzjonijiet 19 u 20). Fl-2018, seba' Stati Membri rrapportaw li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur tagħhom kellhom medja ta' anqas minn tliet xhur sabiex joħorġu deċiżjoni f'kawża koperta mid-dritt tal-UE dwar il-konsumatur, filwaqt li f'disa' Stati Membri huma ħadu aktar minn sitt xhur. Meta d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur kienu kkontestati fil-qrati, fl-2018 l-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni amministrattiva ħa medja ta' anqas minn sena fil-maġġoranza tal-Istati Membri.
- Il-ġlieda effettiva kontra l-**ħasil tal-flus** hija kruċjali sabiex tippoteġi s-sistema finanzjarja, il-kompetizzjoni ġusta u tipprevjeni l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi. L-isfidi fit-tul tal-proċedimenti tal-qorti meta jiġu ttrattati reati ta' ħasil tal-flus, jistgħu jinfluwenzaw il-ġlieda

effettiva kontra l-ħasil tal-flus. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 tippreżenta *data* aġġornata dwar it-tul tal-proċedimenti ġudizzjarji li jitrattaw ir-reati ta' ħasil tal-flus (Illustrazzjoni 21), li turi li waqt li f'madwar nofs l-Istati Membri l-proċedimenti tal-qorti tal-prim'istanza jieħdu sa medja ta' sena, dawn il-proċedimenti jieħdu medja ta' madwar sentejn f'diversi Stati Membri li jaffaċċjaw sfidi rigward il-prosekuzzjoni ta' reati ta' ħasil tal-flus <sup>(50)</sup>.

### 3.2. Il-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji

Ma hemmx mod wieħed ta' kif titkejjel il-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 tkompli teżamina fatturi li ġeneralment huma aċċettati bħala rilevanti sabiex titjeb il-kwalità tal-ġustizzja. Bħal fis-snin preċedenti, dawn huma raggruppati f'erba' kategoriji:

- 1) l-aċċessibbiltà tal-ġustizzja għaċ-ċittadini u għan-negozji;
- 2) riżorsi finanzjarji u umani adegwati;
- 3) l-implimentazzjoni ta' għodod għall-valutazzjoni; u
- 4) l-użu ta' standards ta' kwalità.

#### 3.2.1. Aċċessibbiltà

L-aċċessibbiltà hija meħtieġa matul il-katina kollha tal-ġustizzja sabiex tippermetti lin-nies jiksbu informazzjoni rilevanti — dwar is-sistema tal-ġustizzja, kif jippreżentaw talba u l-aspetti finanzjarji relatati, l-istat attwali tal-proċedimenti sat-tmiem tagħhom — sabiex is-sentenza tkun tista' tiġi aċċessata malajr online.

– *L-għoti ta' informazzjoni dwar is-sistema tal-ġustizzja* –


Ġustizzja li tiffavorixxi liċ-ċittadini tirrikjedi li l-informazzjoni dwar is-sistema ġudizzjarja ma tkunx biss faċilment aċċessibbli iżda tkun imfassla wkoll għal gruppi speċifiċi tas-soċjetà li kieku kienu jsibu diffikultajiet sabiex jaċċessaw l-informazzjoni. L-Illustrazzjoni 22 turi d-disponibbiltà ta' informazzjoni online dwar aspetti speċifiċi tas-sistema ġudizzjarja u għal gruppi speċifiċi tas-soċjetà.

**Illustrazzjoni 22: Id-disponibbiltà ta' informazzjoni online dwar is-sistema ġudizzjarja għall-pubbliku ġenerali, 2019(\*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea <sup>(51)</sup>)**

50 Id-Direttiva (UE) 2018/1673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tad-dritt kriminali se telimina l-ostakoli legali li jistgħu jdewmu l-prosekuzzjoni, bħal li prosekuzzjoni għall-ħasil tal-flus tista' tibda biss meta jkunu ġew konklużi l-proċedimenti għar-reat predikat sottostanti. L-Istati Membri huma obbligati li jittrasponu d-Direttiva qabel it-8 ta' Diċembru 2020.

<sup>51</sup> Id-*data* għall-2019 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.





(\*) **DE:** Kull stat federali kif ukoll il-livell federali jiddeċiedu individwalment liema informazzjoni jipprovdu online.

— Għajjnuna legali, tariffi tal-qorti u tariffi legali —

L-ispiża tal-litigazzjoni hija fattur ewlieni għall-aċċess għall-ġustizzja. Spejjeż għoljin ta' litigazzjoni, inklużi t-tariffi tal-qorti<sup>(52)</sup> u t-tariffi legali<sup>(53)</sup>, jistgħu jfixklu l-aċċess għall-ġustizzja. L-ispejjeż tal-litigazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali mhumiex armonizzati fil-livell tal-UE. Dawn huma rregolati minn leġislazzjoni nazzjonali u, għalhekk, ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor.

L-aċċess għall-għajjnuna legali huwa dritt fundamentali mnaqqax fil-Karta<sup>(54)</sup>. Dan jippermetti aċċess għall-ġustizzja għal dawk li ma jkunux jistgħu jġarrbu jew iħallsu bil-quddiem l-ispejjeż ta' litigazzjoni. Il-maġġoranza tal-Istati Membri taqti għajjnuna legali abbażi tal-introjtu tal-applikant<sup>(55)</sup>.

L-Illustrazzjoni 23 turi d-disponibbiltà ta' għajjnuna legali sħiħa jew parzjali f'kawża speċifika ta' konsumatur li tinvolvi talba ta' EUR 6 000. Dan iqabbel il-limiti ta' introjtu għall-għoti ta' għajjnuna legali, espressi bħala perċentwal tal-limitu tal-Eurostat għall-faqar f'kull Stat Membru

<sup>52</sup> It-tariffi tal-qorti huma mifhuma bħala ammont li għandu jitħallas sabiex jinbdew proċedimenti tal-liġi mhux kriminali f'qorti jew fi tribunal.

<sup>53</sup> It-tariffi legali huma l-korrispettiv għal servizzi pprovduti minn avukati lill-klijenti taġħhom.


<sup>54</sup> L-Artikolu 47(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

<sup>55</sup> L-Istati Membri jużaw metodi differenti sabiex jistabbilixxu l-limitu għall-eliġibbiltà, eż. perjodi ta' referenza differenti (introjtu fix-xahar/fis-sena). Madwar nofs l-Istati Membri għandhom ukoll limitu relatat mal-kapital personali tal-applikant. Dan ma jiġix ikkunsidrat għal din l-illustrazzjoni. Fil-BE, l-BG, l-IE, ES, FR, l-HR, l-HU, l-LV, l-LT, l-LU, u l-PT, ċerti gruppi ta' persuni (eż. individwi li jirċievu ċerti benefiċċji) huma awtomatikament intitolati li jirċievu għajjnuna legali f'tilwim ċivili/kummerċjali. Kriterji addizzjonali li jistgħu jużaw l-Istati Membri, bħall-mertu tal-kawża, mhumiex riflessi f'din l-illustrazzjoni. Għalkemm mhux relatat direttament mal-illustrazzjoni, f'diversi Stati Membri (l-AT, iċ-CZ, il-DE, id-DK, l-EE, ES, FR, l-IT, in-NL, il-PL, il-PT, is-SI) l-għajjnuna legali mhijiex limitata għal persuni fiżiċi.

(<sup>56</sup>). Pereżempju, jekk il-limitu għall-għajjnuna legali huwa ta' 20 %, dan ifisser li applikant b'introjtu ta' 20 % aktar mil-limitu rispettiv tal-Eurostat għall-faqar fl-Istat Membru tiegħu jew tagħha xorta jista' jkun eliġibbli għall-għajjnuna legali. Għall-kuntrarju ta' dan, jekk il-limitu għall-għajjnuna legali jidher li jkun taħt iż-0, dan ifisser li persuna b'introjtu taħt il-limitu tal-faqar tista' ma tkunx eliġibbli għall-għajjnuna legali.

Xi Stati Membri jħaddmu sistema ta' għajjnuna legali li ttiprovdi għal kopertura ta' 100 % tal-ispejjeż marbuta mal-litigazzjoni (għajjnuna legali sħiħa), ikkumplimentata minn sistema li tkopri spejjeż parzjali (għajjnuna legali parzjali), b'din tal-aħħar tapplika kriterji ta' eliġibbiltà differenti minn dik ta' qabel. Stati Membri oħrajn iħaddmu sistema ta' għajjnuna legali sħiħa biss jew inkella parzjali biss.

**Illustrazzjoni 23: Limitu tal-introjtu għall-għajjnuna legali f'kawża ta' konsumatur speċifika, 2019(\*) (id-differenzi f' % mil-limitu tal-Eurostat għall-faqar) (sors: il-Kummissjoni Ewropea mas-CCBE(<sup>57</sup>))**



(\*) **EE:** id-deċiżjoni li tingħata għajjnuna legali mhijiex ibbażata fuq il-livell ta' riżorsi finanzjarji tal-applikant. **IE:** l-għajjnuna legali parzjali trid tikkunsidra wkoll l-assi disponibbli tal-applikant. **LV:** il-limitu jvarjaw skont il-muniċipalità, il-limitu superjuri huwa rrappreżentat fiċ-ċart.


Ħafna mill-Istati Membri jitolbu lill-partijiet iħallsu tariffa tal-qorti meta jibdew proċedimenti ġudizzjarji. Il-benefiċjarji tal-għajjnuna legali spiss ikunu eżentati milli jħallsu t-tariffi tal-qorti. Fil-BG, l-EE, l-IE, in-NL, il-PL u s-SI biss ir-riċevituri tal-għajjnuna legali mhumiex awtomatikament eżenti milli jħallsu t-tariffi tal-qorti. Fir-CZ, il-qorti tiddeċiedi fuq bażi individwali jekk teżentax lil benefiċjarju tal-għajjnuna legali milli jħallas it-tariffi tal-qorti. L-Illustrazzjoni 24 tqabbel, għaż-żewġ xenarji, il-livell tat-tariffa tal-qorti ppreżentat bħala sehem tal-valur tat-talba. Jekk, pereżempju, fl-Illustrazzjoni ta' hawn taħt, it-tariffa tal-qorti tidher bħala 10 % ta' talba ta' EUR 6 000, il-konsumatur ikollu jħallas tariffa tal-qorti ta' EUR 600 sabiex

<sup>56</sup> Sabiex tingħabar *data* komparattiva, il-limitu tal-Eurostat għall-faqar ta' kull Stat Membru ġie kkonvertit għall-introjtu fix-xahar. Il-limitu tar-riskju ta' faqar (AROP) huwa stabbilit għal 60 % tal-introjtu nazzjonali medjan ekwivalizzat disponibbli tal-unitajiet domestiċi. Stħarriġ Ewropew dwar l-Introjt u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien, tabella tal-Eurostat ilc\_li01, disponibbli hawnhekk: <http://ec.europa.eu/eurostat/web/income-and-living-conditions/data/database>.

<sup>57</sup> Id-*data* għall-2019 miġbura permezz tat-tweġibiet minn membri tas-CCBE għal kwestjonarju bbażat fuq ix-xenarju speċifiku li ġej: tilwima ta' konsumatur ma' kumpanija (ġew indikati żewġ valuri differenti tat-talba: EUR 6 000 u l-livell limitu tal-Eurostat għall-faqar f'kull Stat Membru). Minħabba li l-kundizzjonijiet għall-għajjnuna legali jiddependu mis-sitwazzjoni tal-applikant, jintuża x-xenarju li ġej: applikant impjegat ta' 35 sena, waħdu u mingħajr ebda persuna dipendenti fuqu u assigurazzjoni tal-ispejjeż legali, li għandu introjtu regolari u appartament mikri.

jibda proċedimenti ġudizzjarji. It-talba b'valur baxx hija bbażata fuq il-limitu tal-Eurostat għall-faqar għal kull Stat Membru.

**Illustrazzjoni 24: It-tariffa tal-qorti sabiex jinbdew proċedimenti ġudizzjarji f'kawża speċifika ta' konsumatur, 2019(\*) (il-livell ta' tariffa tal-qorti bħala sehem mill-valur tat-talba) (sors: il-Kummissjoni Ewropea mas-CCBE<sup>58</sup>)**




(\*) "Talba ta' valur baxx" hija talba li tikkorrispondi għal-limitu tal-Eurostat għall-faqar għal persuna waħedha f'kull Stat Membru, mibdul f'introjtu fix-xahar (eż. fl-2019, dan il-valur kien ivarja bejn EUR 164 fir-RO u EUR 1 804 fil-LU). **BE, EL u RO:** ma kienet ipprovduta l-ebda informazzjoni dwar it-tariffi tal-qorti għal talba ta' valur baxx. **LU:** il-litiganti jridu jħallsu tariffi ta' uffiċjal ġudizzjarju sabiex jibdew proċedimenti bħala rikorrenti sakemm ma jkunux jibbenefikaw minn għajjnuna legali. **NL:** It-tariffi tal-qorti għal introjtu ta' < EUR 2 275/xahar.

<sup>58</sup> Id-data tirreferi għal-limitu tal-introjtu validi fl-2019 u nġabret permezz tat-tweġibiet mill-membri tas-CCBE għal kwestjonarju bbażat fuq ix-xenarju speċifiku li ġej: tilwima ta' konsumatur ma' kumpanija (ġew indikati żewġ valuri differenti tat-talba: EUR 6000 u l-limitu tal-Eurostat għall-faqar f'kull Stat Membru).

Eżekuzzjoni effiċjenti tal-kuntratti hija essenzjali għall-ekonomija. Il-probabbiltà li jiġu rkuprati l-ispejjeż reali tal-litigazzjoni ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-kreditur li jfittex li jeżegwixxi kuntratt. Tipikament, il-kreditur, bħala rikorrent, ikun meħtieġ iħallas tariffa tal-qorti sabiex jippreżenta kawża l-qorti. Il-qorti ġeneralment jordnaw lill-konvenut li jitlef irodd lura bis-siġħ it-tariffi tal-qorti mħallsa mir-rikorrent li jkun rebaħ. L-Illustrazzjoni 25 turi l-livell tat-tariffa tal-qorti meħtieġa sabiex jinfetħ proċediment ġudizzjarju f'każ kummerċjali speċifiku (ara n-nota 59 f'qiegħ il-paġna).

**Illustrazzjoni 25: It-tariffa tal-qorti sabiex jinfetħu proċedimenti ġudizzjarji f'kawża kummerċjali speċifika, 2019(\*) (f'EUR) (sors: il-Kummissjoni Ewropea mas-CCBE<sup>59</sup>)**




(\*) L-irkupru tat-tariffi tal-qorti jiġi deċiż fuq bażi ta' każ b'każ fi **ES**, **PT** u **RO**. Ma hemm l-ebda rkupru komplut tat-tariffi tal-qorti mill-parti rebbieħa fil-**EL** u **HU**.

Normalment, il-kreditur ikollu jħallas minn qabel it-tariffi tal-avukat tiegħu stess mhux biss matul il-fażi kontenzjuża iżda diġà sa mill-fażi prekontenzjuża. Fir-rigward tar-rimborż, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tapplika r-regola li tgħid li parti li titlef il-kawża hija mistennija ġġarrab mhux biss l-ispejjeż legali tagħha stess, iżda anki dawk tal-parti rebbieħa. Tali regola ta' trasferiment tat-tariffi tiskoraġġixxi l-preżentazzjoni ta' kawżi bi probabbiltà baxxa ta' rebħ, filwaqt li tħeġġeġ il-preżentazzjoni ta' kawżi bi probabbiltà għolja ta' rebħ. L-Illustrazzjoni 26 turi l-ammont li l-qorti tagħti lir-rikorrent li jirbaħ f'xenarju ta' kawża kummerċjali speċifika (ara n-nota 60 f'qiegħ il-paġna). Tista' ssir distinzjoni bejn tliet sistemi ewlenin: (1) fl-Istati Membri b'sistema ta' tariffi statutorji, ir-rimborż tat-tariffi legali jiddependi mil-livell tat-tariffa statutorja prevista għall-ħidma mwettqa mill-avukat, li tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri; (2) fl-Istati Membri mingħajr sistema ta' tariffi statutorji, ikun hemm rimborż siġħ (HU, PT, FI) jew parzjali (PL, LV, LU) tat-tariffi legali; u (3) f'għadd ta' Stati Membri r-rimborż jiġi deċiż mill-qorti fuq bażi ta' każ b'każ.

<sup>59</sup> Id-data ngābret permezz tat-tweġibiet minn membri tas-CCBE għal kwestjonarju bbażat fuq ix-xenarju speċifiku li ġej: tilwima bejn żewġ kumpaniji f'litigazzjoni kummerċjali transfruntiera li tikkonċerna l-eżekuzzjoni ta' kuntratt. Il-valur tat-talba ġie indikat bħala EUR 20 000. Il-membri tas-CCBE ntalbu jipprovdu informazzjoni dwar it-tariffa tal-qorti li trid titħallas sabiex tiġi ppreżentata azzjoni fix-xenarju.

**Illustrazzjoni 26: Il-potenzjal ta' rkupru tat-tariffi legali fi proċess kummerċjali, 2019 (\*)**  
(f'EUR) (sors: il-Kummissjoni Ewropea mas-CCBE<sup>(60)</sup>)




(\*) Għal din l-illustrazzjoni, it-tariffi legali ma jinkludux l-ispejjeż klerikali u l-VAT, jekk ikunu pagabbli. It-tariffa legali ipotetika għall-fażi kontenzjuża prevista fix-xenarju hija ta' EUR 1 650. L-irkupru sħiħ f'sistemi mingħajr tariffa statutorja jfisser li dan l-ammont (EUR 1 650) jista' jiġi rkuprat. L-Istati Membri bi rkupru parzjali (PL, LV, LU) huma mqassma skont l-ordni tat-tariffa legali li tista' tiġi rkuprata (l-aktar sal-anqas, b'ammonti li jvarjaw minn EUR 1 275 – EUR 500). L-Illustrazzjoni ma tinkludix informazzjoni dwar il-potenzjal ta' rkupru ta' tariffi legali għall-fażi prekontenzjuża, li mhijiex prevista fl-Istati Membri kollha. **AT**: ix-xenarju ma japplikax għalkollox għas-sistema ta' rimborż tal-AT. **MT**: ma hemm l-ebda kunċett ta' tariffa legali fis-siegħa f'MT, ir-rimborż jiġi ddeterminat abbażi tal-valur tat-talba. **IT**: hemm tariffa statutorja fl-IT (EUR 3235 fix-xenarju), iżda l-qorti tista' tiddeċiedi dwar rimborż sa limitu stabbilit. **LT**: il-qorti tiddeċiedi filwaqt li tiegħu kont tal-gwida tal-Ministeru tal-Ġustizzja, l-ammont massimu fix-xenarju jkun ta' EUR 3 350.

– Il-preżentazzjoni u s-segwitu ta' talba online –

Il-kapaċità li wieħed ilesti passi speċifiċi fil-proċedura ġudizzjarja b'mezzi elettroniċi hija parti importanti mill-kwalità tas-sistemi tal-ġustizzja minħabba li s-sottomissjoni elettronika tat-talbiet kif ukoll il-possibbiltà li wieħed jimmonitorja u javvanza proċediment online jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja u jnaqqsu d-dewmien u l-ispejjeż. Is-sistemi tal-ICT fil-qrati wkoll għandhom rwol dejjem akbar fil-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u jiffaċilitaw ukoll l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, pereżempju, fir-rigward ta' proċeduri għal talbiet żgħar.

<sup>60</sup> Id-data nġabret permezz tat-tweġibiet minn membri tas-CCBE għal kwestjonarju bbażat fuq l-istess każ ipotetiku bħal dak tal-Illustrazzjoni 25 (ara FN 58). Ix-xenarju li ġej intuża bħala bażi għall-kalkolu tat-tariffi legali: il-kumpanija li tftitex li teżegwixxi l-kuntatt qabddet avukat speċjalizzat u tal-esperjenza, li wettaq ix-xogħol li ġej: Fil-fażi prekontenzjuża: 3 sigħat xogħol, dokument wieħed prodott għal tariffa legali fis-siegħa ta' EUR 150 (b'kollox EUR 450). Fil-fażi kontenzjuża: 11-il siegħa xogħol, 3 dokumenti prodotti, 2 seduti l-qorti għal tariffa legali fis-siegħa ta' EUR 150 netti (b'kollox EUR 1 650). Il-membri tas-CCBE ntabu jipprovdur informazzjoni dwar (a) it-tariffa statutorja prevista għax-xogħol fil-fażi (pre)kontenzjuża, jekk teżisti u (b) l-ammont tat-tariffa legali li l-qorti raġonevolment tordna li tiġi rimborżata mill-parti li tiffel.

**Illustrazzjoni 27: Id-disponibbiltà ta' mezzi elettroniċi, 2018 (\*) (0 = disponibbli f'0 % tal-grati, 4 = disponibbli f'100 % tal-grati <sup>(61)</sup>) (sors: studju tas-CEPEJ)**



(\*) Metodoloġija ġdida, id-data mhijiex komparabbli mas-snin preċedenti. **DK u RO:** il-kawżi jistgħu jittressqu quddiem il-qrati permezz tal-posta elektronika.

– L-aċċess għas-sentenzi –

L-iżgurar tal-aċċess għas-sentenza online jżid it-trasparenza tas-sistemi tal-ġustizzja, jgħin liċ-ċittadini u n-negozji jifhmu drittijiethom, u jista' jikkontribwixxi għall-konsistenza fil-ġurisprudenza. L-arranġamenti għall-pubblikazzjoni online tas-sentenzi huma essenzjali sabiex jinħolqu faċilitajiet ta' tiftix faċli għall-utent<sup>(62)</sup>, li jagħmlu l-ġurisprudenza aktar aċċessibbli għall-professjonijiet legali u għall-pubbliku ġenerali. Aċċess bla xkiel għall-ġurisprudenza u użu mill-ġdid faċli tal-ġurisprudenza jippermettu applikazzjonijiet innovattivi ta' "teknoloġija legali" li jappoġġaw lill-prattikanti.

Il-pubblikazzjoni online tad-deċiżjonijiet tal-qrati teħtieġ li jiġu bbilanċjati diversi interessi, fil-limiti stabbiliti mill-oqfsa ġuridiċi u ta' politika. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data<sup>(63)</sup> japplika bis-sħiħ għall-ipproċessar ta' data personali mill-qrati. Irid jinstab bilanċ ġust bejn id-dritt għall-protezzjoni tad-data u d-dritt għall-pubbliċità tad-deċiżjonijiet tal-qrati u għat-trasparenza tas-sistema tal-ġustizzja meta jiġi vvalutat liema data għandha ssir pubblika. Dan huwa partikolarment il-każ fejn hemm interess pubbliku prevalenti li jiġġustifika l-iżvelar ta' dik id-data. F'hafta pajjiżi, il-liġi jew il-prattika teħtieġ l-anonimizzazzjoni jew il-psewdonimizzazzjoni<sup>(64)</sup> ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji qabel il-pubblikazzjoni, jew b'mod

<sup>61</sup> Id-data tikkonċerna s-sena 2018. Ir-rata tat-tagħmir minn 100 % (tagħmir kompletament attiv) għal 0 % (tagħmir ma jeżistix) tindika l-preżenza funzjonali fil-qrati tat-tagħmir kopert mill-graff, skont l-iskala li ġejja: (100 % = 4 punti jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / 1,33 punt għal kull kwistjoni speċifika; 50-99 % = 3 punti jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / punt (1) għal kull kwistjoni speċifika; 10-49 % = 2 punti jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / 0,66 ta' punt għal kull kwistjoni speċifika; 1-9 % = punt (1) jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / 0,33 ta' punt għal kull kwistjoni speċifika. "Kwistjoni speċifika" hija relatata mat-tip ta' litigazzjoni trattata (ċivili/kummerċjali, kriminali, amministrattiva jew oħra).

<sup>62</sup> Ara *Best practice guide for managing Supreme Courts*, taħt il-proġett Supreme Courts as guarantee for effectiveness of judicial systems, p. 29.


Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>64</sup> L-anonimizzazzjoni/il-psewdonimizzazzjoni hija aktar effiċjenti jekk tiġi meġhuna minn algoritmu. Madankollu, hija meħtieġa superviżjoni umana, peress li l-algoritmi ma jifhmux il-kuntest.

sistematiku jew fuq talba. Id-*data* prodotta mill-ġudikatura hija rregolata wkoll mil-leġiżlazzjoni Ewropea dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku<sup>(65)</sup>.

Id-disponibbiltà ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji f'format li jinqara mill-magni<sup>(66)</sup> tiffaċilita sistema tal-ġustizzja li tiffavorixxi l-użu tal-algoritmi<sup>(67)</sup>.

**Illustrazzjoni 28: L-aċċess online mill-pubbliku ġenerali għas-sentenzi ppubblikati, 2019 (\*)**  
(kawżi ċivili/kummerċjali, amministrattivi u kriminali, l-istanzi kollha) (sors: il-Kummissjoni Ewropea<sup>(68)</sup>)



(\*) Il-massimu possibbli: 9 punti. Għal kull istanza tal-qorti, ingħata punt wieħed jekk ikunu disponibbli s-sentenzi kollha għall-kawżi ċivili/kummerċjali u amministrattivi u kriminali, rispettivament, u 0,5 ta' punt meta jkunu disponibbli wħud mis-sentenzi. Għall-Istati Membri li għandhom żewġ istanzi biss tal-qorti, ingħataw punti għat-tliet istanzi billi ġiet riflessa l-ogħla istanza rispettiva tal-istanza li ma teżistix. Għal daww l-Istati Membri li ma jagħmlu ebda distinzjoni bejn iż-żewġ oqsma tal-liġi (ċivili/kummerċjali u amministrattiva), ingħata l-istess numru ta' punti għaż-żewġ oqsma. **BE:** għall-kawżi ċivili u kriminali, kull qorti hija inkarigata li tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tas-sentenzi tagħha. **BG:** Id-deċiżjonijiet kriminali tal-Qorti tal-Kassazzjoni jiġu ppubblikati kollha ħliet daww li fihom informazzjoni klassifikata. **DE:** kull stat federali jiddeċiedi dwar id-disponibbiltà online tas-sentenzi tal-prim'istanza. **IE:** għal kawżi kriminali, il-kawżi sommarji ġeneralment mhumiex soġġetti għal sentenza bil-miktub. **CY:** għal kawżi amministrattivi u kriminali, l-imħallfin jiddeċiedu liema sentenzi jiġu ppubblikati. **LU** u **SE:** il-qrati ma jipubblikawx is-sentenzi tagħhom online b'mod regolari (il-kawżi li jistabbilixxu preċedent biss). **AT:** għall-prim'istanza u għat-tieni istanza, l-imħallfin jiddeċiedu liema sentenzi jiġu ppubblikati. **NL:** il-qrati jiddeċiedu dwar

<sup>65</sup> Id-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 90) u d-Direttiva 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).


<sup>66</sup> Is-sentenzi mmudellati skont l-istandards (eż. Akoma Ntoso) u l-metadata assoċjata tagħhom jistgħu jitniżżlu bla ħlas fil-forma ta' bażi ta' *data* jew b'mezzi awtomatizzati oħrajn (eż. Interfaċċa għall-Ipprogrammar tal-Aplikazzjonijiet).

<sup>67</sup> Ara wkoll il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija Ewropea għad-*data*, COM(2020) 66 final, il-White Paper tal-Kummissjoni dwar l-Intelliġenja Artifiċjali – Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiducia, COM (2020) 65 final, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar l-Aħjar Prattiki rigward il-Pubblikazzjoni Online tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti (ĠU C 362, 8.10.2018, p. 2).

<sup>68</sup> Id-*data* għall-2019 ingābret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

il-pubblikazzjoni skont kriterji pubblikati. **PL:** għal kawżi amministrattivi, il-kap tal-unità f'kull qorti jiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni. **PT:** għal kawżi ċivili u kriminali, kummissjoni fil-qorti tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni.

**Illustrazzjoni 29: Arranġamenti għall-produzzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji li jinqraw mill-magni, 2019 (\*) (kawżi ċivili/kummerċjali, amministrattivi u kriminali, l-istanzi kollha) (sors: il-Kummissjoni Ewropea (69))**



Għal kull Stat Membru, it-tliet kolonni jirrappreżentaw l-arranġamenti fis-seħħ għat-tipi li ġejjin ta' kawżi (mix-xellug għal-lemin):

1. kawżi ċivili/kummerċjali
2. kawżi amministrattivi
3. kawżi kriminali.

■ Is-sentenzi u l-metadata assoċjata tagħhom jistgħu jitniżżlu mingħajr ħlas fil-forma ta' bażi ta' data jew b'mezzi awtomatizzati oħra

■ L-anonimizzazzjoni/il-pseudonimizzazzjoni hija assistita minn algoritmu

■ Hemm regoli fis-seħħ għad-determinazzjoni ta' jekk id-data personali tiġix iddivulgata f'sentenzi ppubblikati online

■ Is-sentenzi għandhom informazzjoni assoċjata ("metadata") dwar ċitazzjonijiet u referenzi għad-dritt għall-ġurisprudenza nazzjonali u/jew tal-UE

■ Is-sentenzi għandhom informazzjoni assoċjata ("metadata") dwar il-keyword, id-data tad-deċiżjoni, eċċ.

■ Is-sentenzi huma assenjati Identifikatur Ewropew tal-Każistika (ECLI)

■ Is-sentenzi huma mmudellati skont standard li jkun jippermetti li jinqraw minn magni

(\*) Il-massimu possibbli: 24 punt għal kull tip ta' kawża. Għal kull waħda mit-tliet istanzi (il-prim'istanza, it-tieni istanza, l-istanza finali) jista' jingħata punt wieħed jekk jiġu koperti d-deċiżjonijiet ġudizzjarji kollha. Jekk jiġu koperti biss xi deċiżjonijiet ġudizzjarji f'istanza partikolari, jingħata nofs punt biss. Meta Stat Membru jkollu żewġ istanzi biss, ingħataw punti għat-tliet istanzi billi ġiet riflessa l-ogħla istanza rispettiva tal-istanza li ma teżistix. Għal dawk l-Istati Membri li ma jagħmlux distinzjoni bejn kawżi amministrattivi u ċivili/kummerċjali, ġew allokat li l-istess punti għaż-żewġ oqsma tal-liġi. **ES:** L-użu tal-bażi ta' data tal-Kunsill Ġenerali għall-Ġudikatura (CGPJ) għal finijiet kummerċjali, jew it-tniżżil massiv ta' informazzjoni mhuwiex permess. L-użu mill-ġdid ta' din l-informazzjoni għall-elaborazzjoni ta' bażijiet ta' data jew għal finijiet kummerċjali jrid isegwi l-proċedura u l-kundizzjonijiet stabbiliti mis-CGPJ permezz taċ-Ċentru ta' Dokumentazzjoni Ġudizzjarja tiegħu. **FR:** Huma biss is-sentenzi ppubblikati mill-Qorti ta' Kassazzjoni ("Cour de Cassation") li huma aċċessibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas. Dawk ippubblikati mill-qorti tal-appell fuq Jurica huma aċċessibbli permezz tan-network virtwali privat tal-ġustizzja, u għall-pubblikaturi legali. Is-sentenzi trażmessi mill-prim'istanza u mill-qorti għolja lill-Qorti tal-Kassazzjoni ("Cour de Cassation")

69 Id-data għall-2019 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.




mhumiex soġġetti għall-anonimizzazzjoni jew għall-pseudonimizzazzjoni. Għe stabbilit l-aċċess miftuħ għal sentenzi tal-qorti – bl-esklużjoni ta' tabbiet ripetittivi u sistematiċi. L-użu mill-ġdid ta' data personali ta' mħallfin u ta' persunal ġudizzjarju għall-evalwazzjoni, għall-analiżi, għat-tqabbil jew għat-tbassir tal-prattiki professjonali attwali jew preżunti tagħhom huwa punibbli. **IE:** L-ordinament ġuridiku Irlandiż ma għandux ġurisdizzjoni tal-qorti speċjalizzata sabiex tittratta kawżi tal-liġi amministrattiva. **LU:** F'kawżi amministrattivi, hemm biss żewġ livelli tal-qorti.

– Aċċess għal metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim –

L-Illustrazzjoni 30 turi l-isforzi tal-Istati Membri fil-promozzjoni tal-użu volontarju ta' metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim permezz ta' inċentivi speċifiċi, li jistgħu jvarjaw skont il-qasam tal-liġi <sup>(70)</sup>.

**Illustrazzjoni 30: Il-promozzjoni tal-metodi ADR u l-inċentivi biex jintużaw, 2019 (\*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea <sup>(71)</sup>)**



(\*) Il-massimu possibbli: 52 punt. Indikaturi aggregati bbażati fuq l-indikaturi li ġejjin: (1) sit web li jipprovdi informazzjoni dwar l-ADR, (2) Kampanji pubbliċitarji fil-midja, (3) Fuljetti għall-pubbliku ġenerali, (4) Il-qorti tipprovdi sessjonijiet ta' informazzjoni speċifiċi dwar l-ADR fuq talba, (5) Koordinatur tal-ADR/medjazzjoni fil-qrati, (6) Pubblikazzjoni tal-evalwazzjonijiet dwar l-użu tal-ADR, (7) Pubblikazzjoni tal-istatistika dwar l-użu tal-ADR, (8) L-għajnuna legali tkopri l-ispejjeż (parzjali jew sħaħ) imġarrba għall-ADR, (9) Rifużjoni sħiħa jew parzjali tat-tariffi tal-qorti, inklużi t-taxxi tal-boll, jekk l-ADR tirnexxi, (10) Ma huwa meħtieġ l-ebda avukat għall-proċedura tal-ADR, (11) L-imħallef jista' jaġixxi bħala medjatur, (12) Il-ftehim milħuq mill-partijiet ikun jista' jiġi eżegwit mill-qorti, (13) L-użu ta' għodod elettroniċi sabiex tiġi solvuta t-tilwima permezz ta' metodi tal-ADR. Għal kull wieħed minn dawn it-13-il indikatur, ingħata punt wieħed għal kull qasam tal-liġi. **CZ:** id-data għal tilwim amministrattiv mhijiex disponibbli. **DK:** kull qorti għandha ambaxxatur responsabbli għall-promozzjoni tal-użu tal-medjazzjoni. Il-qrati amministrattivi għandhom il-possibbiltà li jipproponu lill-partijiet sabiex jirrikorru għall-medjazzjoni. **IE:** il-kawżi amministrattivi huma inklużi fil-kategorija tal-kawżi ċivili u kummerċjali. **EL:** l-ADR teżisti fil-qasam tal-proċedura tal-akkwist pubbliku quddiem il-Qrati Amministrattivi tal-Appell. **ES:** l-ADR hija obligatorja fil-kawżi dwar il-liġi dwar ix-xogħol. **LT:** segretarju fl-Amministrazzjoni tal-Qrati Nazzjonali jikkoordina l-proċessi ġudizzjarji tal-medjazzjoni fil-qrati. **PT:** għat-tilwim ċivili/kummerċjali, it-tariffi tal-qorti jiġu rifużi biss fil-każ tal-Kummissarji tal-Ġustizzja. **SK:** l-ordni ġuridiku Slovakk ma jappoġġjax l-użu tal-ADR għal skopijiet amministrattivi. **SE:** l-imħallfin għandhom diskrezzjoni proċedurali dwar l-ADR. It-tfittxija ta' ftehim bonarju dwar it-tilwima hija komputu obligatorju għall-imħallef għajr jekk din ma tkunx xierqa minħabba n-natura tal-każ.


<sup>70</sup> Il-metodi maħsuba sabiex jipromwovu u jinċentivaw l-użu tal-ADR ma jkoprox ir-rekwiżiti obligatorji għall-użu tal-ADR qabel id-dħul fil-qorti, hekk kif tali rekwiżiti jqajmu tħassib dwar il-kompatibbiltà tagħhom mad-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

<sup>71</sup> Id-data għall-2019 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

– Ġustizzja adattata għat-tfal –

L-Illustrazzjoni 31 turi d-diversi arranġamenti fl-Istati Membri li jagħmlu s-sistema tal-ġustizzja aktar aċċessibbli għat-tfal u xierqa għall-ħtiġijiet tagħhom, pereżempju billi tipprovdi informazzjoni adattata għat-tfal dwar il-proċedimenti jew tiegħu miżuri sabiex tipprevjeni milli t-fal ikollhom jattendu diversi seduti.

**Illustrazzjoni 31: Ġustizzja adattata għat-tfal, 2019 (\*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea <sup>(72)</sup>)**



**3.2.2. Riżorsi**

Riżorsi suffiċjenti, li jinkludu l-investimenti neċessarji fl-infrastruttura fiżika u teknika, u persunal tal-kategoriji kollha li huwa kwalifikat sew, imħarreġ u mħallas b'mod adegwat, huma neċessarji għall-funzjonament tajjeb tas-sistema ġuridika. Mingħajr għadd suffiċjenti ta' faċilitajiet, ta' għodod jew ta' persunal bil-kwalifiki u bil-ħiliet meħtieġa u b'aċċess għal taħriġ kontinwu, il-kwalità tal-proċedimenti u tad-deċiżjonijiet ikunu f'riskju.


– Riżorsi finanzjarji –

L-illustrazzjonijiet ta' hawn taħt juru n-nefqa reali tal-gvern fuq it-tħaddim tas-sistema tal-ġustizzja (ħlief għall-ħabsijiet), kemm għal kull abitant (Illustrazzjoni 32) kif ukoll bħala sehem

<sup>72</sup> Id-data għall-2019 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.


mill-prodott domestiku gross (PDG) (Illustrazzjoni 33), u, fl-aħħar nett, il-kategoriji ewlenin tan-nefqa fuq il-qrati (Illustrazzjoni 34) <sup>(73)</sup>.

**Illustrazzjoni 32: In-nefqa totali tal-gvern estiż fuq il-qrati, 2012, 2016-2018 (\*) (f'EUR għal kull abitant) (sors: il-Eurostat)**



(\*) L-Istati Membri huma f'ordni skont in-nefqa tagħhom fl-2018 (mill-ogħla għall-anqas). Id-data tal-2018 għal ES, FR, HR, PT u SK hija proviżorja.

**Illustrazzjoni 33: In-nefqa totali tal-gvern estiż fuq il-qrati, 2012, 2016-2018 (\*) (bħala perċentwal tal-PDG) (sors: il-Eurostat)**




(\*) L-Istati Membri huma f'ordni skont in-nefqa tagħhom fl-2018 (mill-ogħla għall-anqas). Id-data tal-2018 għal ES, FR, HR, PT u SK hija proviżorja.

<sup>73</sup> In-nefqa totali (reali) tal-gvern estiż fuq l-amministrazzjoni, it-tħaddim jew l-appoġġ tal-qrati amministrattivi, ċivili u kriminali u s-sistema ġudizzjarja, inkluża l-eżekuzzjoni ta' multi u ta' ftehimiet legali ordnati mill-qrati u t-tħaddim ta' sistemi ta' libertà kondizzjonali, u l-għajnuna legali kif ukoll ir-rappreżentazzjoni u l-pariri legali f'isem il-gvern jew f'isem oħrajn ipprovduti mill-gvern permezz ta' flus jew f'servizzi, ħlief għall-amministrazzjonijiet tal-ħabs (Data tal-Kontijiet Nazzjonali, Klassifikazzjoni tal-Funzjonijiet tal-Gvern (COFOG), grupp 03.3), Tabella tal-Eurostat gov\_10a\_exp, disponibbli hawnhekk: <http://ec.europa.eu/eurostat/data/database>.

L-Illustrazzjoni 34 turi l-kategoriji ekonomiċi ewlenin li jiffurmaw in-nefqa tal-gvern fuq il-qrati: (1) il-pagi u s-salarji tal-imħallfin u tal-persunal tal-qorti, inklużi l-kontribuzzjonijiet soċjali (“kumpens tal-impjegati”<sup>(74)</sup>), (2) il-kostijiet operatorji għall-oġġetti u għas-servizzi li l-qrati jikkonsmaw bħal kirjiet tal-bini, oġġetti konsumabbli tal-uffiċċju, enerġija u għajjnuna legali (“konsum intermedju”<sup>(75)</sup>), (3) investiment f’assi fissi, bħall-bini tal-qorti u s-software (“formazzjoni grossa tal-kapital fiss”<sup>(76)</sup>), u (4) nefqa oħra.

**Illustrazzjoni 34: In-nefqa totali tal-gvern estiż fuq il-qrati skont il-kategorija (\*) (fl-2018, bħala perċentwal tan-nefqa totali) (sors: il-Eurostat)**



(\*) Id-data għal ES, FR, il-HR u s-SK hija proviżorja, id-data għall-PT hija stmata.

– Ir-riżorsi umani –


Riżorsi umani adegwati huma essenzjali għall-kwalità ta’ sistema ġudizzjarja. Id-diversità fost l-imħallfin, inkluż il-bilanċ bejn il-ġeneri, iżżid l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza kumplementari u tirrifletti r-realtà tas-soċjetà.

<sup>74</sup> Il-kumpens tal-impjegati jikkonsisti f’pagi u f’salarji fi flus kontanti jew *in natura* (D.11) u l-kontribuzzjonijiet soċjali attwali u implikati tal-impjegatur (D.121 u D.122). Ara: [https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Glossary:Compensation\\_of\\_employees](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Glossary:Compensation_of_employees).

<sup>75</sup> Il-konsum intermedju huwa kunċett tal-kontijiet nazzjonali li jkejje l-valur tal-oġġetti u tas-servizzi kkonsumati bħala inputs minn proċess ta’ produzzjoni. Dan jeskludi assi fissi li l-konsum tagħhom huwa rreġistrat bħala konsum ta’ kapital fiss. L-oġġetti u s-servizzi jistgħu jkunu jew trasformati jew użati mill-proċess tal-produzzjoni. Ara [https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Glossary:Intermediate\\_consumption](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Glossary:Intermediate_consumption).


<sup>76</sup> Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss, imqasra bħala FGKF, tikkonsisti fl-investimenti tal-produtturi residenti, nieqes id-disponimenti f’assi fissi matul perjodu speċifiku. Din tinkludi wkoll ċertu żidiet mal-valur tal-assi mhux prodotti realizzati mill-produtturi jew mill-unitajiet istituzzjonali. L-assi fissi huma assi tanġibbli jew mhux tanġibbli prodotti bħala outputs mill-proċessi tal-produzzjoni li jintużaw ripetutament, jew kontinwament, għal aktar minn sena. Ara [https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Glossary:Gross\\_fixed\\_capital\\_formation\\_\(GFCF\)](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Glossary:Gross_fixed_capital_formation_(GFCF)).

**Illustrazzjoni 35: L-għadd ta' mħallfin, 2012-2018 (\*) (għal kull 100 000 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)**



(\*) Din il-kategorija tikkonsisti minn imħallfin li jaħdmu fuq bażi full-time, skont il-metodoloġija tas-CEPEJ. Dan ma jinkludix Rechtspfleger/l-iskrivani tal-qorti li hemm f'ċerti Stati Membri. **AT:** Għaċ-ċiklu tal-2016 ġiet introdotta għall-ewwel darba d-data dwar il-ġustizzja amministrattiva. **EL:** l-għadd totali ta' mħallfin jinkludi l-kategoriji differenti matul is-snin kif muri hawn fuq, li parzjalment jispjega l-varjazzjoni tagħhom. Sa mill-2016, id-data fuq l-għadd ta' mħallfin professjonali tinkludi l-gradji kollha għall-ġustizzja kriminali u politika kif ukoll l-imħallfin amministrattivi. **IT:** Il-kummissjonijiet tal-awditjar reġjonali, il-kummissjonijiet tat-taxxa lokali, u l-qrati militari mhumiex ikkunsidrati. **LU:** in-numri ġew riveduti abbażi ta' metodoloġija mtejbja.


**Illustrazzjoni 36: Proporzjon ta' mħallfin professjonali nisa fil-Qrati Supremi fl-2017-2019 (\*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea (77))**



(\*) imqassmin skont iċ-ċifri tal-2019, l-ogħla sal-anqas.

<sup>77</sup> Data tal-2019. L-Istitut Ewropew għall-Ugwajjanza bejn is-Sessi, Bażi ta' Data tal-Istatistika dwar is-Sessi, disponibbli hawnhekk: [http://eige.europa.eu/lt/gender-statistics/dgs/indicator/wmidm\\_jud\\_natert\\_wmid\\_natert\\_supert](http://eige.europa.eu/lt/gender-statistics/dgs/indicator/wmidm_jud_natert_wmid_natert_supert)

**Illustrazzjoni 37: L-għadd ta' avukati, 2012 - 2018 (\*) (għal kull 100 000 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)**




(\*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, avukat huwa persuna kkwalfikata u awtorizzata skont il-liġi nazzjonali sabiex tinvoka u tagħxi f'isem il-klijenti tagħha, sabiex tinvolvi ruħha fil-prattika tal-liġi, sabiex tidher quddiem il-qrati jew tagħti pariri u tirrappreżenta lill-klijenti tagħha fi kwistjonijiet legali (Rakkomandazzjoni Rec(2000)21 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-eżerċitar tal-professjoni ta' avukat). **DE:** ma ssir l-ebda distinzjoni bejn gruppi differenti ta' avukati fil-Ġermanja, bħal solicitors u barristers. **FI:** sa mill-2015, l-għadd ta' avukati pprovduti jinkludi kemm l-għadd ta' avukati fis-settur privat kif ukoll l-għadd ta' avukati li qed jaħdmu fis-settur pubbliku.

– Taħriġ –

It-taħriġ ġudizzjarju huwa importanti sabiex jikkontribwixxi għall-kwalità tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u s-servizz tal-ġustizzja li jitwassal liċ-ċittadini. Id-data stabbilita hawn taħt tkopri t-taħriġ ġudizzjarju f'firxa wiesgħa ta' oqsma, inkluż dwar il-komunikazzjoni mal-partijiet u l-istampa u dwar il-ħiliet ġudizzjarji.

**Illustrazzjoni 38: Is-sehem ta' taħriġ kontinwu tal-imħallfin dwar diversi tipi ta' ħiliet, 2018 (\*) (bħala perċentwal tal-għadd totali ta' mħallfin li jingħataw dan it-tip ta' taħriġ) (sors: il-Kummissjoni Ewropea (78))**




(\*) (\*) L-Illustrazzjoni 38 turi d-distribuzzjoni tal-imħallfin li jieħdu sehem f'attivitajiet ta' taħriġ kontinwu (jiġifieri dawk li jseħħu wara l-perjodu ta' taħriġ inizjali sabiex wieħed isir imħallef) f'kull wieħed mill-erba' oqsma identifikati bħala perċentwal tal-għadd totali ta' mħallfin imħarrġa f'dawn it-tipi ta' taħriġ. L-attivitajiet ta' taħriġ

<sup>78</sup> Id-data tal-2018 inġabret f'kooperazzjoni man-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju u mas-CEPEJ. "Is-sengħa tal-imħallef" tinkludi attivitajiet bħat-tmexxija tas-seduti, il-kitba tad-deċiżjonijiet jew ir-retorika.

legali ma jìgux ikkunsidrati. L-awtoritajiet ta' taħriġ ġudizzjarju fil-EL, MT u PT ma pprovdewx attivitajiet ta' taħriġ speċifiku dwar il-ħiliet magħżula. DK: tinkludi l-persunal tal-qorti. AT: tinkludi l-prosekuturi.

### Illustrazzjoni 39: Disponibbiltà ta' taħriġ fil-komunikazzjoni għall-imħallfin, 2019 (\*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea <sup>(79)</sup>)




(\*) Il-massimu possibbli: 14-il punt. L-Istati Membri ngħataw punt wieħed jekk kellhom taħriġ inizjali u punt wieħed jekk kellhom taħriġ kontinwu (massimu ta' 2 punti għal kull tip ta' taħriġ). DK: ma jingħata l-ebda taħriġ dwar il-komunikazzjoni mal-persuni li huma neqsin mid-dawl jew mis-smiġħ minħabba li l-istat joffri appoġġ f'forma ta' għodod jew ta' assistent fl-awla tal-qorti lill-persuni neqsin mid-dawl jew mis-smiġħ, eż. interpretu għall-persuni neqsin mis-smiġħ. Taħriġ ieħor relatat mal-komunikazzjoni jinkludi: korsijiet immirati lejn it-tisħiħ tal-ħiliet ta' komunikazzjoni pubblika u ta' komunikazzjoni mal-midja (BE, BG, EE, LV, NL, PL, RO, SK); korsijiet dwar il-ħiliet ta' interrogazzjoni (DE u AT), korsijiet dwar il-ġestjoni tan-nies (BE, ES, PL) u taħriġ ta' ħiliet personali jkopru t-titjib taċ-ċarezza tad-deċiżjonijiet tal-qorti u tal-metodi ta' preżentazzjoni (CZ, DK, LV, HU, PL, SK).

### 3.2.3. Għodod ta' valutazzjoni

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-qorti jgħinu sabiex jiġu identifikati nuqqasijiet u ħtiġijiet, u għalhekk jgħinu lis-sistema ġudizzjarja żżid il-kwalità tagħha. Evalwazzjoni regolari tista' ttejjeb ir-rispons tas-sistema ġudizzjarja għall-isfidi attwali u futuri. Għodod adegwati tal-ICT jistgħu jipprovdu sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet f'ħin reali u jistgħu jgħinu sabiex jipprovdu statistika tal-qorti standardizzata fuq livell nazzjonali. Barra minn hekk, huma jistgħu jintużaw għall-ġestjoni tal-volumi ta' kawżi b'lura u tas-sistemi awtomatizzati ta' twissija bikrija. L-istħarriġijiet huma essenzjali sabiex jiġi vvalutat kif is-sistemi tal-ġustizzja joperaw mill-perspettiva tal-professjonisti legali u tal-utenti tal-qorti. Segwitu adegwat għas-sejbiet tal-istħarriġijiet huwa prerekwiżit sabiex ttejjeb il-kwalità tas-sistemi tal-ġustizzja.

<sup>79</sup> Id-data għall-2019 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

**Illustrazzjoni 40: Id-disponibbiltà tal-ICT għall-ġestjoni tal-kawżi u l-istatistika dwar l-attivitajiet tal-qorti, 2018** (\*)  
 (0 = disponibbli f'0 % tal-qrati, 4 = disponibbli f'100 % tal-qrati <sup>(80)</sup>) (sors: studju tas-CEPEJ)




(\*) Metodoloġija ġdida, id-data mhijiex komparabbli mas-snin preċedenti.

**Illustrazzjoni 41: Suġġetti tal-istħarriġijiet imwettqa fost l-utenti tal-qrati jew il-professjonisti legali, 2018** (\*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea <sup>(81)</sup>)

<sup>80</sup> Data tal-2018. Ir-rata tat-tagħmir minn 100 % (tagħmir kompletament attiv) għal 0 % (tagħmir ma jeżistix) tindika l-preżenza funzjonali fil-qrati tat-tagħmir kopert mill-graff, skont l-iskala li ġejja: 100 % = 4 punti jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / 1,33 punt għal kull kwistjoni speċifika; 50-99 % = 3 punti jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / punt (1) għal kull kwistjoni speċifika; 10-49 % = 2 punti jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / 0,66 ta' punt għal kull kwistjoni speċifika; 1-9 % = punt (1) jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / 0,33 ta' punt għal kull kwistjoni speċifika; "Kwistjoni speċifika" hija relatata mat-tip ta' litigazzjoni ttrattata (ċivili/kummerċjali, kriminali, amministrattiva jew oħra).


<sup>81</sup> Id-data għall-2018 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.





(\*) *L-Istati Membri ngħataw punt wieħed għal kull suġġett tal-istħarriġ indikat irrispettivament minn jekk l-istħarriġ twettaqx fil-livell nazzjonali, reġjonali jew tal-qrati. "Suġġetti oħrajn" jinkludu: stħarriġijiet fost l-avukati dwar il-funzjonament ta' ċerti qrati (ES); sensibilizzazzjoni dwar il-miżuri tal-ICT bħala mezz sabiex titejjeb l-aċċessibilità għall-utenti (MT); riżorsi u kundizzjonijiet materjali tal-qrati (PT); mistoqsijiet relatati ma' proġett dwar il-ġustizzja proċedurali (SI), possibilitajiet għat-titjib tal-funzjonament tal-qrati (SK); kunċetti ta' piena xierqa (FI); u s-sodisfazzjon tal-professjonisti legali u tal-utenti tal-qrati bis-servizzi mogħtija mis-sistema ġudizzjarja (SE). Fil-DE twettqu diversi stħarriġijiet differenti fil-livell tal-istati federali.*

**Illustrazzjoni 42: Segwitu tal-istħarriġijiet imwettqa fost l-utenti tal-qrati jew il-professjonisti legali, 2018 (\*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea <sup>(82)</sup>)**



(\*) L-Istati Membri ngħataw punt wieħed għal kull tip ta' segwitu. Il-kategorija "segwitu ieħor speċifiku" inkludiet: spezzjoni (ES); l-użu bħala gwida għall-iżvilupp tal-politika interna (MT); pubblikazzjoni ta' għodod informattivi għal skopijiet ġenerali (SI); u rapporti ta' awtovalutazzjoni tal-qrati (SK).


**3.2.4. Standards**

L-istandards jistgħu jtejbu l-kwalità tas-sistemi tal-ġustizzja. Wara l-ħarsa ġenerali lejn l-istandards dwar it-tempistika u l-informazzjoni lill-partijiet fl-edizzjoni preċedenti, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 tiffoka fuq it-tempistika, il-volum b'lura ta' kawżi u l-perjodi ta' żmien bħala għodda ta' ġestjoni fil-ġudikatura <sup>(83)</sup>. L-Illustrazzjoni 43 turi ħarsa ġenerali lejn liema l-Istati Membri jużaw miżuri standard dwar termini preskrittivi, perjodi ta' żmien u volumi ta' kawżi b'lura u tinkludi għall-ewwel darba informazzjoni mqassma skont l-oqsma tal-liġijiet u l-istanzi li fihom jeżistu standards bħal dawn. It-termini preskrittivi huma skadenzi kwantitattivi, eż. għadd massimu ta' jiem bejn ir-reġistrazzjoni ta' kawża sal-ewwel seduta. Il-volumi ta' kawżi b'lura huma kawżi li jmorru lura aktar minn perjodu ta' żmien identifikat. Il-perjodi ta' żmien huma miri/prattiki li jistgħu jitkejlu, pereżempju, li jiġi speċifikaw sehem definit minn qabel ta' kawżi li jridu jitlestew f'ċertu perjodu ta' żmien partikolari.

<sup>82</sup> Id-data għall-2018 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

<sup>83</sup> Fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE, l-istandards dwar it-termini preskrittivi u l-perjodi ta' żmien imorru lil hinn mid-dritt għal seduta fi żmien raġonevoli kif imnaqqax fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Illustrazzjoni 43: L-eżistenza ta' standards dwar it-tempistika, 2019 (\*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea <sup>(84)</sup>)**



(\*) L-Istati Membri ngħataw punt (1) għal kull istanza (il-prim'istanza, it-tieni istanza, l-istanza finali) għal kull qasam tal-liġi (ċivili/kummerċjali, amministrattiva u kriminali) jekk huwa definit standard. Il-massimu possibbli: 27 punt. Għall-Istati Membri li għandhom żewġ istanzi biss tal-qorti, ingħataw punti għal tliet istanzi billi għet riflessa l-ogħla istanza rispettiva tal-qorti tal-istanza li ma teżistix. Għal dawk l-Istati Membri li ma jagħmlu ebda distinzjoni bejn iż-żewġ oqsma tal-liġi (ċivili/kummerċjali u amministrattiva), ingħata l-istess għadd ta' punti għaż-żewġ oqsma.

<sup>84</sup> Id-data għall-2019 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

### 3.2.5. Sommarju dwar il-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji

Aċċess faċli, riżorsi adegwati, għodod ta' valutazzjoni effettivi u standards xierqa huma fatturi ewlenin li jikkontribwixxu għal kwalità għolja tas-sistemi tal-ġustizzja. Iċ-ċittadini u n-negozji jistennew deċiżjonijiet ta' kwalità għolja minn sistema tal-ġustizzja effettiva. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 tiżviluppa l-eżaminazzjoni komparattiva tagħha ta' dawn il-fatturi.

#### *Aċċessibilità*

Din l-edizzjoni tħares mill-ġdid lejn għadd ta' elementi li jikkontribwixxu għal sistema tal-ġustizzja li tiffavorixxi liċ-ċittadini:

- Kważi l-Istati Membri kollha jipprovdu aċċess għal **xi informazzjoni online** dwar is-sistema ġudizzjarja tagħhom, inkluż portal ċentralizzat fuq il-web b'formoli online u edukazzjoni interattiva dwar id-drittijiet legali (Illustrazzjoni 22). Id-differenzi jidhru fil-kontenut tal-informazzjoni u f'kemm dan huwa adegwat sabiex iwieġeb għall-ħtiġijiet tal-persuni. Pereżempju, għadd limitat biss ta' Stati Membri (9) jippermettu lin-nies jiskopru jekk humiex eliġibbli għal għajjnuna legali permezz ta' simulazzjoni interattiva online. Madankollu, fil-maġġoranza tal-Istati Membri hemm disponibbli informazzjoni għall-kelliema mhux nattivi kif ukoll informazzjoni mmirata għal persuni neqsin mid-dawl jew mis-smiġh.
- **Id-disponibilità tal-għajjnuna legali u l-livell tat-tariffi tal-qorti** għandhom impatt kbir fuq l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari għall-persuni li jgħixu fil-faqar. L-Illustrazzjoni 23 turi li, f'xi Stati Membri, il-konsumaturi li l-introjtu tagħhom huwa anqas mil-limitu tal-Eurostat għall-faqar ma jirċievu ebda għajjnuna legali. Meta mqabbla mas-sena li għaddiet, l-aċċessibilità għall-għajjnuna legali baqgħet stabbli. Fl-istess ħin, matul is-snin, l-għajjnuna legali saret anqas aċċessibbli f'xi Stati Membri. Il-livell tat-tariffi tal-qorti (Illustrazzjoni 24) baqa' fil-biċċa l-kbira stabbli mill-2016, għalkemm il-piż tat-tariffa tal-qorti għadu proporzjonalment oġġla għal talbiet ta' valur baxx. Id-diffikultà sabiex wieħed jibbenefika minn għajjnuna legali flimkien ma' livelli għoljin tat-tariffi tal-qorti f'xi Stati Membri jista' jkollhom effett dissważiv fuq persuni li jgħixu fil-faqar sabiex jaċċessaw il-ġustizzja.
- It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 għall-ewwel darba tinkludi wkoll informazzjoni dwar **it-tariffi tal-qorti u l-potenzjal ta' rkupru tal-ispejjeż legali f'kawża kummerċjali**. Il-livell tat-tariffi tal-qorti għal litigazzjoni kummerċjali (Illustrazzjoni 25) ivarja ħafna fost l-Istati Membri (minn 0,1 % sa 6 % tal-valur tat-talba), u żewġ Stati Membri biss ma għandhom l-ebda tariffa tal-qorti. L-Illustrazzjoni 26 turi, għall-ewwel darba, sa liema punt l-ispejjeż legali jistgħu jiġu rkuprati mill-parti rebbieħa f'kawża kummerċjali. Differenzi kbar fir-rigward tal-potenzjal ta' rkupru tat-tariffi legali għall-fażi kontenzjuża jidhru kemm bejn l-Istati Membri b'sistema ta' tariffi statutorji u dawk mingħajr, kif ukoll fi ħdan dawn il-gruppi (b'mod partikolari bejn sistemi ta' tariffi statutorji aktar u anqas ġenerużi). Barra minn hekk, f'ħafna Stati Membri, l-irkupru tal-ispejjeż legali jiddependi fuq id-diskrezzjoni tal-qorti. Il-livell ta' ġenerożità tas-sistema għall-irkupru tat-tariffi legali jista' jkollu effett ta' inċentiv jew deterrenti fuq il-probabbiltà li tiġi ppreżentata kawża, u għalhekk fuq l-aċċess kumplessiv għall-ġustizzja.
- **Id-disponibilità tal-mezzi elettroniċi** matul il-proċedura ġudizzjarja tikkontribwixxi għal aċċess aktar faċli għall-ġustizzja u għat-tnaqqis tad-dewmien u tal-ispejjeż. L-Illustrazzjoni 27 turi li f'aktar minn nofs l-Istati Membri, is-sottomissjoni elettronika tat-talbiet u t-trażmissjoni taċ-ċitazzjoni għadhom mhumiex implimentati jew huma possibbli biss b'mod limitat, kif deher diġà fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2019. Għad hemm diskrepanzi kbar b'mod partikolari fir-rigward tal-possibilità li jiġu segwiti l-proċedimenti tal-qorti online, fejn l-ebda Stat Membru ma laħaq implimentazzjoni sħiħa fil-qorti kollha fl-oqsma kollha tal-liġi.
- Meta mqabbel mas-snin preċedenti, **l-aċċess online għas-sentenzi tal-qorti** (Illustrazzjoni 28) baqa' stabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-pubblikazzjoni tas-sentenzi tal-oġġla istanza:

19-il Stat Membru jipubblikaw is-sentenzi ċivili/kummerċjali u amministrattivi kollha u l-istess għadd ta' Stati Membri jipubblikaw ukoll is-sentenzi kriminali fl-ogħla istanza. Dawn in-numri pożittivi jħeġġu lill-Istati Membri kollha sabiex ikomplu jagħmlu progress billi d-deċiżjonijiet tal-ogħla istanza jaqdu rwol importanti għall-konsistenza tal-ġurisprudenza. F'istanzi aktar baxxi, l-għadd ta' Stati Membri li jipubblikaw is-sentenzi kollha għadu ferm anqas, kemm għal sentenzi kriminali kif ukoll għal dawk ċivili/kummerċjali u għal sentenzi amministrattivi, ċifra li baqgħet stabbli mill-2017.

- It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 tapprofondixxi l-eżaminazzjoni tal-**arranġamenti fis-seħħ fl-Istati Membri li jistgħu jiffaċilitaw il-produzzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji li jinqraw minn magna** (Illustrazzjoni 29). L-Istati Membri kollha għandhom tal-anqas xi arranġamenti fis-seħħ għall-kawżi ċivili/kummerċjali, amministrattivi u kriminali. Madankollu, tista' tiġi osservata varjazzjoni konsiderevoli fost l-Istati Membri. Jidher li l-qrati amministrattivi huma relattivament aktar avvanzati fir-rigward tal-ħolqien ta' fatturi li jippermettu sistema ta' ġustizzja li tiffavorixxi l-algoritmi. Sistemi tal-ġustizzja fejn ġew implimentati arranġamenti għall-immudellar tas-sentenzi skont standards li jippermettu li jinqraw minn magni jidher li għandhom il-potenzjal li jiksibu riżultati aħjar fil-futur.
- L-għadd ta' Stati Membri li jipromwovu l-użu volontarju ta' **metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim** (ADR) (Illustrazzjoni 30) għal tilwim privat reġa' kompli jikber meta mqabbel mas-snin preċedenti. Primarjament, dan jinkiseb bl-introduzzjoni ta' aktar inċentivi għall-użu tal-ADR fost oqsma differenti tal-liġi. It-tilwim amministrattiv issa tqies għat-tieni sena konsekuttiva, filwaqt li wera espansjoni żgħira peress li issa aktar minn nofs l-Istati Membri jippermettu l-ADR f'dan il-qasam.
- Għall-ewwel darba, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 tippreżenta ħarsa ġenerali konsolidata tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri għal **sistema tal-ġustizzja adattata għat-tfal** (Illustrazzjoni 31). Kważi l-Istati Membri kollha jagħmlu tal-anqas xi akkomodazzjonijiet għat-tfal, b'miżuri għal smiġħ adatt għat-tfal (inkluż fis-seduti) u sabiex jipprevjenu diversi seduti għal tfal partikolarment prevalenti. Madankollu, anqas minn nofs l-Istati Membri għandhom siti web iddedikati għat-tfal li jipprovdu informazzjoni dwar is-sistema tal-ġustizzja.

### *Riżorsi*

Sistemi tal-ġustizzja ta' kwalità għolja fl-Istati Membri jirrikjedu livelli suffiċjenti ta' riżorsi finanzjarji u umani, inklużi l-investimenti neċessarji fl-infrastruttura fiżika u teknika, taħriġ inizjali u kontinwu xieraq, kif ukoll diversità fost l-imħallfin, inkluż bilanċ bejn il-ġeneri. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 turi dan li ġej:

- F'termini ta' **riżorsi finanzjarji**, id-*data* turi li, b'mod ġenerali, fl-2018, in-nefqa totali tal-gvern estiż fuq il-qrati għadha fil-maġġor parti stabbli fl-Istati Membri, b'differenzi sinifikanti fl-ammonti attwali, kemm f'EUR għal kull abitant kif ukoll bħala perċentwal tal-PDG bejn l-Istati Membri, li baqgħu jippersistu (Illustrazzjonijiet 32 u 33). Kważi l-Istati Membri kollha żiedu n-nefqa tagħhom *per capita* fl-2018 (żieda meta mqabbla mal-2017) u l-maġġoranza żiedu wkoll in-nefqa tagħhom bħala perċentwal tal-PDG.
- Bħal fl-2019, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 turi wkoll it-**tqassim tan-nefqa totali f'kategoriji differenti** abbażi tad-*data* miġbura mill-Eurostat. L-Illustrazzjoni 34 turi differenzi kbar fix-xejriet tal-infiq fost l-Istati Membri. Minn naħa waħda, filwaqt li l-pagi u s-salarji tal-imħallfin u tal-persunal tal-qrati (inklużi l-kontribuzzjonijiet soċjali) jirrappreżentaw l-akbar sehem fil-maġġoranza tal-Istati Membri, l-investment f'assi fissi bħall-bini tal-qrati u software huwa baxx ħafna, u f'xi każijiet anki nieqes. In-nefqa fuq il-kostijiet operatorji (eż. kirjiet tal-bini, għajjnuna legali u oġġetti konsumabbli oħra), min-naħa l-oħra, hija ferm oġġa f'ċerti Stati Membri milli f'ħafna mill-oħrajn. Dan it-tqassim baqa' relattivament stabbli minn sena għall-oħra (Illustrazzjoni 34).

- **In-nisa** għadhom jirrappreżentaw anqas minn ħamsin fil-mija tal-imħallfin fil-**livell tal-Qrati Supremi** fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (Illustrazzjoni 36). L-evoluzzjoni matul il-perjodu ta' tliet snin mill-2017 sal-2019 turi li x-xejriet ivarjaw bejn l-Istati Membri, iżda s-sehem ta' mħallfin nisa fil-Qrati Supremi żdied mill-2010 f'ħafna mill-Istati Membri.
- Dwar it-**taħriġ tal-imħallfin**, filwaqt li kważi l-Istati Membri kollha jipprovdu tal-anqas xi taħriġ kontinwu dwar is-sengħa tal-imħallef, anqas fosthom joffru taħriġ dwar il-ħiliet fl-IT, il-ġestjoni tal-qorti u l-etika ġudizzjarja u s-sehem tal-imħallfin li jirċievu dan it-taħriġ għadu baxx fil-parti l-kbira tal-pajjiżi (Illustrazzjoni 38). Dwar it-taħriġ għall-komunikazzjoni ma' gruppi vulnerabbli ta' partijiet, hemm xejra kontinwa ta' titjib, b'mod partikolari fir-rigward ta' persuni li huma neqsin mid-dawl jew mis-smiġħ, ta' vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u ta' applikanti għall-ażil (Illustrazzjoni 39). It-taħriġ dwar is-sensibilizzazzjoni u l-indirizzar tad-diżinformazzjoni sar ukoll disponibbli b'mod aktar mifrux meta mqabbel mas-sena l-oħra.

#### *Għodod ta' valutazzjoni*

- Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri implimentaw bis-sħiħ **is-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet tal-ICT** (bi ftit eċċezzjonijiet), id-differenzi għadhom jippersistu fir-rigward tal-għodod tal-produzzjoni tal-istatistika tal-attività tal-qorti (Illustrazzjoni 40). Dawn is-sistemi jservu għal diversi skopijiet, inkluża l-ġenerazzjoni ta' statistika, u għandhom jiġu implimentati b'mod konsistenti fis-sistema tal-ġustizzja kollha kemm hi. Ċerti Stati Membri għandhom sistemi ta' twissija bikrija maħsuba sabiex jiskopru problemi jew nuqqas ta' konformità mal-istandards tal-iproċessar tal-kawżi, li jippermettu li jinstabu soluzzjonijiet f'waqthom. F'xi Stati Membri, għadu mhuwiex possibbli li jiġi żgurat il-ġbir tad-*data* fuq livell nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ġustizzja.
- L-**użu ta' stħarriġijiet** fost l-utenti tal-qrati u l-professjonisti legali (Illustrazzjoni 41) reġa' naqas, b'numru li qed jikber ta' Stati Membri li qed jagħżlu li ma jwettqux stħarriġijiet. Madankollu, jidher li hemm xi differenzi fir-rigward ta' liema Stati Membri ma wettqux stħarriġijiet, li jindika li kultant l-istħarriġijiet jitwettqu biss kull sentejn jew kull ftit snin. L-aċċessibbiltà, is-servizz għall-klijenti, is-seduti tal-qorti u s-sentenzi, kif ukoll il-fiduċja ġenerali fis-sistema tal-ġustizzja, għadhom suġġetti rikorrenti tal-istħarriġijiet, iżda huma biss ftit l-Istati Membri li staqsew dwar is-sodisfazzjon tal-gruppi bi bżonnijiet speċjali u dwar l-għarfien dwar id-drittijiet tal-individwi. Kważi l-Istati Membri kollha li użaw stħarriġijiet żguraw ukoll segwitu (Illustrazzjoni 42), filwaqt li l-firxa tas-segwitu kompliet tvarja bil-bosta. Ir-riżultati ġeneralment ikkontribwew għal rapporti annwali jew speċifiċi u f'ħafna Stati Membri kkontribwew għal evalwazzjoni jew intużaw sabiex tiġi identifikata l-ħtieġa li tiġi emendata l-leġiżlazzjoni.

#### *Standards*

L-istandards jistgħu jgħollu l-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji. Din l-edizzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tkompli teżamina f'aktar dettall ċerti standards li għandhom l-għan li jtejbu ż-żmien tal-proċedimenti u tqassam dawn l-istandards b'mod aktar granulari filwaqt li tqis l-istanza u l-oqsma tal-liġi fejn jeżistu dawn l-istandards.

- Kważi l-Istati Membri kollha jużaw standards dwar it-tempistika, għalkemm mhux dejjem ikunu żviluppatti sal-istess grad fl-istanzi kollha u fl-oqsma kollha tal-liġi. L-istandards li jistabbilixxu termini preskrittivi (eż. żmien fiss mir-reġistrazzjoni ta' kawża sal-ewwel seduta) qed ikomplu jinfirxu dejjem aktar, filwaqt li daww dwar il-perjodi ta' żmien (eż. li jispeċifikaw sehem predefinit ta' kawżi li jridu jitlestew sa ċertu żmien) u l-volumi ta' xogħol b'lura għadhom anqas komuni (Illustrazzjoni 43) meta mqabbla magħhom. Madankollu, ċerti Stati Membri li jaffaċċjaw sfidi partikolari fl-effiċjenza bħalissa mhuwiex qed jużaw dawn l-istandards jew sa ċertu punt limitat biss.



### 3.3. Indipendenza

L-indipendenza ġudizzjarja, li hija integrali għall-kompitu tat-teħid ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, hija rekwiżit li joħroġ mill-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva msemmi fl-Artikolu 19 TUE, u mid-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal imnaqqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (Artikolu 47) <sup>(85)</sup>. Dak ir-rekwiżit jippreżumi (a) indipendenza esterna, meta l-korp ikkonċernat jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'mod kompletament awtonomu, mingħajr ma jkun soġġett għal kwalunkwe restrizzjoni ġerarkika jew subordinat għal kwalunkwe korp ieħor u mingħajr ma jieħu ordnijiet jew istruzzjonijiet minn kwalunkwe sors, li b'hekk ikun protett kontra interventi esterni jew pressjoni li tista' tfixxkel il-ġudizzju indipendenti tal-membri tiegħu u jinfluwenza d-deċiżjonijiet tagħhom, u (b) l-indipendenza u l-imparzjalità interni, meta tinżamm distanza ugwali mill-partijiet għall-proċedimenti u mill-interessi rispettivi tagħhom fir-rigward tas-suġġett ta' dawk il-proċedimenti<sup>(86)</sup>. L-indipendenza ġudizzjarja tiggarrantixxi li jkunu protetti d-drittijiet kollha li l-individwi jiksbu mid-dritt tal-UE u li jkunu ssalvagwardjati l-valuri komuni għall-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, b'mod partikolari l-valur tal-istat tad-dritt<sup>(87)</sup>. Il-preservazzjoni tal-ordinament ġuridiku tal-UE hija fundamentali għaċ-ċittadini u għan-negozji kollha li d-drittijiet u l-libertajiet tagħhom huma protetti mid-dritt tal-UE.

Il-perċezzjoni tal-indipendenza tal-ġudikatura hija tassew fattur li jsaħħaħ it-tkabbir, hekk kif il-perċezzjoni ta' nuqqas ta' indipendenza tista' tiskoraġġixxi l-investimenti. Minbarra l-indikaturi dwar l-indipendenza ġudizzjarja perċepita minn diversi sorsi, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-UE tal-2020 tippreżenta għadd ta' indikaturi dwar kif is-sistemi tal-ġustizzja huma organizzati sabiex jipproteġu l-indipendenza ġudizzjarja f'ċerti tipi ta' sitwazzjonijiet fejn l-indipendenza tagħhom tista' tkun f'riskju. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020, li tirrifletti l-input min-*Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (ENCJ)*, min-*Network tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-UE (NPSJC)*, u mill-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu, turi indikaturi aġġornati relatati mas-salvagwardji legali dwar il-proċedimenti dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin, u l-ħatra tal-membri tal-Kunsilli għall-Ġudikatura, u żewġ ħarsiet ġenerali lejn il-proċedimenti dixxiplinari fir-rigward tal-prosekuturi.

---

<sup>85</sup> Ara <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:12012P/TXT&from=MT>


<sup>86</sup> Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. u Oħrajn, C 585/18, C 624/18 u C 625/18, ECLI:EU:C:2019:982, il-punti 121 u 122; is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*, C-619/18, ECLI:EU:C:2019:531, il-punti 73 u 74; is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, *Associação Sindical dos Juizes Portugueses*, C- 64/16, ECLI:EU:C:2018:117, il-punt 44; is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, *Minister for Justice and Equality*, C- 216/18 PPU, ECLI:EU:C:2018:586, il-punt 65.

<sup>87</sup> Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*, C- 619/18, ECLI:EU:C:2019:531, il-punt 44.



### 3.3.1. Indipendenza ġudizzjarja perċepita

#### Illustrazzjoni 44: L-indipendenza perċepita tal-qrati u tal-imħallfin fost il-pubbliku ġenerali (\*) (sors: l-Ewrobarometru <sup>(88)</sup>) — kuluri ċari: 2016, 2018 u 2019, kuluri skuri: 2020




(\*) L-Istati Membri huma mqassmin l-ewwel skont il-perċentwal ta' risponenti li ddikjaraw li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija tajba ħafna jew pjuttost tajba (total tajba); jekk xi Stati Membri għandhom l-istess perċentwal ta' total tajba, dawn jitqassmu skont il-perċentwal ta' risponenti li qalu li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija pjuttost ħażina jew ħażina ħafna (total ħażina); jekk xi Stati Membri għandhom l-istess perċentwal ta' total tajba u total ħażina, dawn jitqassmu skont il-perċentwal ta' risponenti li qalu li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija tajba ħafna; jekk xi Stati Membri għandhom l-istess perċentwal ta' total tajba, total ħażina u ta' tajba ħafna, dawn jitqassmu skont il-perċentwal ta' risponenti li qalu li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija ħażina ħafna.


L-Illustrazzjoni 45 turi r-raġunijiet ewlenin mogħtija mir-risponenti għan-nuqqas perċepit ta' indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin. Ir-risponenti minn fost il-pubbliku ġenerali, li kklassifikaw l-indipendenza tas-sistema tal-ġustizzja bħala li hija “pjuttost ħażina” jew “ħażina ħafna”, setgħu jagħżlu minn fost tliet raġunijiet sabiex jispjegaw il-klassifikazzjoni tagħhom. L-Istati Membri huma elenkati fl-istess ordni bħal fl-Illustrazzjoni 44.

<sup>88</sup> L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL483, li sar bejn is-7 u l-11 ta' Jannar 2020. Tweġibiet għall-mistoqsija: “Minn dak li taf, kif tikklassifika s-sistema tal-ġustizzja f' (pajjiżna) f' termini tal-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin? Kieku tgħid li hija tajba ħafna, pjuttost tajba, pjuttost ħażina jew ħażina ħafna?”, ara: [https://ec.europa.eu/info/strategy/justice-and-fundamental-rights/effective-justice/eu-justice-scoreboard\\_mt](https://ec.europa.eu/info/strategy/justice-and-fundamental-rights/effective-justice/eu-justice-scoreboard_mt)

**Illustrazzjoni 45: Ir-raġunijiet ewlenin fost il-pubbliku ġenerali għan-nuqqas perċepit ta' indipendenza (is-sehem mir-rispondenti kollha — valur oġġla jfisser aktar influwenza) (sors: l-Ewrobarometru <sup>89</sup>)**



**Illustrazzjoni 46: L-indipendenza perċepita tal-qrati u tal-imħallfin fost il-kumpanji (\*) (sors: l-Ewrobarometru <sup>90</sup>) — kuluri ċari: 2016, 2018 u 2019, kuluri skuri: 2020)**



(\*) L-Istati Membri huma mqassmin l-ewwel skont il-perċentwal ta' rispondenti li ddkjaraw li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija tajba ħafna jew pjuttost tajba (total tajba); jekk xi Stati Membri għandhom l-istess perċentwal ta' total tajba, dawn jitqassmu skont il-perċentwal ta' rispondenti li qalu li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija pjuttost ħażina jew ħażina ħafna (total ħażina); jekk xi Stati Membri għandhom l-istess perċentwal ta'


<sup>89</sup> L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL483, tweġibiet għall-mistoqsija: “Tista’ tgħidli sa liema punt kull waħda mir-raġunijiet li ġejjin tispjega l-klassifikazzjoni tiegħek tal-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja f’(pajjiżna): ħafna, kemxejn, mhux daqstant, lanqas xejn?”.

<sup>90</sup> L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL484, li sar bejn is-7 ta’ Jannar u l-20 ta’ Jannar 2020. Tweġibiet għall-mistoqsija: “Minn dak li taf, kif tikklassifika s-sistema tal-ġustizzja f’(pajjiżna) f’termini tal-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin? Kieku tgħid li hija tajba ħafna, pjuttost tajba, pjuttost ħażina jew ħażina ħafna?”, ara: [https://ec.europa.eu/info/strategy/justice-and-fundamental-rights/effective-justice/eu-justice-scoreboard\\_mt](https://ec.europa.eu/info/strategy/justice-and-fundamental-rights/effective-justice/eu-justice-scoreboard_mt).

total tajba u total ħażina, dawn jitqassmu skont il-perċentwal ta' rispondenti li qalu li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija tajba ħafna; jekk xi Stati Membri għandhom l-istess perċentwal ta' total tajba, total ħażina u ta' tajba ħafna, dawn jitqassmu skont il-perċentwal ta' rispondenti li qalu li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija ħażina ħafna.

L-Illustrazzjoni 47 turi r-raġunijiet ewlenin mogħtija mir-rispondenti għan-nuqqas perċepit ta' indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin. Ir-rispondenti minn fost il-kumpaniji, li kklassifikaw l-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja bħala li hija “pjuttost ħażina” jew “ħażina ħafna”, setgħu jagħżlu minn fost tliet raġunijiet sabiex jispjegaw il-klassifikazzjoni tagħhom. L-Istati Membri huma elenkati fl-istess ordni bħal fl-Illustrazzjoni 46.


**Illustrazzjoni 47: Ir-raġunijiet ewlenin fost il-kumpaniji għan-nuqqas perċepit ta' indipendenza (ir-rata tar-rispondenti kollha — valur oġġla jfisser aktar influwenza) (sors: l-Ewrobarometru <sup>(91)</sup>)**



**Illustrazzjoni 48: WEF: il-perċezzjoni tal-indipendenza tal-imħallfin fost in-negozji, 2010-2019 (perċezzjoni — valur oġġla jfisser perċezzjoni aħjar) (sors: il-Forum Ekonomiku Dinji <sup>(92)</sup>)**

<sup>91</sup> L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL484: tweġibiet għall-mistoqsija: “Tista’ tgħidli sa liema punt kull waħda mir-raġunijiet li ġejjin tispjega l-klassifikazzjoni tiegħek tal-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja f’(pajjiżna): ħafna, kemxejn, mhux daqstant, lanqas xejn?”.

<sup>92</sup> Il-Forum Ekonomiku Dinji (WEF) jibbaża l-indikatur tiegħu fuq it-tweġibiet tal-istħarriġ għall-mistoqsija: “F’pajjiżek, kemm hija indipendenti s-sistema ġudizzjarja mill-influwenzi tal-gvern, tal-individwi jew tal-kumpaniji? [1 = mhux indipendenti xejn; 7 = totalment indipendenti]”. It-tweġibiet għall-istħarriġ ittieħdu minn kampjun rappreżentattiv ta’ negozji li jirrappreżentaw is-setturi ewlenin tal-ekonomija (l-agrikoltura, l-industrija tal-manifattura, l-industrija mhux tal-manifattura u s-servizzi) fl-Istati Membri kollha kkonċernati. L-istħarriġ isir f’formati differenti, inklużi intervisti wiċċ imb wiċċ jew bit-telefon ma’ diriġenti ta’ negozji, b’formoli stampati mibgħuta bil-posta, u sħarriġijiet online: Ara <https://www.weforum.org/reports/global-competitiveness-report-2019>



### 3.3.2. Indipendenza strutturale

Il-garanziji tal-indipendenza strutturale jeħtieġu regoli, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-qorti u tal-ħatra, tat-tul tas-servizz u tar-raġunijiet għal astensjoni, għal rifjut u għal tkeċċija tal-membri tagħha, sabiex telimina kwalunkwe dubju raġonevoli fl-imħuħ tal-individwi dwar il-kapaċità ta' dik il-qorti li ma tiġix influwenzata minn fatturi esterni u n-newtralità tagħha fir-rigward tal-interessi li ssib quddiemha<sup>(93)</sup>. B'mod partikolari daww ir-regoli jridu jkunu tali li jipprekludu mhux biss kwalunkwe influwenza diretta, fil-forma ta' struzzjonijiet, iżda anki tipi ta' influwenza li huma aktar indiretti u li jista' jkollhom effett fuq id-deċiżjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati<sup>(94)</sup>.

Ġew żviluppatti standards Ewropej, b'mod partikolari mill-Kunsill tal-Ewropa, pereżempju f'*2010 Council of Europe Recommendation on judges: independence, efficiency and responsibilities*<sup>(95)</sup>. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-UE tal-2020 tippreżenta għadd ta' indikaturi

<sup>93</sup> Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. u Öhrajn (Indipendenza tal-Kamra Dixxiplinari tal-Qorti Suprema), C-585/18, C-624/18 u C-625/18, ECLI:EU:C:2019:982, il-punti 121 u 122; is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*, C-619/18, ECLI:EU:C:2019:531, il-punti 73 u 74; is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, LM, C-216/18 PPU, ECLI:EU:C:2018:586, il-punt 66. Ara wkoll il-paragrafi 46 u 47 tar-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 Judges: Independence, Efficiency and Responsibility (adottata mill-Kunsill tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-17 ta' Novembru 2010) u l-Memorandum ta' Spjegazzjoni, li jipprevedu li l-awtorità li tiegħu d-deċiżjonijiet dwar l-għażla u l-karriera tal-imħallfin jenħtieġ li tkun indipendenti mill-eżekuttiv u mis-setgħat leġislattivi. Bl-għan li tiġi garantita l-indipendenza tagħha, tal-anqas nofs il-membri tal-awtorità jenħtieġ li jkunu mħallfin magħżula mill-pari tagħhom. Madankollu, meta d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali jew legali oħrajn jistabbilixxu li l-kap tal-istat, il-gvern jew is-setgħa leġislattiva jieħdu deċiżjonijiet dwar l-għażla u l-karriera tal-imħallfin, jenħtieġ li jkun hemm awtorità kompetenti u indipendenti li parti sostanzjali minnha tkun ġejja mill-ġudikatura (mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli għall-kunsilli għall-ġudikatura li jinsabu fil-Kapitolu IV) li tkun awtorizzata sabiex tagħmel rakkomandazzjonijiet jew tesprimi opinjonijiet li l-awtorità tal-ħatra rilevanti ssegwi fil-prattika.

<sup>94</sup> Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. u Öhrajn (Indipendenza tal-Kamra Dixxiplinari tal-Qorti Suprema), C-585/18, C-624/18 u C-625/18, ECLI:EU:C:2019:982, il-punt 123; is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*, C-619/18, ECLI:EU:C:2019:531, il-punt 112.

<sup>95</sup> Ara r-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2010)12 Judges: Independence, Efficiency and Responsibility, adottata mill-Kunsill tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-17 ta' Novembru 2010 u l-Memorandum ta' Spjegazzjoni (minn hawn 'il quddiem: "ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12").

dwar il-mod kif inhuma organizzati s-sistemi tal-ġustizzja sabiex tiġi ssalvagwardjata l-indipendenza ġudizzjarja.

Din l-edizzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE fiha indikaturi aġġornati dwar il-korpi u l-awtoritajiet involuti fi proċedimenti dixxiplinari rigward l-imħallfin (Illustrazzjonijiet 49 u 50), u dwar il-ħatra ta' membri tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (Illustrazzjonijiet 51 u 52) <sup>(96)</sup>. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 tippreżenta wkoll informazzjoni dwar il-korpi u l-awtoritajiet involuti fi proċedimenti dixxiplinari fir-rigward tal-prosekuturi (Illustrazzjonijiet 53 u 54) u illustrazzjoni aġġornata aktar dettaljata dwar l-istruzzjonijiet lill-prosekuturi f'każijiet individwali (Illustrazzjoni 55) <sup>(97)</sup>. L-illustrazzjonijiet jippreżentaw l-oqfsa nazzjonali kif kienu fis-seħħ f'Diċembru 2019.

L-illustrazzjonijiet ippreżentati fit-Tabella ta' Valutazzjoni ma jipprovdu ebda valutazzjoni u ma jippreżentaw ebda *data* kwantitattiva dwar l-effettività tas-salvagwardji. Dawn mhumiex maħsuba sabiex jirriflettu l-kumplessità u d-dettalji tas-salvagwardji. Li jkun hemm aktar salvagwardji mhuwiex biżżejjed, fih innifsu, sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' sistema tal-ġustizzja. Jenħtieġ li jiġi nnotat ukoll li l-implimentazzjoni ta' politiki u ta' Prattiki li jippromwovu l-integrità u li jipprevjenu l-korruzzjoni fil-ġudikatura hija essenzjali wkoll sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza ġudizzjarja. Fl-aħħar nett, il-protezzjoni effettiva tal-indipendenza ġudizzjarja teħtieġ kultura ta' integrità u ta' imparzjalità, kondiviża mill-maġistrati u rrispettata mis-soċjetà usa'.

#### – Salvagwardji dwar il-proċedimenti dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin –

Il-proċedimenti dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin huma fost is-sitwazzjonijiet l-aktar sensitivi relatati mal-indipendenza ġudizzjarja. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea “r-regoli li jirregolaw is-sistema dixxiplinari [...] ta' dawk li għandhom il-kompitu li jiġġudikaw, ikollhom il-garanziji meħtieġa sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' użu ta' tali sistema bħala sistema ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji” <sup>(98)</sup>. Is-sett ta' garanziji identifikati mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala essenzjali għas-salvagwardja tal-indipendenza tal-ġudikatura jinkludu regoli li jiddefinixxu kemm l-imġiba li twassal għal reati dixxiplinari kif ukoll il-pieni effettivament applikabbli, regoli li jipprovdu għall-involviment ta' korpi indipendenti f'konformità ma' proċedura li tissalvagwardja bis-sħiħ id-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, b'mod partikolari d-drittijiet tad-difiża, u regoli li jstabbilixxu l-possibbiltà li jinfetħu proċedimenti legali kontra d-deċiżjonijiet tal-korpi dixxiplinari <sup>(99)</sup>. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li “l-Artikolu 267 TFUE jagħti lill-qrati nazzjonali diskrezzjoni mill-iktar wiesgħa sabiex jirreferu kawża lill-Qorti (...) f'kull stadju tal-proċedura li huma jqisu xieraq” <sup>(100)</sup>. Skont il-Qorti tal-

<sup>96</sup> L-illustrazzjonijiet huma bbażati fuq it-tweġibiet għal kwestjonarju aġġornat imfassal mill-Kummissjoni b'assoċjazzjoni mill-qrib mal-ENCJ. It-tweġibiet għall-kwestjonarju aġġornat mill-Istati Membri li ma għandhomx Kunsilli għall-Ġudikatura, li mhumiex membri tal-ENCJ jew is-sħubija tagħhom mal-ENCJ ġiet sospiża (CZ, DE, EE, CY, LU, AT, PL u FI) inkisbu permezz ta' kooperazzjoni man-Network tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-UE.

<sup>97</sup> L-illustrazzjonijiet huma bbażati fuq-tweġibiet għal kwestjonarju aġġornat imfassal mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu.

<sup>98</sup> Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Novembru 2019, *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*, C-192/18, ECLI:EU:C:2019:924, il-punt 114; tal-24 ta' Ġunju 2019, *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*, C-619/18, ECLI:EU:C:2019:531, il-punt 77, u tal-25 ta' Lulju 2018, LM, C-216/18 PPU, ECLI:EU:C:2018:586, il-punt 67.

<sup>99</sup> Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-24 ta' Ġunju 2019, *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*, C-619/18, ECLI:EU:C:2019:531, il-punt 77, u s-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, LM, C-216/18 PPU, ECLI:EU:C:2018:586, il-punt 67.

<sup>100</sup> Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Lulju 2016, *Ognyanov*, C-614/14, ECLI:EU:C:2016:514, il-punt 17. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. u

Ġustizzja, kwalunkwe regola nazzjonali li tinibixxi din id-diskrezzjoni “sabiex [t]evita (...) li [t]jinkorri sanzjonijiet dixxiplinari (...) tippreġudika l-prerogattivi mogħtija lill-qrati nazzjonali mill-Artikolu 267 TFUE u, konsegwentement, l-effikaċja tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita mill-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari”<sup>(101)</sup>. Il-Qorti mbagħad sostniet li l-“fatt li ma jkunux esposti għal sanzjonijiet dixxiplinari għall-eżerċizzju ta’ possibbiltà (...) li ssir talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti (...) jikkostitwixxi garanzija inerenti għall-indipendenza tal-imħallfin”<sup>(102)</sup>.

Skont l-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa, jistgħu jsegwu proċedimenti dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin meta dawn jonqsu milli jwettqu dmirijietom b’manjiera effiċjenti u xierqa<sup>(103)</sup>. L-interpretazzjoni tal-liġi, il-valutazzjoni tal-fatti jew il-ponderazzjoni tal-evidenza mwettqa mill-imħallfin sabiex jiddeterminaw il-kawżi jenħtieġ li ma johlqux responsabbiltà ċivili jew dixxiplinari, ħlief fil-każ ta’ att malizzjuż jew ta’ negliġenza gravi<sup>(104)</sup>. Barra dan, jenħtieġ li l-proċedimenti dixxiplinari jitwettqu minn awtorità indipendenti bħala qorti bil-garanziji kollha ta’ proċess ġust. L-imħallef taħt proċediment dixxiplinari jenħtieġ li jkollu d-dritt li jikkontesta kemm id-deċiżjoni kif ukoll is-sanzjoni. Jenħtieġ li s-sanzjonijiet dixxiplinari jkunu proporzjonati<sup>(105)</sup>.

L-Illustrazzjoni 49 tippreżenta ħarsa ġenerali aġġornata tal-awtoritajiet li jiddeċiedu dwar sanzjonijiet dixxiplinari fir-rigward ta’ mħallfin ordinarji, li jistgħu jkunu jew (a) awtoritajiet indipendenti regolari bħal qrati (il-Qorti Suprema, il-Qorti Amministrattiva jew il-President tal-Qorti), jew Kunsilli għall-ġudikatura, jew (b) awtoritajiet oħrajn li l-membri tagħhom huma maħturin speċifikament mill-Kunsill għall-Ġudikatura, minn imħallfin jew mill-eżekuttiv.

### Illustrazzjoni 49: Awtorità li tiddeċiedi dwar sanzjonijiet dixxiplinari li jirrigwardaw l-imħallfin (\*)<sup>(106)</sup>



(\*) **BG:** Jistgħu jiġu imposti sanzjonijiet dixxiplinari anqas severi mill-President tal-Qorti. **Kwalunkwe deċiżjoni dwar miżuri dixxiplinari hija miftuħa għal sħarriġ ġudizzjarju quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema.** **CZ:** Il-każijiet dixxiplinari jiġu eżaminati mill-awli dixxiplinari tal-Qorti Suprema Amministrattiva. Il-membri jiġu proposti mill-President tal-Qorti minn lista ta’ mħallfin u jintgħażlu bil-polza. **DK:** Il-Qorti Speċjali ta’ Imputazzjoni u ta’ Revizzjoni li tinkludi ħames membri, maħtura formalment mill-Ministru tal-Ġustizzja iżda nnominati rispettivament mill-Qorti Suprema, mill-Qrati Għolja, mill-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u mill-Assoċjazzjoni tal-Avukatura kif ukoll minn akkademiku distint, tiddeċiedi dwar sanzjonijiet dixxiplinari. Il-president ta’ qorti tal-prim’istanza jista’ joħroġ twissija. **DE:** Jistgħu jiġu applikati miżuri dixxiplinari fi proċedimenti dixxiplinari formali (ara l-Kapitolu 63 tal-Att dwar il-Ġudikatura tal-

Oħrajn (Indipendenza tal-Kamra Dixxiplinari tal-Qorti Suprema), C-585/18, C-624/18 u C-625/18, ECLI:EU:C:2019:982, il-punt 103;

<sup>101</sup> Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta’ Lulju 2016, *Ognyanov*, C-614/14, ECLI:EU:C:2016:514, il-punt 25.

<sup>102</sup> Ara l-ordni tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta’ Frar 2019, *RH*, C-8/19, ECLI:EU:C:2019:110, il-punt 47.

<sup>103</sup> Il-para. 69 tar-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12.

<sup>104</sup> Il-para. 66 tar-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12.

<sup>105</sup> Il-para 69 tar-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12.

<sup>106</sup> *Data* miġbura permezz ta’ kwestjonarju aġġornat imfassal mill-Kummissjoni b’assoċjazzjoni mill-qrib mal-ENCJ. It-tweġibiet għall-kwestjonarju aġġornat mill-Istati Membri li ma għandhomx Kunsilli għall-Ġudikatura, li mhumiex membri tal-ENCJ jew is-sħubija tagħhom mal-ENCJ ġiet sospiża, inkisbu permezz ta’ kooperazzjoni mal-NPSC.

Ġermanja għall-imħallfin federali u d-dispożizzjoni ekwivalenti fil-livell tal-Länder) minn qrati tas-servizz (“Dienstgericht des Bundes” rigward l-imħallfin federali u “Dienstgerichte der Länder” rigward imħallfin tal-istati federali), li huma panels speċjali fil-qrati regolari. Il-membri ta’ dawn il-panels jinħatru mill-imħallfin (“Präsidium”) tal-qorti partikolari (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja jew il-qorti regionali superjuri jew il-qorti regionali). Jistgħu jinħarġu miżuri dixxiplinari anqas severi, bħal ċanfir, f’ordni dixxiplinari (ara l-Kapitolu 64 tal-Att dwar il-Ġudikatura tal-Ġermanja għall-imħallfin federali u d-dispożizzjonijiet ekwivalenti fil-livell tal-Länder) minn President tal-Qorti jew mill-Ministeru tal-Ġustizzja (kemm fil-livell tal-istati federali kif ukoll fil-livell federali). **EE:** Il-każijiet dixxiplinari jiġu eżaminati mill-Awla Dixxiplinari tal-Imħallfin maħtura mill-Qorti Suprema, u mill-Assemblea Ġenerali tal-Imħallfin kollha Estonjani. **IE:** Il-Kumitat dwar il-Kondotta Ġudizzjarja jiddeċiedi, u dan huwa stabbilit mill-Kunsill Ġudizzjarju u huwa magħmul minn tliet imħallfin eletti mill-pari tagħhom, ħames presidenti tal-qorti (membri ex officio) u minn ħames membri onorarji maħtura mill-gvern. Skont il-Kostituzzjoni, imħallef jista’ jinehha mill-kariga għal imġiba ħażina jew inkapaċità ddikjarati wara li jgħaddu riżoluzzjonijiet miż-żewġ Kmamar tal-Parlament (l-Oireachtas) li jitolbu għat-tneħħija tiegħu. **EL:** L-awtorità dixxiplinari fuq l-imħallfin tiġi eżerċitata, fil-prim’ u fit-tieni istanza, mill-kunsilli komposti minn imħallfin regolari ta’ grad ogħla magħżulin bil-polza. L-awtorità dixxiplinari fuq l-imħallfin ta’ grad għoli tiġi eżerċitata mill-Kunsill Dixxiplinari Suprem. **IT:** Deċiżjonijiet tal-Kunsill għall-Ġudikatura dwar miżuri dixxiplinari huma mijtuha għal sħarriġ ġudizzjarju quddiem il-Qorti Suprema. **LV:** Il-każijiet dixxiplinari jiġu eżaminati mill-Kumitat Dixxiplinari Ġudizzjarju li l-membri tiegħu jinħatru permezz tal-laqgħa ġenerali tal-imħallfin. **ES:** Id-deċiżjonijiet dixxiplinari fir-rigward ta’ reati dixxiplinari minuri jittieħdu mill-kamra ta’ governanza tal-Qorti rispettiva tad-distrett fejn jippresjedi l-imħallef iddixxiplinat (il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja, il-Qorti Nazzjonali u l-Qorti Suprema, u anke mill-Presidenti tal-Qorti Suprema, mill-Udjenza Nazzjonali u mill-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja fejn jippresjedi l-imħallef iddixxiplinat skont 421.1.a) Il-Liġi Organika tal-Ġudikatura). **LT:** Fil-prim’ istanza, tiddeċiedi l-Qorti Ġudizzjarja tal-Unur, li l-membri u l-president tagħha (imħallef, eletti mill-Kunsill għall-Ġudikatura) huma stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill għall-Ġudikatura. Din hija komposta minn sitt imħallfin magħżulin u maħturin mill-Kunsill għall-Ġudikatura, żewġ membri maħturin mill-President tar-Repubblika u żewġ membri maħturin mill-Ispeaker tas-Seimas. Fit-tieni istanza, tiddeċiedi l-Qorti Suprema. **HU:** Il-każijiet dixxiplinari jiġu eżaminati mill-Qorti għas-Servizz maħtura mill-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura. Il-president tal-qorti jista’ jimponi l-anqas piena (“twissija”) li tista’ tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tas-Servizz. **MT:** Il-Kumitat għall-Imħallfin u l-Maġistrati, li huwa sottokumitat tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, jiddeċiedi. Il-Kumitat jikkonsisti fi tliet imħallfin jew maġistrati eletti mill-pari tagħhom. **PL:** Il-Ministru tal-Ġustizzja jagħżel l-imħallfin dixxiplinari wara konsultazzjoni mhux vinkolanti mal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura. Il-Kamra Dixxiplinari tal-Qorti Suprema, inkarigata sabiex tiddeċiedi fost l-oħrajn dwar każijiet dixxiplinari ta’ mħallfin fit-tieni istanza, instabet li mhijiex qorti indipendenti skont it-tifsira tad-dritt tal-UE fi tliet sentenzi tal-Qorti Suprema, li jimplimentaw is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta’ Novembru 2019. **SI:** Il-qorti dixxiplinari tinhatru mill-Kunsill għall-Ġudikatura minn fost il-membri tal-Kunsill stess u minn fost l-imħallfin proposti mill-Qorti Suprema. **SK:** Il-Presidenti tal-prim’ istanza għandhom is-setgħa li jimponu s-sanzjoni dixxiplinari ta’ “twissija bil-miktub”. Il-panels dixxiplinari jiġu maħturin mill-Kunsill għall-Ġudikatura. Għall-President u l-Viċi President tal-Qorti Suprema, hija l-Qorti Kostituzzjonali li hija kompetenti għall-proċedimenti dixxiplinari. **SE:** Imħallef permanenti jista’ jinehha mill-kariga biss jekk ikun wettaq reat gravi jew minħabba negliġenza ripetuta fid-doveri tiegħu u b’hekk ikun wera li mhuxwix denn sabiex iżomm il-kariga. Kieku d-deċiżjoni sabiex imħallef jinehha mill-kariga kellha ssir minn awtorità oħra minflok qorti (fil-prattika mill-Bord Nazzjonali għar-Reati Dixxiplinari), l-imħallef ikkonċernat jista’ jitolb lil qorti tirrevedi dik id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni tista’ tiġi kkontestata mill-imħallef waħdu fil-qorti distrettwali jew b’apport tat-trade union fil-qorti tax-xogħol bħala qorti tal-prim’ istanza.

L-Illustrazzjoni 50 tippreżenta ħarsa ġenerali aġġornata lejn il-korpi investigattivi li jwettqu l-investigazzjoni formali matul proċedimenti dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin. Din ma tikkonċernax l-inkjesti preliminari sabiex jiġi deċiż jekk jinbediex proċediment dixxiplinari formali. Il-fażi tal-investigazzjoni hija pass partikolarment sensitiv fil-proċedimenti dixxiplinari, li jista’ jaffettwa l-indipendenza ġudizzjarja. Is-setgħa investigattiva tista’ tiġi eżerċitata jew (a) minn awtoritajiet indipendenti regolari bħall-Presidenti tal-Qorti jew il-Kunsilli għall-Ġudikatura, jew (b) minn investigaturi oħrajn li huma maħturin speċifikament - mill-Kunsill tal-Ġudikatura, minn imħallfin jew minn awtoritajiet oħrajn - sabiex imexxu investigazzjonijiet fil-proċedimenti dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin.

### Illustrazzjoni 50: Investigatur inkarigat mill-proċedimenti dixxiplinari formali rigward l-imħallfin (\*)<sup>(107)</sup>



(\*) **BG:** Il-kap amministrattiv rilevanti tal-qorti (għal fatti li jistgħu jwasslu għas-sanzjoni taċ-ċanfira) jew tal-Kulleġġ tal-Imħallfin (bord dixxiplinari) għall-Kunsill Ġudizzjarju Suprem tal-Bulgarija jinvestiga. L-Ispettorat fil-Kunsill Ġudizzjarju Suprem iwettaq spezzjonijiet li abbażi tagħhom jista’ jagħmel proposti għal proċedimenti dixxiplinari. **CZ:** Il-Ministru tal-Ġustizzja jista’ jmxexxi wkoll xi inkjesti preliminari sabiex iħejji l-mozzjoni sabiex jinbdeu proċedimenti dixxiplinari, normalment f’konsultazzjoni mal-President tal-Qorti fejn jippresjedi l-imħallef ikkonċernat. **DK:** Kulħadd jista’ jippreżenta lment quddiem il-

<sup>107</sup> Data miġbura permezz ta’ kwestjonarju aġġornat imfassal mill-Kummissjoni b’assoċjazzjoni mill-qrib mal-ENCJ. It-tweġibiet għall-kwestjonarju aġġornat mill-Istati Membri li ma għandhomx Kunsilli għall-Ġudikatura, li mhumiex membri tal-ENCJ jew is-sħubija tagħhom mal-ENCJ ġiet sospiża, inkisbu permezz ta’ kooperazzjoni mal-NPSC.

*Qorti Speċjali ta' Akkuża u ta' Reviżjoni, li jinsab u li huwa amministrat fil-Qorti Suprema, u li jiddeċiedi wara li jisma' liż-żewġ partijiet. Id-Direttur tal-Prosekuzzjoni Pubblika jista' jinvestiga wkoll. DE: Ma hemm l-ebda fażi preinvestigatorja formali. F'ordnijiet dixxiplinari, li jikkonċernaw miżuri dixxiplinari anqas severi bħal ċanċira, il-fatti jiġu vvalutati mill-President tal-Qorti u l-ogħla awtorità għas-servizz (normalment il-Ministeru tal-Ġustizzja, kemm fil-livell tal-istati federali kif ukoll fil-livell federali). L-ogħla awtorità għas-servizz tiddeċiedi jekk għandux jitnieda proċediment dixxiplinari quddiem il-qorti. Imbagħad il-qorti twestaq investigazzjonijiet formali. EE: Il-president ta' qorti jew il-Kanċillier tal-Ġustizzja (Ombudsman) jista' jmexxi investigazzjoni. IE: L-imħallfin mhumiex soġġetti għal korp dixxiplinari jew għal reġim dixxiplinari ħliet għall-proċedura skont il-Kostituzzjoni li biha mħallf jista' jitneħħa mill-kariga għal imġiba ħażina jew għal inkapaċità ddikjarata meta jgħaddu riżoluzzjonijiet miż-żewġ Kmamar tal-Parlament (l-Oireachtas) li jitolbu t-tneħħija tiegħu. EL: Għall-qorti ċivili u kriminali: Il-Korp ta' Spezzjoni Ġudizzjarja li jiġi elett minn fost l-imħallfin bil-polza. Għall-qorti amministrattivi: L-investigatur jintgħażel bil-polza minn fost il-membri tal-Kunsill tal-Istat. ES: Il-Promotur tal-azzjoni dixxiplinari jinħatar mill-Kunsill Ġenerali għall-Ġudikatura; il-Promotur jintgħażel minn grupp ta' mħallfin tal-Qorti Suprema u l-Maġistrati li għandhom aktar minn 25 sena esperjenza legali, iżda jeżerċita esklussivament il-karigi ta' Promotur matul il-mandat tiegħu. FR: Il-president tal-Kunsill għall-Ġudikatura jagħżel membru wieħed jew żewġ membri tal-Kunsill għall-Ġudikatura sabiex iwettqu l-investigazzjonijiet rilevanti. Il-ministeru jista' jitolb rapport mingħand il-Korp ta' Spezzjoni Ġudizzjarja qabel ma tittieħed id-deċiżjoni li l-każ jitressaq quddiem il-Kunsill. IT: Il-Prosekutur Ġenerali fil-Qorti Suprema huwa intitolat imexxi l-investigazzjoni. L-Ispettorat Ġenerali fil-Ministeru tal-Ġustizzja huwa intitolat iwettaq inkjesti amministrattivi. CY: Huwa l-imħallf investgattiv, maħtur mill-Qorti Suprema, li jinvestiga. LV: Huwa l-Kumitat Dixxiplinari Ġudizzjarju li jinvestiga. HU: Huwa l-Kummissarju Dixxiplinari, maħtur mit-Tribunal għas-Servizz (il-qorti dixxiplinari), li jinvestiga. LT: Hija l-Kummissjoni tal-Etika u tad-Dixxiplina Ġudizzjarja, li l-membri u l-president tagħha (eletti mill-Kunsill għall-Ġudikatura) huma stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill għall-Ġudikatura, komposta minn erba' mħallfin maħturin mill-Kunsill għall-Ġudikatura, minn żewġ membri maħturin mill-President tar-Repubblika, u minn membru wieħed maħtur mill-Ispjaker tas-Seimas, li tinvestiga. Il-President tal-Kummissjoni tal-Etika u tad-Dixxiplina Ġudizzjarja għandu d-dritt li jiddelega lill-President tal-qorti li fiha jaħdem l-imħallf jew lill-President tal-Qorti Superjuri sabiex imexxi l-investigazzjoni u jippreżenta r-riżultat tal-investigazzjoni. MT: Huwa l-Kumitat tal-Imħallfin u l-Maġistrati li jinvestiga. NL: Huwa l-Prosekutur Ġenerali li jinvestiga. PL: Il-Ministru tal-Ġustizzja jaħtar l-Uffiċjal Dixxiplinari għall-imħallfin tal-qorti ordinarji u ż-żewġ deputati tiegħu (dawn, imbagħad, jistgħu jaħtru d-deputati tagħhom stess minn fost l-imħallfin) sabiex jinvestigaw. Il-Ministru tal-Ġustizzja jista' jieħu f'idejeh kwalunkwe investigazzjoni li tkun għaddejjja billi jaħtar Uffiċjal Dixxiplinari ad hoc tal-Ministru tal-Ġustizzja. PT: Il-Kunsill għall-Ġudikatura jaħtar il-Korp tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja sabiex jinvestiga. RO: Huwa l-Korp ta' Spezzjoni Ġudizzjarja li jinvestiga. SI: Il-Kunsill Ġudizzjarju jaħtar prosekutur dixxiplinari minn fost il-kandidati proposti mill-Qorti Suprema sabiex jinvestiga. SK: Il-Panel Dixxiplinari, maħtur mill-Kunsill għall-Ġudikatura, imexxi l-investigazzjoni. SE: L-Ombudsman Parlamentari u l-Kanċillier tal-Ġustizzja jaġixxu bħala prosekuturi fil-każijiet ta' malprassi gravi.*

– Salvagwardji dwar in-nomina ta' mħallfin-membri tal-Kunsilli għall-Ġudikatura –


Il-Kunsilli għall-ġudikatura huma korpi essenzjali sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tal-ġustizzja. Hija responsabbiltà tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi tal-ġustizzja tagħhom, inkluż li jiddeċiedu jekk għandhomx iwaqqfu jew le Kunsill għall-Ġudikatura. Madankollu, standards Ewropej stabbiliti sew, b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12, jirrakkomandaw li “mhux anqas minn nofs il-membri tal-[Kunsilli għall-Ġudikatura] jenħtieġ li jkun mħallfin magħżula mill-pari tagħhom mil-livelli kollha tal-ġudikatura u b'rispett għall-pluraliżmu fil-ġudikatura”<sup>(108)</sup>. L-illustrazzjoni ta' hawn taħt tiddekrivi jekk il-ġudikatura hijiet involuta fil-ħatra ta' mħallfin-membri tal-Kunsilli għall-Ġudikatura.

**Illustrazzjoni 51: Il-ħatra ta' mħallfin-membri tal-Kunsilli għall-Ġudikatura: l-involvement tal-ġudikatura (\*)<sup>(109)</sup>**

<sup>108</sup> Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12, para. 27; Ara wkoll il-pjan ta' azzjoni tal-KtE tal-2016, C punt (ii); L-Opinjoni Nru 10 (2007) tal-Kunsill Konsultattiv ta' Mħallfin Ewropej (CCJE) indirizzata lill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Kunsill għall-Ġudikatura għas-servizz tas-soċjetà, il-para. 27; u l-ENCJ, *Councils for the Judiciary Report 2010-11*, il-para. 2.3.

<sup>109</sup> *Data* miġbura permezz ta' kwestjonarju aġġornat imfassal mill-Kummissjoni b'assoċjazzjoni mill-qrib mal-ENCJ. It-tweġibiet għall-kwestjonarju aġġornat mill-Istati Membri li ma għandhomx Kunsilli għall-Ġudikatura, li mhumiex membri tal-ENCJ jew is-sħubija tagħhom mal-ENCJ ġiet sospiżja, inkisbu permezz ta' kooperazzjoni mal-NPSC.






(\*) *L-Istati Membri jidhru fl-ordni alfabetika tal-ismijiet ġeografiċi tagħhom fil-lingwa oriġinali. L-illustrazzjoni tippreżenta l-oqfsa nazzjonali kif kienu fis-seħħ f'Diċembru 2019. **DK:** L-imħallfin-membri tal-Kunsill jintgħażlu mill-imħallfin. Il-membri kollha jinħatru formalment mill-Ministru tal-Ġustizzja. **EL:** L-imħallfin-membri jintgħażlu bil-polza. **ES:** L-imħallfin-membri jinħatru mill-Parlament — il-Kunsill jikkomunika lill-Parlament il-lista ta' kandidati li jkunu rċevew l-appoġġ ta' assoċjazzjoni tal-imħallfin jew ta' 25 imħallef. **NL:** L-imħallfin-membri jintgħażlu mill-ġudikatura u jinħatru fuq il-proposta tal-Kunsill, ibbażata fost oħrajn fuq il-parir ta' kumitat tal-għażla (magħmul prinċipalment minn imħallfin u minn persunal tal-qorti). Il-membri kollha tal-Kunsill jinħatru formalment b'Digriet Reġju, att amministrattiv li ma jħalli l-ebda marġni ta' diskrezzjoni għall-eżekuttiv. **PL:** Il-kandidati mħallfin-membri jiġu proposti minn gruppi ta' mill-inqas 2 000 ċittadin jew 25 imħallef. Minn fost il-kandidati, il-gruppi tad-deputati jagħżlu sa disa' kandidati, li minnhom kumitat tal-kamra inferjuri tal-Parlament (Sejm) jistabbilixxi lista finali ta' 15-il kandidat, li jinħatru mis-Sejm. **RO:** Il-kampanja u l-elezzjoni tal-imħallfin-membri jiġu organizzati mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. Ladarba tiġi kkonfermata l-lista finali tal-imħallfin-membri, is-Senat jivvalidaha "en bloc". Is-Senat jista' jirrifjuta li jivvalida l-lista biss f'każ ta' ksur tal-liġi fil-proċedura għall-elezzjoni tal-membri tal-kunsill u biss jekk il-ksur kellu influwenza fuq ir-riżultat tal-elezzjoni. Is-Senat ma jistax jeżerċita diskrezzjoni fuq l-għażla tal-kandidati.*

L-illustrazzjoni turi l-kompożizzjoni tal-Kunsilli għall-Ġudikatura<sup>(110)</sup> skont il-proċess ta' nomina. B'mod partikolari, din turi jekk il-membri tal-Kunsilli humiex imħallfin/prosekuturi proposti u magħżula/eletti mill-kollegi tagħhom, membri nnominati mill-fergħa eżekuttiva jew leġiżlattiva, jew membri nnominati minn korpi u minn awtoritajiet oħra. Jenħtieġ li mhux anqas minn nofs il-membri tal-Kunsilli jkunu mħallfin magħżula mill-pari tagħhom mil-livelli kollha tal-ġudikatura u b'rispett għall-pluraliżmu ġewwa l-ġudikatura<sup>(111)</sup>. L-Illustrazzjoni hija rappreżentazzjoni fattwali tal-kompożizzjoni tal-Kunsilli għall-Ġudikatura u ma tagħmilx valutazzjoni kwalitattiva tal-funzjonament effettiv tagħhom.

## Illustrazzjoni 52: Il-kompożizzjoni tal-Kunsilli għall-Ġudikatura skont il-proċess ta' nomina (\*)

<sup>110</sup> Il-Kunsilli għall-Ġudikatura huma korpi indipendenti, stabbiliti skont il-liġi jew skont il-kostituzzjoni, li jfittxu li jissalvagwardaw l-indipendenza tal-ġudikatura u tal-imħallfin individwali u b'hekk jippromwovu l-funzjonament effiċjenti tas-sistema ġudizzjarja.

<sup>111</sup> Ara r-rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri għall-Istati Membri intitolata Judges: independence, efficiency and responsibilities, §26-27.



(\*) **BE:** Il-membri ġudizzjarji huma mħallfin jew prosekuturi; **BG:** il-Kunsill Ġudizzjarju Suprem huwa magħmul mill-Kamra tal-Imħallfin (erbatax-il membru fosthom il-Presidenti tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u tal-Qorti Amministrattiva Suprema, sitt membri eletti direttament mill-imħallfin u sitt membri eletti mill-Assemblea Nazzjonali) u mill-Kamra tal-Prosekuturi (ħdax-il membru fosthom il-Prosekutur Ġenerali, erba' membri eletti direttament mill-prosekuturi, membru elett direttament mill-investigaturi u ħames membri eletti mill-Assemblea Nazzjonali); **DK:** il-membri kollha tal-bord ta' Amministrazzjoni tal-Qrati Nazzjonali jinħattu formalment mill-Ministru tal-Ġustizzja; il-kategorija "Maħtura/innominati minn korpi/awtoritajiet oħra" tinkludi żewġ rappreżentanti tal-qrati (innominati mill-unjoni għall-persunal amministrattiv u mill-unjoni tal-pulizija). Barra minn hekk jeżisti Kunsill għall-Ħatriet Ġudizzjarji, li jħejji proposti għall-ħatriet ġudizzjarji (nofs il-membri tiegħu huma mħallfin magħżula mill-pari tagħhom); **IE:** L-illustrazzjoni tirrifletti l-kompożizzjoni tas-Servizz tal-Qrati, membru tan-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura, skont il-qafas fis-seħħ fil-bidu ta' Diċembru 2019. Fis-17 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ġudizzjarju ġdid ġie stabbilit formalment skont l-Att tal-Kunsill Ġudizzjarju tal-2019. L-ewwel sessjoni plenarja tal-Kunsill Ġudizzjarju, li jinkludi l-imħallfin kollha tal-Irlanda, saret fis-7 ta' Frar 2020. **ES:** Il-membri tal-Kunsill li ġejjin mill-ġudikatura jinħattu mill-Parlament — il-Kunsill jikkomunika lill-Parlament il-lista ta' kandidati li jkunu rċewew l-appoġġ ta' assoċjazzjoni tal-imħallfin jew ta' ħamsa u għoxrin imħallef; **EL (ġudikatura ċivili u kriminali):** il-kunsill għandu total ta' 11/15-il membru, li minnhom 7/11 huma mħallfin. L-imħallfin u l-prosekuturi jintgħażlu bil-polza. **EL (ġudikatura amministrattiva):** il-kunsill għandu total ta' 11/15-il membru, li minnhom 10/14 huma mħallfin, li jintgħażlu bil-polza. **FR:** Il-Kunsill għandu żewġ formazzjonijiet — waħda b'għuridizzjoni fuq imħallfin li jipresjedu, u l-oħra b'għuridizzjoni fuq il-prosekuturi; il-Kunsill jinkludi membru wieħed tal-Kunsill tal-Istat ("Conseil d'Etat") elett mill-assemblea ġenerali tal-Kunsill tal-Istat; **IT-CSM:** il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura ("Consiglio Superiore della Maġistratura") li jkopri l-qrati ċivili u kriminali, u s-servizz ta' prosekuzzjoni; skont il-Kostituzzjoni, il-President tar-Repubblika, l-ewwel President fil-Qorti Għolja ta' Kassazzjoni u l-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni huma membri ex officio. **IT-CPGA:** il-Kunsill tal-Presidenza tal-Ġustizzja Amministrattiva ("Consiglio di presidenza della giustizia amministrativa", li jkopri l-qrati amministrattivi); **MT:** Il-kap tal-oppożizzjoni jaħtar membru onorarju wieħed. **NL:** Il-membri jinħattu formalment permezz ta' Digriet Reġju fuq proposta mill-Ministru tas-Sigurtà u tal-Ġustizzja. **PL:** Il-kandidati mħallfin-membri jiġu proposti minn gruppi ta' mill-inqas 2 000 ċittadin jew 25 imħallef. Minn fost il-kandidati, il-gruppi tad-deputati jagħżlu sa disa' kandidati, li minnhom kumitat tal-kamra inferjuri tal-Parlament (Sejm) jistabbilixxi lista finali ta' 15-il kandidat, li jinħattu mis-Sejm. Fit-23 ta' Jannar 2020, il-Qorti Suprema, li timplimenta s-sentenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja maħruġa fil-kawżi magħquda C-585/18, C-624/18 u C-625/18, iddeċidiet li, fil-kompożizzjoni attwali tiegħu, il-Kunsill mhuwiex indipendenti mis-setgħat eżekuttivi u leġiżlattivi u l-imħallfin maħtura fuq talba tiegħu ma jistgħux jaġġudikaw il-kawżi. Fis-17 ta' Settembru 2018, Assemblea Ġenerali Straordinarja tan-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura ddeċidiet li tissospendi s-sħubija tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura (KRS) minħabba li ma kienx għadu jissodisfa r-rekwiżiti tal-ENCJ li jkun indipendenti mill-Eżekuttiv u mill-Ġudikatura b' mod li jiżgura l-indipendenza tal-Ġudikatura Pollakka. **PT:** L-illustrazzjoni tirreferi għall-kompożizzjoni tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura ("Conselho Superior da Maġistratura"). Barra minn hekk, jeżistu wkoll Kunsill Għoli għall-Qrati Amministrattivi u tat-Taxxa ("Conselho Superior dos Tribunais Administrativos e Fiscais") u Kunsill Għoli għall-Prosekuzzjoni Pubblika ("Conselho Superior do Ministério Público"). **RO:** il-maġistrati eletti jiġu vvalidati mis-Senat; **SI:** Il-membri li mhuwiex imħallfin jiġu eletti mill-Assemblea Nazzjonali fuq proposta mill-President tar-Repubblika.

– Salvagwardji relatati mal-funzjonament tas-servizzi ta' prosekuzzjoni nazzjonali fl-UE –

Il-prosekuzzjoni pubblika taqdi rwol ewlieni fis-sistema tal-ġustizzja kriminali kif ukoll fil-kooperazzjoni f'materji kriminali. Il-funzjonament xieraq tas-servizz tal-prosekuzzjoni nazzjonali huwa kruċjali għall-ġlieda effettiva kontra l-kriminalità, inkluża l-kriminalità ekonomika u finanzjarja, bħall-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-

kuntest tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew (<sup>112</sup>), l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jista' jitqies bħala awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru għall-finijiet tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew kull meta dan ikun jista' jaġixxi b'mod indipendenti, mingħajr ma jkun espost għar-riskju li jkun soġġett, direttament jew indirettament, għal ordnijiet jew għal struzzjonijiet f'każ speċifiku mill-eżekuttiv, bħal Ministru tal-Ġustizzja (<sup>113</sup>).

L-organizzazzjoni tas-servizzi ta' prosekuzzjoni tvarja madwar l-UE u ma hemmx mudell uniformi għall-Istati Membri kollha. Madankollu, hemm tendenza komuni favur uffiċċju tal-prosekutur aktar indipendenti, pjuttost milli wieħed subordinat jew marbut mal-eżekuttiv (<sup>114</sup>). Skont il-Kunsill Konsultattiv ta' Prosekuturi Ewropej, għall-ġlieda effettiva kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus u l-kriminalità ekonomika u finanzjarja relatata, indipendenza u awtonomija akbar tas-servizz tal-prosekuzzjoni, flimkien mar-responsabbiltà tiegħu, jistgħu jkunu garanzija ulterjuri għar-rispett tal-istat tad-dritt (<sup>115</sup>). Iku xi jkun il-mudell tas-sistema ġudizzjarja nazzjonali jew it-tradizzjoni legali li fuqha tkun imsejsa, l-istandards Ewropej jeħtieġu li l-Istati Membri jieħdu miżuri effettivi sabiex jiggarrantixxu li l-prosekuturi pubbliċi jkunu kapaċi jaqdu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet professjonali tagħhom taħt kundizzjonijiet legali u organizzazzjonali adegwati (<sup>116</sup>) u mingħajr interferenza mhux ġustifikata (<sup>117</sup>). B'mod partikolari, fejn il-gvern jagħti struzzjoni ta' natura ġenerali, pereżempju dwar politika kriminali, tali struzzjonijiet għandhom ikunu bil-miktub u jiġu ppubblikati b'mod adegwat (<sup>118</sup>). Fejn il-gvern ikollu s-setgħa li jagħti struzzjonijiet għall-prosekuzzjoni f'każ speċifiku, dawn l-istruzzjonijiet iridu jgħorru magħhom garanziji adegwati (<sup>119</sup>). Skont ir-Rakkomandazzjoni tal-2000 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, l-istruzzjonijiet sabiex ma ssirx

---

<sup>112</sup> Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1).

<sup>113</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Mejju 2019, *OG u PI (L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' Lübeck u ta' Zwickau)*, il-Kawżi Magħquda C-508/18 u C-82/19 PPU, il-punti 73, 74 u 88, ECLI:EU:C:2019:456; is-sentenza tas-27 ta' Mejju 2019, C-509/18, il-punt 52, ECLI:EU:C:2019:457; ara wkoll is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2019, *Parquet général du Grand-Duché de Luxembourg u Openbaar Ministerie (Il-Prosekuturi Pubbliċi ta' Lyon u ta' Tours)*, fil-Kawżi Magħquda C-566/19 PPU u C-626/19, ECLI:EU:C:2019:1077; *Openbaar Ministerie (L-Awtorità tal-Prosekuzzjoni Żvediża)*, C-625/19 PPU, ECLI:EU:C:2019:1078, u *Openbaar Ministerie (Il-Prosekutur Pubbliku fi Brussell)*, C-627/19 PPU, ECLI:EU:C:2019:1079. Ara wkoll is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, *Kovalkovas*, C-477/16 PPU, il-punti 34 u 36, ECLI:EU:C:2016:861, u s-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, *Poltorak*, C-452/16 PPU, il-punt 35, ECLI:EU:C:2016:858, dwar it-terminu "ġudizzjarja", "li għandha [...] tiġi distinta, skont il-prinċipju ta' separazzjoni tas-setgħat li jikkarakterizza l-funzjonament ta' Stat ta' dritt, mis-setgħa eżekuttiva". Ara wkoll l-Opinjoni Nru 13(2018) dwar l-Indipendenza, ir-responsabbiltà u l-etika tal-prosekuturi, adottata permezz tar-rakkomandazzjoni xii tal-Kunsill Konsultattiv ta' Prosekuturi Ewropej (CCPE).

<sup>114</sup> CDL-AD(2010)040-e Report on European Standards as regards the Independence of the Judicial System: Part II — the Prosecution Service — Adottat mill-Kummissjoni ta' Venezja — waqt il-85 sessjoni plenarja tagħha (Venezja, is-17-18 ta' Diċembru 2010), il-para. 26.

<sup>115</sup> L-Opinjoni Nru 14 (2019), The role of prosecutors in fighting corruption and related economic and financial crime, adottata mill-Kunsill Konsultattiv ta' Prosekuturi Ewropej (CCPE), rakkomandazzjoni iii.

<sup>116</sup> Ir-Rakkomandazzjoni Rec(2000)19 dwar ir-rwol tal-prosekuzzjoni pubblika fis-sistema ġudizzjarja kriminali, adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-6 ta' Ottubru 2000 (ir-Rakkomandazzjoni tal-2000), il-para. 4.

<sup>117</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-2000, il-paragrafi 11 u 13. Ara wkoll: L-Opinjoni Nru 13(2018) Independence, accountability and ethics of prosecutors, adottata mill-Kunsill Konsultattiv ta' Prosekuturi Ewropej (CCPE), ir-rakkomandazzjonijiet i u iii; Grupp ta' Stati kontra l-korruzzjoni (GRECO), ir-raba' ċiklu ta' evalwazzjoni "Corruption prevention - Members of Parliament, Judges and Prosecutors", għadd vast ta' rakkomandazzjonijiet jitolbu l-introduzzjoni ta' arranġamenti sabiex is-servizz tal-prosekuzzjoni jkun protett minn influwenza u interferenza mhux xierqa fl-investigazzjoni ta' kawżi kriminali.

<sup>118</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-2000, il-para. 13, punt (c).


<sup>119</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-2000, il-para. 13, punt (d).

prosekuzzjoni jenħtieġ li jkunu pprojbiti (<sup>120</sup>). Il-partijiet interessati (inklużi l-vittmi) jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkontestaw deċiżjoni ta' prosekutur pubbliku li ma jmxix bil-prosekuzzjoni ta' każ (<sup>121</sup>).

L-illustrazzjonijiet ta' hawn taħt jippreżentaw ħarsa ġenerali fattwali lejn ċerti aspetti tal-qafas applikabbli għas-servizzi ta' prosekuzzjoni u ma jivvalutawx il-funzjonament effettiv tagħhom, li jeħtieġ valutazzjoni kwalitattiva li tikkunsidra ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull Stat Membru.

L-Illustrazzjoni 53 tippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-awtoritajiet li jiddeċiedu dwar sanzjonijiet dixxiplinari rigward prosekuturi ta' grad bażiku. Dawn jistgħu jkunu jew (a) awtoritajiet indipendenti bħal qrati jew Kunsilli għall-Ġudikatura jew Kunsilli tal-Prosekuzzjoni, jew (b) korpi jew awtoritajiet oħra, bħall-Prosekutur Ġenerali jew prosekutur superjuri, korpi indipendenti, korpi speċjali komposti minn prosekuturi, jew il-Ministru tal-Ġustizzja. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-ispjegazzjoni taħt l-illustrazzjoni, deċiżjoni tal-awtorità dwar miżuri dixxiplinari rigward prosekutur hija miftuħa għal sħarriġ ġudizzjarju (<sup>122</sup>).

**Illustrazzjoni 53: Awtorità li tiddeċiedi dwar sanzjonijiet dixxiplinari li jirrigwardaw prosekuturi (\*) (Sors: il-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu)**




(\*) **BE:** Il-prosekutur superjuri (kap tal-uffiċċju tal-prosekutur) għandu s-setgħa li jiddeċiedi dwar sanzjonijiet dixxiplinari minuri, filwaqt li sanzjonijiet kbar jiġu imposti mill-qorti dixxiplinari tal-prim'istanza. Id-deċiżjonijiet dwar miżuri dixxiplinari jistgħu jiġu appellati quddiem qorti dixxiplinari tal-appell. **BG:** Il-Kamra tal-Prosekuzzjoni tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem hija magħmula mill-Prosekutur Ġenerali, minn erba' membri eletti mill-prosekuturi, minn membru elett mill-maġistrati investigattivi u minn ħames membri eletti mill-Assemblea Nazzjonali. Id-deċiżjonijiet tagħha dwar miżuri dixxiplinari rigward prosekutur huma miftuħa għal sħarriġ ġudizzjarju quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema. Il-kap amministrattiv tal-prosekuzzjoni jista' jimponi biss ċanfra, li tinnotifika din is-sanzjoni lill-Kamra tal-Prosekuzzjoni, li tista' tikkonferma jew tirrevoka din is-sanzjoni. **CZ:** Il-każijiet dixxiplinari jiġu eżaminati minn kamra dixxiplinari tal-Qorti Amministrattiva Suprema. Il-kamra hija magħmula minn żewġ imħallfin (imħallf tal-Qorti Amministrattiva Suprema u mħallf tal-Qorti Suprema), minn żewġ prosekuturi, minn avukat, u minn persuna ta' professjoni legali oħra. Il-membri tal-kamra jintgħażlu mill-President tal-Qorti Amministrattiva Suprema li jella' bil-polza minn listi ta' kandidati pprovduti minn rappreżentanti tal-professjonijiet legali differenti (mill-Qorti Amministrattiva Suprema, mill-President tal-Qorti Suprema, mill-Prosekutur Ġenerali, mill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Avukatura, u mid-dekani tal-iskejjel tal-ligji). Ma jista' jisir l-ebda appell kontra d-deċiżjoni tal-kamra dixxiplinari. **DK:** Il-Ministeru tal-Ġustizzja tad-Danimarka għandu s-setgħa li jiddeċiedi dwar miżuri dixxiplinari speċifiċi kontra prosekuturi. Madankollu, fil-prattika, il-Ministeru tal-Ġustizzja jagħti s-setgħa lis-Servizz ta' Prosekuzzjoni sabiex jitratta miżuri dixxiplinari kontra prosekuturi. Id-deċiżjonijiet kollha dwar miżuri dixxiplinari meħuda mis-Servizz ta' Prosekuzzjoni jistgħu jiġu appellati quddiem il-Ministeru tal-Ġustizzja. L-istħarriġ ġudizzjarju jista' jkun soġġett għal miżuri dixxiplinari mill-Ministeru tal-Ġustizzja u prosekutur jista' jippreżenta lment quddiem l-Ombudsman Parlamentari. **DE:** Il-prosekutur superjuri jista' jimponi miżura dixxiplinari ta' natura anqas severa. Minħabba l-kompetenza tal-istati sabiex jirregolaw il-ligji dixxiplinari tal-uffiċjali tal-istat, hemm diversi karatteristiċi speċjali fil-liġijiet tal-istati. **EE:** Il-Prosekutur Ġenerali jiddeċiedi fuq miżuri dixxiplinari, inkluża s-sensja, fuq il-proposta tal-Kumitat Dixxiplinari tal-Prosekuturi. Id-deċiżjonijiet dwar miżuri dixxiplinari jistgħu jiġu appellati quddiem qorti amministrattiva. **IE:** Il-Viċi Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi jiddeċiedi dwar miżuri dixxiplinari li jikkonċernaw prosekuturi ta' grad bażiku. Ir-rakkomandazzjoni mill-manijer rilevanti li jenħtieġ li tiġi adottata miżura dixxiplinari tista' tiġi appellata quddiem Bord tal-Appelli Dixxiplinari estern, qabel ma tiġi adottata d-deċiżjoni dixxiplinari. **EL:** Il-Kunsilli Dixxiplinari b'ħames membri tal-Qorti tal-Appell huma primarjament responsabbli sabiex jaġġudikaw reati dixxiplinari u jimponu l-pieni dixxiplinari kollha fuq il-prosekuturi minbarra s-sensja, li tiġi deċiża mill-plenarja tal-Qorti ta' Kassazzjoni. Deċiżjonijiet mill-Kunsilli Dixxiplinari b'ħames membri jistgħu jiġu appellati quddiem Bord Dixxiplinari b'seba' membri tal-Qorti Suprema. **ES:** Il-Kapijiet Prosekuturi tad-diversi korpi tal-

<sup>120</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-2000, il-para. 13, punt (f). Ara wkoll l-Opinjoni Nru 13(2018) Independence, accountability and ethics of prosecutors, adottata mill-Kunsill Konsultattiv ta' Prosekuturi Ewropej (CCPE), ir-rakkomandazzjoni iv.  
<sup>121</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-2000, il-para. 34.  
<sup>122</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-2000, il-para. 5, punt (e).

Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jiddeċiedi dwar miżuri dixxiplinari, li jistgħu jiġu appellati quddiem il-Kunsill Fiskali ("Consejo Fiscal"). Dan il-korp jikkonsisti mill-Prosekutur Ġenerali, il-Viċi Prosekutur Ġenerali, il-Kap Spettur u sitt prosekuturi oħra. Id-deċiżjonijiet tiegħu huma miftuħa għal sħarriġ ġudizzjarju mill-Udjenza Nazzjonali ("Audiencia Nacional"). **FR:** Il-Ministeru tal-Ġustizzja jiddeċiedi dwar il-miżura wara li l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura ("Conseil Supérieur de la Magistrature") jgħid opinjoni mhux vinkolanti. Id-deċiżjonijiet dwar miżuri dixxiplinari jistgħu jiġu appellati quddiem il-Kunsill tal-Istat ("Conseil d'Etat"). **HR:** Il-Kunsill tal-Avukatura tal-Istat jiddeċiedi dwar miżuri dixxiplinari, li jistgħu jiġu mistħarrġa quddiem il-Qorti Suprema. **CY:** Il-miżuri dixxiplinari jiġu adottati mill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, korp kostituzzjonali magħmul minn ħames membri maħtura mill-President tar-Repubblika għal perjodu ta' sitt snin. Id-deċiżjonijiet dwar miżuri dixxiplinari jistgħu jiġu appellati quddiem il-qorti amministrattiva, u sussegwentement quddiem il-Qorti Suprema. **LV:** Il-Prosekutur Ġenerali jista' jiddeċiedi dwar kwalunkwe miżura dixxiplinari kontra kwalunkwe prosekutur. Il-Kapjiet Prosekuturi jistgħu jibagħtu annotazzjoni jew ċanfiru lill-prosekuturi taħt il-ġestjoni tagħhom. Fil-każ ta' ksur aktar serju, il-Prosekutur Ġenerali jista' jippreżenta proposta lill-Prosekutur Ġenerali sabiex japplika miżura dixxiplinari oħra. Id-deċiżjonijiet dwar miżuri dixxiplinari adottati minn Kap Prosekutur jistgħu jiġu appellati quddiem il-Prosekutur Ġenerali. Id-deċiżjonijiet dwar miżuri dixxiplinariji adottati mill-Prosekutur Ġenerali jistgħu jiġu appellati quddiem Qorti Dixxiplinari. **LT:** Il-Prosekutur Ġenerali jiddeċiedi dwar miżuri dixxiplinari. Id-deċiżjonijiet dwar miżuri dixxiplinari jistgħu jiġu appellati quddiem qorti amministrattiva. **LU:** Il-Prosekutur Ġenerali jiddeċiedi dwar miżuri dixxiplinari. **HU:** Il-Prosekutur Ġenerali jiddeċiedi dwar miżuri għar-revoka ta' distinzjoni, għal dimozzjoni skont il-grad tas-salarju jew skont il-grad jew għas-sensja. Il-Kap tal-Unità (prosekutur superjuri) jista' jadotta miżuri anqas severi (ċanfiru, ċensura) fir-rigward ta' prosekutur taħt is-superviżjoni tiegħu. Id-deċiżjonijiet dwar miżuri dixxiplinari jistgħu jiġu appellati quddiem qorti tax-xogħol. **MT:** Il-Kumitat dwar l-Avukati u l-Prokuraturi Legali jikkonsisti f'avukat maħtur mill-Kummissjoni għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja, f'avukat maħtur mill-Avukat Ġenerali u fi tliet prokuraturi legali maħtura mill-Kamra tal-Prokuraturi Legali. Il-Kumitat jista' jimponi sanzjoni pekunjarja, jgħid opinjoni u jgħid rakkomandazzjonijiet lill-prosekutur. Il-Kumitat jista' jitolb lill-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Prim Ministru sabiex jagħti parir lill-President ta' Malta sabiex jisspendi jew jissensja prosekutur. Il-miżuri adottati mill-Kumitat jistgħu jiġu appellati quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. **NL:** Il-Prosekutur ġerarkikament superjuri jista' jimponi ċerti miżuri ta' natura anqas severa (ċanfiru bil-miktub, maqqis tal-liv annwali, ħinjiet tax-xogħol żejda). Il-Ministru tal-Ġustizzja jista' jiddeċiedi dwar trasferiment mingħajr kunsens, sospensjoni, multa finanzjarja u miżuri relatati mas-salarju, wara li l-prosekutur ġerarkikament superjuri jkun ippropona din il-miżura jew ħareġ parir. Il-Gvern għandu s-setgħa li jissensja lill-prosekutur, wara li l-prosekutur ġerarkikament superjuri jkun ippropona s-sensja jew ta parir. Id-deċiżjonijiet dwar miżuri dixxiplinari jistgħu jiġu appellati quddiem il-Bord Ċentrali tal-Appell ("Centrale Raad van Beroep"). **AT:** L-Awla speċjali ta' qorti tiddeċiedi dwar miżuri dixxiplinari. **PL:** Fil-prim'istanza, id-deċiżjonijiet dwar miżuri dixxiplinari ġeneralment jittieħdu minn korp dixxiplinari fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, li jikkonsisti fi tliet prosekuturi maħtura minn assemblea ta' prosekuturi. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu appellati quddiem l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema, li f'ċerti każijiet taġixxi bħala l-awtorità li tiddeċiedi fil-prim'istanza. Meta taġixxi bħala l-qorti tat-tieni istanza, din l-awla tkun magħmula minn żewġ imħallfin tal-Awla Dixxiplinari u minn imħallf onorarju. Prosekutur li għe ssanzjonat darbtejn b'sanzjoni differenti minn ċanfiru jista' jitkeċċa mill-kariga mill-Prosekutur Ġenerali (li huwa wkoll il-Ministru tal-Ġustizzja) f'każ ta' reat dixxiplinarju ġdid (li m'għandux jiġi aċċertat mill-qorti dixxiplinarja u mingħajr il-possibbiltà ta' sħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-Prosekutur Ġenerali. **PT:** It-Taqsima Dixxiplinari tal-Kunsill Għoli tas-Servizz ta' Prosekuzzjoni tiddeċiedi dwar l-adozzjoni ta' miżuri dixxiplinari. Id-deċiżjonijiet tiegħu jistgħu jiġu appellati fil-plenarja tal-Kunsill Għoli tas-Servizz ta' Prosekuzzjoni, u sussegwentement quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema. **RO:** Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura jiddeċiedi dwar miżuri dixxiplinari. Id-deċiżjonijiet dwar miżuri dixxiplinari jistgħu jiġu appellati quddiem il-Qorti Suprema. **SI:** Il-Qorti dixxiplinari maħtura mill-Kunsill tal-Prosekuzzjoni tiddeċiedi dwar sanzjonijiet dixxiplinari. Il-Qorti Dixxiplinari tal-ewwel grad hija magħmula minn sitt prosekuturi statali proposti mill-Prosekutur Ġenerali u minn tliet imħallfin proposti mill-president tal-qorti dixxiplinari tal-prim'istanza għal imħallfin minn fost il-membri ta' din il-qorti. Il-qorti dixxiplinari tat-tieni istanza hija magħmula minn sitt membri maħtura mill-Kunsill tal-Prosekuzzjoni: il-president, id-deputat tal-president u żewġ membri huma proposti mill-president tal-qorti dixxiplinarja għall-imħallfin tat-tieni istanza minn fost il-membri ta' din il-qorti; żewġ prosekuturi supremi tal-istat huma proposti mill-Prosekutur Ġenerali. **SK:** Bord dixxiplinari magħmul minn tliet prosekuturi, maħtur mill-Prosekutur Ġenerali minn bażi ta' data ta' mill-inqas 40 persuna proposti mill-Kunsill tal-Prosekutur, jiddeċiedi fuq miżuri dixxiplinari. Dawn id-deċiżjonijiet huma miftuħa għall-appell quddiem Bord Dixxiplinari tal-Appell fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, kompost minn ħames prosekuturi maħtura mill-Prosekutur Ġenerali minn bażi ta' data ta' persuni proposti mill-Kunsill tal-Prosekuturi. L-istharrġi ġudizzjarju kontra d-deċiżjonijiet tal-Bord Dixxiplinari tal-Appell huwa possibbli quddiem il-qorti reġjonali. **FI:** Il-Prosekutur Ġenerali jiddeċiedi dwar miżuri dixxiplinari. Id-deċiżjonijiet ta' adozzjoni ta' miżuri dixxiplinari jistgħu jiġu appellati quddiem qorti amministrattiva.

L-Illustrazzjoni 54 tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-korpi investigattivi li jwettqu l-investigazzjoni matul proċedimenti dixxiplinari fir-rigward tal-prosekuturi. Sakemm ma jkunx sitpulat mod ieħor fin-nota f'qiegħ il-paġna tal-illustrazzjoni, din ma tikkonċernax l-inkjesti preliminari sabiex jiġi deċiż jekk jinbediex proċediment dixxiplinari formali. Il-fażi ta' investigazzjoni hija pass importanti fil-proċedimenti dixxiplinari, li jista' jkollha impatt fuq l-awtonomija tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni. Is-setgħa investigattiva tista' tiġi eżerċitata (a) minn awtoritajiet indipendenti regolari bħal qorti jew il-Kunsill għall-Ġudikatura jew għall-Prosekuzzjoni, jew (b) mill-Prosekutur Ġenerali jew minn prosekutur superjuri, jew (c) minn korpi oħra.

**Illustrazzjoni 54: Investigatur inkarigat mill-proċedimenti dixxiplinari formali rigward il-prosekuturi (\*) (Sors: il-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu)**




(\*) **BE:** Il-prosekutur ġerarkikament superjuri jmxexxi l-investigazzjoni. **BG:** Il-kap amministrattiv tal-prosekutur jinvestiga f'każ ta' ċanfiru. Għas-sanzjonijiet l-oħra kollha, l-investigazzjoni ssir minn panel dixxiplinari magħmul minn tliet membri u jiġi elett mill-Kamra tal-Prosekuturi tal-Kunsill Suprem tal-Maġistratura mill-membri tiegħu. Il-Kamra tal-Prosekuzzjoni tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem hija magħmula mill-Prosekutur Ġenerali, minn

erba' membri eletti mill-prosekuturi, minn membru elett mill-maġistrati investigattivi u minn ħames membri eletti mill-Assemblea Nazjonali. L-Ispettorat fil-Kunsill Ġudizzjarju Suprem iwettaq spezzjonijiet li abbażi tagħhom jista' jagħmel proposti għal proċedimenti dixinplinari. **CZ:** Il-Prosekutur Ġenerali u l-Kap Prosekutur Pubbliku jistgħu janalizzaw il-fajl tal-każ tal-prosekutur, u jitolbu d-dikjarazzjoni tiegħu. **DK:** Is-Servizz ta' Prosekuzzjoni jmessi l-investigazzjoni. **DE:** Il-kap tal-uffiċju tal-prosekutur pubbliku ma jiddeċidix biss jekk jiftaxh proċedimenti dixinplinari kontra prosekutur pubbliku, iżda jmessi wkoll il-proċedimenti dixinplinari. Minħabba l-kompetenza tal-istati sabiex jirregolaw il-liġi dixinplinari tal-uffiċjali tal-istat, hemm diversi karatteristiċi speċjali fil-liġijiet tal-istati. **EE:** Il-prosekutur ġerarkikament superjuri jew il-Prosekutur Ġenerali jmessi l-investigazzjoni, skont min ikun beda l-proċeduri dixinplinari. Dan jista' jassenja wkoll il-kompitu tal-kumpilazzjoni u ta' talba ta' spjegazzjonijiet lil prosekutur ieħor, li la jkun membru tal-kumitat dixinplinari, u lanqas il-prosekutur li kontrih jinbdew il-proċedimenti jew subordinat għal dak il-prosekutur. Il-każ jinstitma mill-kumitat dixinplinari tal-prosekuturi, li huwa magħmul minn żewġ prosekuturi tal-Uffiċju tal-Prosekutur Ġenerali, minn żewġ prosekuturi minn uffiċċji tal-prosekuturi distrettwali u minn imhalled wieħed. **IE:** Prosekutur ġerarkikament superjuri jmessi l-investigazzjoni. F'każijiet li fihom il-fatti jkunu kumplessi jew li fihom il-kondotta ħażina suspettata tkun serja, id-dipartiment tar-riżorsi umani jorganizza biex issir investigazzjoni. **EL:** Il-prosekutur ġerarkikament superjuri jmessi l-investigazzjoni. **ES:** Il-prosekutur ġerarkikament superjuri jmessi l-investigazzjoni. **FR:** Wara inkjesta amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja jista' jiddeċiedi li jqabba lill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura ("Conseil Supérieur de la Magistrature") sabiex jinvestiga l-każ. **HR:** L-Avukat Superjuri tal-Istat jinvestiga. **IT:** Il-Prosekutur Ġenerali fil-Qorti Suprema huwa intitolat imexxi l-investigazzjoni. L-Ispettorat Ġenerali fil-Ministeru tal-Ġustizzja huwa intitolat iwettaq inkjesta amministrattiva. **CY:** L-Avukat Ġenerali jaħtar uffiċjal wieħed jew aktar ta' grad superjuri mill-uffiċjal inkwistjoni, li jmessi l-investigazzjoni u jipproduċi rapport. L-Avukat Ġenerali mbagħad jiddeċiedi, abbażi tal-evidenza, jekk għandux jirreferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. **LV:** Uffiċjal, li għandu d-dritt li japplika sanzjoni dixinplinari (il-Prosekutur Ġenerali jew il-kapijiet prosekuturi), għandu jirrieżamina l-materjali kollha li jirċievi u jitlob spjegazzjoni mingħand prosekutur u, jekk ikun hemm bżonn, jorganizza l-investigazzjoni dwar il-fatt ta' ksur dixinplinari. L-investigazzjoni tista' titmexxa minn prosekutur tal-Uffiċju tal-Prosekutur Ġenerali jew mill-kapijiet prosekuturi. **LT:** It-Taqsima tal-Investigazzjoni Interna tal-Uffiċju tal-Prosekutur Ġenerali jew il-kummissjoni uffiċjali tal-ispezzjoni magħmula skont l-ordni tal-Prosekutur Ġenerali. **LU:** Awla tal-Kunsill tal-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja tmexxi l-investigazzjoni. **HU:** Il-Kummissarju Dixinplinari li jinvestiga l-każ huwa prosekutur maħtur sabiex jinvestiga mill-Kap tal-Unità (prosekutur superjuri) tal-prosekutur taħt investigazzjoni. **MT:** Il-Kumitat dwar l-Avukati u l-Prokuraturi Legali jinvestiga l-każ. Dan il-korp jikkonsisti f'avukat maħtur mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, f'avukat maħtur mill-Avukat Ġenerali u fi tliet prokuraturi legali maħtura mill-Kamra tal-Prokuraturi Legali. **NL:** Il-prosekutur ġerarkikament superjuri jmessi l-investigazzjoni. **AT:** Awla speċjali ta' qorti tmexxi l-investigazzjoni. **PL:** Il-każ jiġi investigat minn Uffiċjal Dixinplinari, li huwa prosekutur maħtur għal dik il-kariga mill-Prosekutur Ġenerali (li huwa wkoll il-Ministru tal-Ġustizzja). Il-Ministru tal-Ġustizzja jista' jaħtar ukoll, fuq bażi ad hoc, prosekutur bħala Uffiċjal Dixinplinari tal-Ministru tal-Ġustizzja bis-setgħa li jieħu f'idejh kwalunkwe investigazzjoni dixinplinari li tkun għaddejjja jew li jibda investigazzjoni jew proċedimenti dixinplinari. **PT:** L-Ispezzjoni tal-Prosekuturi Pubbliċi tmexxi l-investigazzjoni. Dan il-korp huwa magħmul minn prosekuturi pubbliċi maħtura mill-Kunsill Għoli tas-Servizz ta' Prosekuzzjoni Pubblika. **RO:** Il-Korp ta' Spezzjoni Ġudizzjarju huwa korp fi ħdan il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. It-taqsima li tinvestiga miżuri dixinplinarji dwar prosekutur hija magħmula minn 13-il prosekutur, maħtura mill-Kap Spettur tal-Korp ta' Spezzjoni Ġudizzjarja wara kompetizzjoni. **SI:** L-investigazzjoni titmexxa minn prosekutur ta' stat dixinplinarju u mill-viċi tiegħu, li huma prosekuturi supremi tal-istat maħtura mill-Kunsill tal-Prosekuzzjoni fuq proposta tal-Prosekutur Ġenerali bil-kunsens tagħhom. **SK:** Bord dixinplinari magħmul minn tliet prosekuturi, maħtur mill-Prosekutur Ġenerali minn bażi ta' data ta' mill-inqas 40 persuna proposta mill-Kunsill tal-Prosekutur. **FI:** Il-Prosekutur Ġenerali jmessi l-investigazzjoni. **SE:** L-Awtorità Żvedieza ta' Prosekuzzjoni tmexxi l-investigazzjoni.

L-Illustrazzjoni 55 turi f'liema Stati Membri l-Prosekutur Ġenerali jew il-Ministru tal-Ġustizzja jista' jagħti struzzjonijiet lill-prosekuturi f'każijiet individwali (l-awtorità li tista' tagħti struzzjonijiet) u tippreżenta xi wħud mis-salvagwardji li jkunu fis-seħħ jekk jingħataw dawn l-istruzzjonijiet f'każ individwali. Minbarra s-salvagwardji ppreżentati fl-illustrazzjoni<sup>(123)</sup>, jista' jkun hemm oħrajn fis-seħħ. F'pajjiżi fejn l-istruzzjonijiet mill-ministru tal-ġustizzja jkunu permessi mill-liġi, din is-setgħa setgħet ġiet eżerċitata fil-prattika jew rarament biss (ara n-nota ta' spjegazzjoni f'qiegħ il-paġna taħt l-illustrazzjoni).

**Illustrazzjoni 55: Struzzjonijiet lill-prosekuturi f'każijiet individwali: awtorità li tista' tagħti struzzjonijiet u salvagwardji (\*) (Sors: il-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu)**



L-awtorità li tista' tagħti struzzjonijiet lill-prosekuturi f'każijiet individwali:

- Ministru tal-Ġustizzja li huwa wkoll il-Prosekutur Ġenerali
- Ministru tal-Ġustizzja
- Prosekutur Ġenerali

Salvagwardji partikolari f'każ li jingħataw struzzjonijiet f'każ individwali:

<sup>123</sup> Ara r-Rakkomandazzjoni tal-2000, il-para. 13, punti (d) – (e).

- Possibbiltà li jintalab s'fharig quddiem qorti
- Il-Parlament irid jiġi nnotifikat f'każ ta' struzzjoni ta' nuqqas ta' prosekuzzjoni
- Il-partijiet jista' jkollhom aċċess għall-istruzzjonijiet u jistgħu jagħmlu kummenti
- L-istruzzjonijiet iridu jinħarġu bil-miktub
- L-istruzzjonijiet iridu jkunu motivati

(\*) **BE:** Il-Ministru tal-Ġustizzja għandu s-setgħa li jagħti struzzjonijiet rigward il-prosekuzzjoni f'każijiet individwali (dritt ta' inġunzjoni pożittiva sabiex titmexxa prosekuzzjoni huwa previst fl-Art. 364 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali u fl-Art. 151(1) tal-Kostituzzjoni). L-istruzzjonijiet ikunu mehmuża mal-fajl tal-każ iżda l-qari tagħhom mill-partijiet jiddependi mill-okkażjoni għal deċiżjoni u mill-istadju attwali tal-każ. **BG:** L-appell huwa possibbli hliief għall-atti tal-Prosekutur Ġenerali. **CZ:** Il-Prosekutur Ġenerali għandu s-setgħa li jagħti struzzjonijiet dwar il-prosekuzzjoni f'każijiet individwali fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali biss u lil uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi għolja. **DE:** #: Is-salvagwardji jvarjaw skont il-livell federali jew statali. Il-Prosekutur Ġenerali Federali Pubbliku huwa l-uniku prosekutur pubbliku fil-livell federali li huwa taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tal-Ministru Federali tal-Ġustizzja u tal-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-prosekuturi pubbliċi ġenerali tas-16-il stat Ġermaniż huma taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tad-dipartimenti tal-ġustizzja rispettivi tal-istat. Id-dritt għal superviżjoni u għal direzzjoni jinkludi s-setgħa li jingħataw struzzjonijiet lill-prosekutur ġenerali rispettiv, iżda huwa limitat mill-prinċipju ta' legalità (jiġifieri, il-prinċipju ta' prosekuzzjoni obbligatorja). L-istruzzjonijiet f'każijiet individwali fiti li xejn iseħħu. Bħala eżempji, il-ministeru federali u l-partijiet tal-gvern tas-Sassonia ħarġu impenni li ma jeżerċitawx id-drittijiet tagħhom li jagħtu struzzjonijiet. Il-Ministeru ta' Thüringen ħa l-impenn li ma jagħti struzzjonijiet f'każijiet individwali, il-ministeru ta' Nordrhein-Westfalen u l-gvern tas-Sassonia t'Isfel ħadu impenn li jagħtu struzzjonijiet individwali biss f'każijiet eċċezzjonali. M'hemm l-ebda liġi federali iżda hemm ċerti liġijiet tal-istat kif ukoll regolamenti u linji gwida federali u tal-istat li jstabbilixxu regoli dwar l-istruzzjonijiet. Bħala eżempji, l-istruzzjonijiet tal-ministeru federali u tal-ministeri ta' Nordrhein-Westfalen u ta' Thüringen iridu jkunu bil-miktub, f'Thüringen dawn iridu jkunu motivati wkoll, fis-Sassonia t'Isfel iridu jkunu bil-miktub jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim u fi Schleswig Holstein, iridu jiġu ddokumentati bil-miktub u jiġu rrapportati lill-president tal-parlament. Fil-livell federali u statali, l-istruzzjonijiet ta' uffiċjal superjuri huma vinkolanti biss fi ħdan ir-relazzjoni interna ta' impjeg tal-prosekutur u atti li jiksru struzzjoni għadhom effettivi. Peress li prosekutur għandu d-dmir li jikkonforma mal-liġijiet, huwa jrid jirrifjuta li jsegwi struzzjonijiet illegali. Huwa jista' jikkontesta u jitlob rieżami tal-istruzzjonijiet mill-uffiċjal superjuri ta' fuqu. Jekk l-istruzzjoni tiġi kkonfermata u l-prosekutur ikun għad għandu dubji dwar il-legalità tagħha, huwa jista' jitlob rieżami mill-uffiċjal ta' livell ogħla li jmiss. Jekk l-istruzzjoni terġa' tiġi kkonfermata, il-prosekutur jeħtieġu jsegwi l-istruzzjoni u ma jkunx fi ksur tad-dmirijiet tiegħu jekk l-istruzzjoni tkun illegali. Madankollu, bħala eċċezzjoni, il-prosekuturi qatt ma jridu jikkonformaw mal-istruzzjonijiet jekk dawn l-atti jikkostitwixxu reat, reat amministrattiv jew ksur tad-dinjità tal-bniedem. Ma hemm l-ebda rimedju legali speċjali għar-rieżami tal-istruzzjonijiet minn qorti. Madankollu, il-qrati jistgħu jirrieżaminaw il-legalità tal-istruzzjonijiet matul proċedimenti dixxiplinari kontra prosekuturi, eż. jekk ikollhom jiddeċiedu jekk in-nuqqas ta' konformità mal-istruzzjonijiet jikkostitwix ksur tad-dmirijiet professjonali. **DK:** Il-Ministru tal-Ġustizzja għandu s-setgħa li jagħti struzzjonijiet dwar il-prosekuzzjoni f'każijiet individwali (l-Artikolu 98(3) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja). Madankollu, Ministri tal-Ġustizzja differenti żammew lura ħafna milli jużaw din il-possibbiltà, u din l-istruzzjoni ilha ma tingħata sa mis-snin 1990. Il-President tal-Parlament Daniż irid jiġi informat dwar l-istruzzjonijiet bil-miktub (l-Artikolu 98(3) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja). Il-prosekuturi reġjonali tal-istat jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet mid-distretti tal-pulizija u d-Direttur tal-Prosekuzzjoni Pubbliċi jista' jirrieżamina d-deċiżjonijiet mill-prosekuturi reġjonali tal-istat. **IE:** Mhuwiex speċifikat fl-Artikolu 4.1 tal-Att dwar il-Prosekuzzjoni ta' Reati (Prosecution of Offences Act), 1974. **ES:** L-Avukat Ġenerali jstabbilixxi ordnijiet u struzzjonijiet interni xierqa għas-servizz u għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' prosekuzzjoni, li jistgħu jkunu ġenerali jew relatati ma' kwistjonijiet speċifiċi. **LT:** L-istruzzjonijiet mill-Prosekutur Ġenerali jistgħu jiġu appellati quddiem il-qorti. Il-Prosekutur Ġenerali ma jistax jagħti struzzjonijiet dwar liema deċiżjoni għandha tittieħed. **LU:** Il-Prosekutur Ġenerali u l-Ministru tal-Ġustizzja jistgħu jordnaw lis-servizzi tal-prosekuzzjoni sabiex imexxu prosekuzzjoni f'każ (iżda ma jistgħux jagħtu struzzjonijiet sabiex ma jmxexxux). Madankollu, il-Ministru tal-Ġustizzja ilu aktar minn 20 sena ma joħroġ struzzjonijiet simili. Ma hemm l-ebda rekwiżit legali li jikkonsulta prosekutur jew ifittex l-opinjoni tal-Prosekutur Ġenerali dwar struzzjoni simili. **HR:** Struzzjonijiet mill-Prosekutur Ġenerali jistgħu jiġu rieżaminati rigward il-legalità, l-effiċjenza tagħhom, eċċ. **HU:** Skont l-Artikolu 53 L-Att CLXIV tal-2011 dwar l-Istatus tal-Prosekutur Ġenerali, il-Prosekuturi u Impjegati Oħra fil-Prosekuzzjoni u l-Karriera tal-Prosekuzzjoni, il-prosekutur jista' jitlob lill-Prosekutur Ġenerali biex jirċievi konferma bil-miktub tal-istruzzjoni f'każ individwali. Il-prosekutur jista' jiċħad l-istruzzjoni b'mod espliċitu, jekk din tkun tikkostitwixxi reat kriminali jew amministrattiv jew tipperikola lill-prosekutur, u jekk il-prosekutur ma jaqbilx mal-istruzzjoni, jista' tista' jagħmel/tagħmel talba biex il-każ jiġi trasferit lil prosekutur ieħor u din it-talba ma tkunx tista' tiġi rrifjutata. **MT:** B'referenza għall-mistoqsijiet rigward ir-rwol tal-prosekuturi individwali għall-kuntrarju tar-rwol tal-Avukat Ġenerali, il-Kostituzzjoni ta' Malta tistabbilixxi l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali nnifsu. Hija tagħti ukoll drittijiet u obbligi u tagħti garanzija taż-żamma fil-kariga kif stipulat f'termini tal-Artikoli 91 u 97 tal-Kostituzzjoni. F'termini tal-Kapitolu 90 tal-Liġijiet ta' Malta - Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali, l-avukat ġenerali jimpjega uffiċjali sabiex jirrappreżentaw fil-funzjonijiet u fid-dmirijiet tiegħu f'konformità mal-liġi. Dawn l-uffiċjali jirrappreżentaw lill-Avukat Ġenerali fil-funzjonijiet u fid-diskrezzjoni tiegħu. Meta jirrappreżentaw lill-Avukat Ġenerali fil-funzjonijiet tiegħu, l-uffiċjali jingħataw l-istess protezzjoni legali. Għalhekk, fir-rigward tal-liġi ta' Malta, il-prosekuturi ma jingħataw b'mod speċifiku garanziji minħabba li, fil-funzjonijiet tal-mandat tagħhom f'termini ta' liġi, huma jitqiesu li jirrappreżentaw lill-Avukat Ġenerali nnifsu u f'tali funzjonijiet huma jgawdu mill-protezzjoni li l-liġi tagħti lill-Avukat Ġenerali stess. **NL:** Il-Ministru tal-Ġustizzja jista' jordna lis-servizzi ta' prosekuzzjoni sabiex imexxu prosekuzzjoni jew sabiex ma jmxexx f'każ, iżda jeħtieġ li qabel jikseb opinjoni motivata bil-miktub tal-Kunsill tal-Avukat Ġenerali (College van procureurs-generaal) dwar l-istruzzjonijiet issuġġeriti, u hija meħtieġa notifika lill-Parlament f'każ ta' struzzjonijiet sabiex ma jmxexx prosekuzzjoni. Madankollu, s'issa, kien hemm każ wieħed biss bħal dan li seħħ aktar minn għoxrin sena ilu. M'hemm l-ebda regolament speċjali rigward l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Prosekutur Ġenerali f'każijiet individwali. Il-Kulleġġ tal-Prosekuturi Ġenerali jista' jagħti struzzjonijiet lil prosekutur f'każ speċifiku. Dan il-korp huwa magħmul minn tlieta sa ħames membri, u jiddeċiedi b'magħoranza ta' mill-inqas tliet membri preżenti. Ma hemm l-ebda salvagwardja speċifika fis-seħħ, f'każijiet li fihom il-Kulleġġ jagħti struzzjonijiet f'każ speċifiku. **AT:** Il-Ministru tal-Ġustizzja għandu s-setgħa li jagħti struzzjonijiet dwar il-prosekuzzjoni f'każijiet individwali, wara opinjoni mhux vinkolanti ta' korp indipendenti ("Weisungsrat") stabbilit fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali. Il-Ministru tal-Ġustizzja jrid jirrapporta kull sena lill-Parlament dwar l-istruzzjonijiet kollha maħruġa

*f'każijiet individwali, ladarba l-każijiet ikkonċernati jkunu ġew konklużi, inkluż dwar ir-raġunament għan-nuqqas ta' segwitu ta' opinjoni tal-korp indipendenti ("Weisungsrat"), jekk applikabbli (§29a. (3) tal-Liġi dwar is-Servizz ta' Prosekuzzjoni). Għall-perjodu 2012-2017, ġew irrapportati 54 struzzjoni f'każijiet individwali (Weisungsbericht 2018). **PL:** Il-Prosekutur Ġenerali huwa wkoll il-Ministru tal-Ġustizzja. Jekk prosekutur pubbliku ma jaqbilx ma' struzzjoni f'każ individwali, huwa jista' jitlob li l-istruzzjoni tinbidel jew li huwa stess jiġi eskluż mill-amministrazzjoni tal-att jew mill-partiċipazzjoni fil-każ. L-esklużjoni tiġi finalment aġġudikata mill-prosekutur pubbliku li huwa s-superjur dirett tal-prosekutur pubbliku li jkun ta l-ordni. **SK:** L-istruzzjonijiet f'każijiet individwali jridu jkunu meħmuża mal-fajl tal-każ sabiex b'hekk partijiet oħra jkunu jistgħu jaqrawhom u jaqgħmlu kummenti biss f'kundizzjonijiet speċifiċi.*



### 3.3.3. Sommarju dwar l-indipendenza ġudizzjarja

L-indipendenza ġudizzjarja hija element fundamentali ta' sistema tal-ġustizzja effettiva. Hija vitali għaż-żamma tal-istat tad-dritt, il-ġustizzja fi proċedimenti ġudizzjarji u l-fiduċja taċ-ċittadini u tan-negozji fl-ordinament ġuridiku. Għal din ir-raġuni, kwalunkwe riforma tal-ġustizzja għandha tiddefendi l-istat tad-dritt u tikkonforma mal-istandards Ewropej dwar l-indipendenza ġudizzjarja. It-Tabella ta' Valutazzjoni turi x-xejriet fil-perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja fost il-pubbliku ġenerali u l-kumpaniji. Din l-edizzjoni tippreżenta wkoll xi indikaturi partikolari li jikkonċernaw is-salvagwardji legali relatati mal-korpi involuti fil-proċedimenti dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin u tal-prosekuturi. L-indikaturi strutturali ma jippermettux fihom infushom li jintlaħqu konklużjonijiet dwar l-indipendenza tal-ġudikatura tal-Istati Membri, iżda jirrappreżentaw elementi potenzjali li jistgħu jittieħdu bħala punt tal-bidu għal analiżi bħal din.

- It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2020 tippreżenta l-iżviluppi fl-**indipendenza perċepita** mill-istħarriġijiet tal-pubbliku ġenerali (l-Ewrobarometru) u tal-kumpaniji (l-Ewrobarometru u l-Forum Ekonomiku Dinji):
  - L-istħarriġijiet kollha ġeneralment juru *riżultati simili*, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompożizzjoni taż-żewġ gruppi ta' Stati Membri li għandhom l-aktar perċezzjoni għolja u l-aktar waħda baxxa dwar l-indipendenza ġudizzjarja.
  - L-istħarriġ tal-Forum Ekonomiku Dinji (Illustrazzjoni 48), ippreżentat għat-tmien darba, juri li l-perċezzjoni tan-negozji dwar l-indipendenza *tjiebet jew baqgħet stabbli* f'madwar żewġ terzi tal-Istati Membri, meta mqabbla mal-2010 kif ukoll mas-sena l-oħra. Barra minn hekk, fost l-Istati Membri li qed jaffaċċjaw sfidi speċifiċi (<sup>124</sup>), il-perċezzjoni dwar l-indipendenza *tjiebet jew baqgħet stabbli* fi kważi tlieta minn kull ħamsa minn dawk il-pajjiżi jekk wieħed iħares lejn il-perjodu ta' disa' snin.
  - L-istħarriġ tal-Ewrobarometru fost il-pubbliku ġenerali (Illustrazzjoni 44), ippreżentat għall-ħames darba, juri li l-perċezzjoni dwar l-indipendenza *tjiebet* fi kważi żewġ terzi tal-Istati Membri, meta mqabbla mal-2016. Il-perċezzjoni tal-pubbliku ġenerali dwar l-indipendenza *tjiebet* f'aktar minn żewġ terzi tal-Istati Membri li qed jaffaċċjaw sfidi speċifiċi jekk wieħed iħares lejn il-perjodu ta' ħames snin. Madankollu, meta mqabbel mas-sena l-oħra, il-perċezzjoni tal-pubbliku ġenerali dwar l-indipendenza *naqset* f'madwar żewġ Stati Membri minn kull ħamsa u f'madwar nofs l-Istati Membri li qed jaffaċċjaw sfidi speċifiċi, u fi ftit Stati Membri, il-livell ta' indipendenza perċepita għadu partikolarment baxx.
  - L-istħarriġ tal-Ewrobarometru fost il-kumpaniji (Illustrazzjoni 46), ippreżentat għall-ħames darba, juri li l-perċezzjoni dwar l-indipendenza *tjiebet* f'aktar minn nofs l-Istati Membri meta mqabbla mal-2016 u f'madwar tliet Stati Membri minn kull ħamsa meta mqabbla mas-sena li għaddiet (meta mqabbla mas-sena li għaddiet, dan kien il-każ f'madwar tliet Stati Membri minn kull ħamsa li kienu qed jaffaċċjaw sfidi speċifiċi, u f'aktar minn żewġ terzi tal-Istati Membri l-oħrajn). Madankollu, f'xi Stati Membri, il-livell ta' indipendenza perċepita għadu partikolarment baxx.
  - Fost ir-raġunijiet għan-nuqqas perċepit ta' indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin, l-*interferenza jew il-pressjoni mill-gvern u mill-politiċi* kienet l-aktar raġuni ddikjarata, segwita mill-pressjoni minn interessi ekonomiċi jew interessi speċifiċi oħrajn. Meta mqabbla mas-snin ta' qabel, iż-żewġ raġunijiet għadhom notevoli għal diversi Stati Membri fejn l-indipendenza perċepita hija baxxa ħafna (Illustrazzjonijiet 45 u 47).
  - Fost ir-raġunijiet għal perċezzjoni tajba dwar l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin, kważi erbgħa minn kull ħamsa kumpaniji u ċittadini mill-pubbliku ġenerali (ekwivalenti għal 43 % jew 44 % tar-rispondenti kollha, rispettivament) semmew il-

<sup>124</sup>

Ara n-nota 18 f'qiegħ il-paġna.

*garanziji pprovduti mill-istatus u mill-kariga tal-imħallfin.*

- It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 tippreżenta ħarsiet ġenerali aġġornati lejn l-awtoritajiet dixxiplinari li jittrattaw proċedimenti fir-rigward ta' mħallfin kif ukoll il-kompetenza tal-ġudikatura, tal-eżekuttiv u tal-parlament fl-għażla ta' mħallfin-membri tal-Kunsilli għall-Ġudikatura, kif ukoll xi ħarsiet ġenerali lejn is-servizzi ta' prosekuzzjoni:
- L-Illustrazzjoni 49 tippreżenta ħarsa ġenerali aġġornata lejn l-awtoritajiet inkarigati mill-**proċedimenti dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin**. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, l-awtorità li tiddeċiedi dwar is-sanzjonijiet dixxiplinari hija awtorità indipendenti bħal qorti (il-Qorti Suprema, il-Qorti Amministrattiva jew il-President tal-Qorti) jew Kunsill għall-Ġudikatura, filwaqt li f'xi Stati Membri hija qorti speċjali li l-membri tagħha jintgħażlu jew jinħatru speċifikament (mill-Kunsill għall-Ġudikatura, mill-Imħallfin jew, fi Stat Membri wieħed, mill-Ministru tal-Ġustizzja) sabiex jaġixxu fi proċedimenti dixxiplinari.
- L-Illustrazzjoni 50 tippreżenta ħarsa ġenerali aġġornata lejn min huwa l-**investigatur inkarigat mill-investigazzjonijiet dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin**. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, l-investigatur huwa President tal-Qorti jew Kunsill għall-Ġudikatura. F'xi Stati Membri l-investigatur huwa magħżul speċifikament mill-imħallfin jew inkella mill-Kunsill għall-Ġudikatura jew, fi Stat Membru wieħed, mill-Ministru tal-Ġustizzja.
- L-Illustrazzjonijiet 51 u 52 juru ħarsiet ġenerali aġġornati lejn l-involviment tal-ġudikatura fil-**ħatra tal-imħallfin-membri tal-Kunsill għall-Ġudikatura u l-kompożizzjoni tal-Kunsilli għall-Ġudikatura**. Hija responsabbiltà tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi tal-ġustizzja tagħhom, inkluż jekk għandhomx iwaqqfu jew le Kunsill għall-Ġudikatura. Madankollu, meta Kunsill għall-Ġudikatura jkun twaqqaf minn Stat Membru, l-indipendenza tal-Kunsill trid tiġi ggarantita skont l-istandards Ewropej. Fi kważi l-Istati Membri kollha, l-imħallfin-membri tal-Kunsilli jiġu proposti u eletti jew jintgħażlu mill-imħallfin.
- L-Illustrazzjonijiet 53 u 54 jippreżentaw rapporti dwar l-**awtoritajiet dixxiplinari li jittrattaw il-proċedimenti rigward il-prosekuturi**. L-Illustrazzjoni 55 turi ħarsa ġenerali aġġornata u aktar dettaljata ta' liema korpi jistgħu jagħtu **struzzjonijiet lill-prosekuturi f'każijiet individwali** u tippreżenta xi wħud mis-salvagwardji li hemm fis-seħħ, jekk dawn l-istruzzjonijiet jingħataw f'każ konkret.

#### 4. KONKLUŻJONIJIET

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 turi titjib kontinwu fl-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri. Minkejja dan, għad hemm sfidi sabiex tiġi żgurata l-fiduċja sħiħa taċ-ċittadini fl-ordinamenti legali ta' daww l-Istati Membri fejn il-garanziji tal-istatus u tal-kariga tal-imħallfin u, għalhekk, tal-indipendenza tagħhom, jaf huma f'riskju.

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tipprovi informazzjoni oġġettiva u komparabbli dwar l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali, u tintuża bħala referenza fis-Semestru Ewropew, u se tkun waħda mis-sorsi fir-Rapport li jmiss dwar l-Istat tad-Dritt. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar it-tiżiħ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni – Pjan ta' azzjoni, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE se tkompli tiġi żviluppata fl-oqsma rilevanti relatati mal-istat tad-dritt.